



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0284/2022**

30.11.2022

# **RAPPORT**

Lejn drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità  
(2022/2026(INI))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Anne-Sophie Pelletier

Rapporteurs għall-opinjoni tal-kumitati assoċjati skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura:  
Jordi Cañas, Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali  
Ulrike Müller, Kumitat għall-Petizzjonijiet

**WERREJ**

	<b>Paġna</b>
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
NOTA SPJEGATTIVA .....	34
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI.....	38
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-PETIZZJONIJIET .....	57
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI.....	69
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	72
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	73

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### Lejn drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità (2022/2026(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 2, 9, 10, 19, 48, 67(4), 153, 165, 168, 174 u 216(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 3, 6, 14, 15, 20, 21, 23, 24, 25, 26, 34, 35, 40, 41 u 47 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari l-prinċipji tiegħu nru 1 dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja, nru 2 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, nru 3 dwar l-opportunitajiet indaqs, nru 4 dwar l-appoġġ attiv għall-impjiegi, nru 5 dwar l-impjiegi siguri u adattabbli, nru 6 dwar is-salarji, nru 10 dwar ambjent tax-xogħol u protezzjoni tad-data tajbin għas-saħħa, siguri u adattati u l-protezzjoni tad-data, nru 11 dwar il-kura tat-tfal u appoġġ għat-tfal, nru 14 dwar l-introjtu minimu u nru 17 dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), u d-dħul fis-seħħ tagħha fil-21 ta' Jannar 2011 b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra l-Osservazzjonijiet Ġenerali dwar il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità bħala l-gwida awtorevoli tal-implimentazzjoni tagħha, b'mod partikolari l-Osservazzjonijiet Ġenerali nru 2 tat-22 ta' Mejju 2016 dwar l-aċċessibbiltà, nru 3 tal-25 ta' Novembru 2016 dwar in-nisa u l-bniet b'diżabilità, nru 4 tal-25 ta' Novembru 2016 dwar id-dritt għal edukazzjoni inklużiva, nru 5 tas-27 ta' Ottubru 2017 dwar il-ħajja indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità, nru 6 tas-26 ta' April 2018 dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni u nru 7 tad-9 ta' Novembru 2018 dwar il-parteciċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità, inklużi t-tfal b'diżabilità, permezz tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ tal-Konvenzjoni,
- wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Kondotta bejn il-Kunsill, l-Istati Membri u l-Kummissjoni li jstabbilixxi l-arranġamenti interni għall-implimentazzjoni minn u r-rappreżentanza tal-Unjoni Ewropea relatati mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta'

---

<sup>1</sup> ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35.

<sup>2</sup> ĠU C 340, 15.12.2010, p. 11.

Persuni b'Diżabilità (il-Kumitat dwar is-CRPD) tat-2 ta' Ottubru 2015 dwar ir-rapport inizjali tal-UE, u l-lista ta' kwistjonijiet ippreżentata mill-Kumitat dwar is-CRPD tal-20 ta' April 2022, qabel il-preżentazzjoni tat-tieni u tat-tielet rapport perjodiku tal-Unjoni Ewropea,

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal,
- wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, b'mod partikolari r-referenzi espliċiti għad-diżabilità inklużi fl-għanijiet nru 1 u nru 2 dwar l-eliminazzjoni tal-faqar u l-ġuħ, nru 3 dwar is-saħħa, nru 4 dwar l-edukazzjoni, nru 8 dwar it-tkabbir u l-impjegi, nru 10 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanza, nru 11 dwar l-aċċessibbiltà tal-insedjamenti umani u nru 17 dwar il-ġbir tad-data,
- wara li kkunsidra r-rapporti mill-UN Women dwar in-nisa u l-bniet b'diżabilità, b'mod partikolari r-rapport tagħha tal-1 ta' Lulju 2021 intitolat "COVID-19, gender, and disability checklist: preventing and addressing gender-based violence against women, girls, and gender non-conforming persons with disabilities during the COVID-19 pandemic"<sup>3</sup> (COVID-19, il-ġeneru u l-lista ta' kontroll dwar id-diżabilità: il-prevenzjoni u l-indirizzar tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa, il-bniet u l-persuni b'diżabilità li ma jikkonformawx mal-ġeneru matul il-pandemija tal-COVID-19),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (Konvenzjoni ta' Istanbul),
- wara li kkunsidra l-inkjesta strateġika tal-Ombudsman Ewropew dwar kif il-Kummissjoni tiżgura li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jaċċedu għas-siti web tagħha,
- wara li kkunsidra l-miżura tal-Kunsill li tistabbilixxi l-qafas rivedut fil-livell tal-UE meħtieġ mill-Artikolu 33(2) tas-CRPD,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Marzu 2019 intitolat "Id-drittijiet reali ta' persuni b'diżabilità li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew"<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra l-inkjesta strateġika tal-Ombudsman Ewropew dwar kif il-Kummissjoni timmonitorja l-fondi tal-UE użati biex tippromwovi d-dritt tal-persuni b'diżabilità u l-anzjani f'ħaġġa indipendenti,

<sup>3</sup> <https://reliefweb.int/report/world/covid-19-gender-and-disability-checklist-preventing-and-addressing-gender-based>

<sup>4</sup> <https://www.eesc.europa.eu/sites/default/files/files/qe-02-19-153-mt-n.pdf>

- wara li kkunsidra r-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2021 u r-rapport tal-2022 tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "It-tiswir tal-aġenda tal-UE għal drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2020-2030"<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra l-Indiċi dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2021 tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji<sup>6</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013<sup>7</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI<sup>8</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibilità tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku<sup>9</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtazjiet tas-suq li qed jinbidlu<sup>10</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi<sup>11</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-prodotti u għas-servizzi<sup>12</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-

<sup>5</sup> ĠU C 97, 24.3.2020, p. 41.

<sup>6</sup> ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14.

<sup>7</sup> ĠU L 189, 28.5.2021, p. 34.

<sup>8</sup> ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57.

<sup>9</sup> ĠU L 327, 2.12.2016, p. 1.

<sup>10</sup> ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69.

<sup>11</sup> ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36.

<sup>12</sup> ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70.

persuni li jindukraw<sup>13</sup>,

- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol<sup>14</sup>,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 tat-8 ta' Mejju 2019 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini<sup>15</sup>,
- wara li kkunsidra l-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-2 ta' Diċembru 2020 intitolat "Digitalisation of justice in the European Union – A toolbox of opportunities" (Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea – Strumentarju ta' opportunitajiet) (SWD(2020)0540),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ottubru 2020 intitolata "Unjoni tal-Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni" (COM(2020)0620),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2020 intitolata "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025" (COM(2020)0698),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2021 intitolata "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2030" (COM(2021)0101), b'mod partikolari s-sitt inizjattivi ewlenin fiha,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2022 intitolata "2022 EU Justice Scoreboard" (It-tabella ta' valutazzjoni tal-ġustizzja tal-UE għall-2022) (COM(2022)0234),
- wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea riveduta, b'mod partikolari l-Artikolu 15 tagħha, dwar id-dritt tal-persuni b'diżabilità għall-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali, u l-parteċipazzjoni fil-ħajja tal-komunità,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426) u l-pożizzjoni tal-Parlament tat-2 ta' April 2009 dwarha<sup>16</sup>,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 1998 dwar il-kard għall-parkeġġ għal persuni b'diżabilità<sup>17</sup>,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal<sup>18</sup>,

---

<sup>13</sup> ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79.

<sup>14</sup> ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.

<sup>15</sup> ĠU L 127, 16.5.2019, p. 34.

<sup>16</sup> ĠU C 137 E, 27.5.2010, p. 68.

<sup>17</sup> ĠU L 167, 12.6.1998, p. 25.

<sup>18</sup> ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14.

- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2019 dwar swieq tax-xogħol inklużivi: It-titjib tal-impjieg ta' persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fis-suq tax-xogħol<sup>19</sup>;
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2021 intitolata "Building an economy that works for people: an action plan for the social economy" (Bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies: pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali) (SWD(2021)0373),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2022 dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' inklużjoni fil-qafas ta' Erasmus+ 2014-2020<sup>20</sup>,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tat-3 ta' Mejju 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill (76/787/KEFA, KEE, Euratom) u l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali<sup>21</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-UE tat-tfal u ż-żgħażaġh li qed jaħarbu minħabba l-gwerra fl-Ukrajna<sup>22</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna għall-UE - it-tishiġ tal-kapaċità tal-UE li taġixxi<sup>23</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fl-UE, fil-kuntest tas-saħħa tan-nisa<sup>24</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2021 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru: il-vjolenza ċibernetika<sup>25</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar is-sitwazzjoni tal-artisti u l-irkupru kulturali fl-UE<sup>26</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2021 dwar il-protezzjoni tal-persuni b'diżabilità permezz tal-petizzjonijiet: tagħlimiet meħuda<sup>27</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2021 dwar il-Garanzija Ewropea għat-Tfal<sup>28</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2021 dwar l-implimentazzjoni

<sup>19</sup> <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14646-2019-INIT/mt/pdf>

<sup>20</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0265.

<sup>21</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0129.

<sup>22</sup> ĠU C 434, 15.11.2022, p. 50.

<sup>23</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0219.

<sup>24</sup> ĠU C 81, 18.2.2022, p. 43.

<sup>25</sup> ĠU C 251, 30.6.2022, p. 2.

<sup>26</sup> ĠU C 184, 5.5.2022, p. 88.

<sup>27</sup> ĠU C 132, 24.3.2022, p. 129.

<sup>28</sup> ĠU C 506, 15.12.2021, p. 94.

tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol fid-dawl tas-CRPD<sup>29</sup>,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2020 dwar id-drittijiet tal-persuni u l-familji tagħhom b'diżabilità intellettuali fil-kriżi tal-COVID-19<sup>30</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2020 dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha<sup>31</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità għal wara l-2020<sup>32</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2017 dwar is-sistemi penitenzjarji u l-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet<sup>33</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2018 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa b'diżabilità<sup>34</sup>,
- wara li kkunsidra l-istudju intitolat "European structural and investment funds and people with disabilities in the European Union" (Il-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej u l-persuni b'diżabilità fl-Unjoni Ewropea), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu fit-3 ta' Novembru 2016<sup>35</sup>,
- wara li kkunsidra l-istudju intitolat "Inclusive education for learners with disabilities" (Edukazzjoni inklużiva għall-istudenti b'diżabilità), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu fil-15 ta' April 2021<sup>36</sup>,
- wara li kkunsidra l-istudju intitolat "The protection role of the Committee on Petitions in the context of the implementation of the UN Convention on the Rights of Persons with Disabilities" (Ir-rwol ta' protezzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu fid-9 ta' Ottubru 2015<sup>37</sup>, u l-aġġornamenti tiegħu tal-2016, tal-2017 u tal-2018,
- wara li kkunsidra l-analiżi fil-fond intitolata "The European Accessibility Act" (L-Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità), ippubblikata mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki

---

<sup>29</sup> ĠU C 474, 24.11.2021, p. 48.

<sup>30</sup> ĠU C 371, 15.9.2021, p. 6.

<sup>31</sup> ĠU C 316, 6.8.2021, p. 2.

<sup>32</sup> ĠU C 362, 8.9.2021, p. 8.

<sup>33</sup> ĠU C 346, 27.9.2018, p. 94.

<sup>34</sup> ĠU C 363, 28.10.2020, p. 164.

<sup>35</sup> Studju – "European structural and investment funds and people with disabilities in the European Union", Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku C – Drittijiet taċ-Ċittadini u Affarijiet Kostituzzjonali, 3 ta' Novembru 2016.

<sup>36</sup> Studju – "Inclusive education for learners with disabilities", Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku C – Drittijiet taċ-Ċittadini u Affarijiet Kostituzzjonali, 15 ta' Settembru 2017.

<sup>37</sup> Studju – "The protection role of the Committee on Petitions in the context of the implementation of the UN Convention on the Rights of Persons with Disabilities", Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku C – Drittijiet taċ-Ċittadini u Affarijiet Kostituzzjonali, 9 ta' Ottubru 2015.



Interni tiegħu fil-15 ta' Awwissu 2016<sup>38</sup>,

- wara li kkunsidra l-istudju intitolat "Transport and tourism for persons with disabilities and persons with reduced mobility" (It-trasport u t-turiżmu għall-persuni b'diżabilità u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu fit-8 ta' Mejju 2018<sup>39</sup>,
- wara li kkunsidra l-istudju intitolat "The Post-2020 European Disability Strategy" (L-istrateġija Ewropea tad-diżabilità wara l-2020), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu fil-15 ta' Lulju 2020<sup>40</sup>,
- wara li kkunsidra l-istudju intitolat "The implementation of the 2015 Concluding Observations of the CRPD Committee by the EU" (L-implimentazzjoni tal-osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat dwar is-CRPD mill-UE tal-2015), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu fit-2 ta' Diċembru 2021<sup>41</sup>,
- wara li kkunsidra l-missjoni li għamlet id-delegazzjoni *ad hoc* tal-Parlament Ewropew għall-Konferenza tal-Istati Parti għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (COSP) bejn l-14 u s-16 ta' Ġunju 2022 fi New York f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tas-26 ta' Mejju 2021 intitolat "L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit tal-UE: wasal iż-żmien li l-kliem jissarraf f'azzjoni"<sup>42</sup>,
- wara li kkunsidra l-oġettiv relatat mal-faqar ta' Ewropa 2020, id-dikjarazzjoni ta' Porto, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 intitolata "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" (COM(2021)0102) u l-oġettiv tiegħu għall-2030 relatat mal-ġlieda kontra l-faqar u mal-esklużjoni soċjali,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità<sup>43</sup>,
- wara li kkunsidra r-regolamenti li jstabbilixxu r-regoli dwar il-programmi ta' finanzjament tal-UE fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali, partikolarment il-Fond

---

<sup>38</sup> Analiżi fil-fond – "The European Accessibility Act", European Parliament, Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku C – Drittijiet taċ-Ċittadini u Affarijiet Kostituzzjonali, 15 ta' Awwissu 2016.

<sup>39</sup> Studju – "Transport and tourism for persons with disabilities and persons with reduced mobility", Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku B – Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni, 8 ta' Mejju 2018.

<sup>40</sup> Studju – "The Post-2020 European disability strategy", Parlament Ewropew, Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku C – Drittijiet taċ-Ċittadini u Affarijiet Kostituzzjonali, 15 ta' Lulju 2020.

<sup>41</sup> Studju – "The implementation of the 2015 Concluding Observations of the CRPD Committee by the EU", Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, Dipartiment Tematiku C – Drittijiet taċ-Ċittadini u Affarijiet Kostituzzjonali, 2 ta' Diċembru 2021.

<sup>42</sup> <https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=58678>

<sup>43</sup> ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.

Soċjali Ewropew, l-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-programm Erasmus, u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, li kollha kemm huma jipprovdu assistenza finanzjarja tal-UE għat-titjib tas-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità,

- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/95 tat-22 ta' Ġunju 2018 dwar standards għall-korpi għall-ugwaljanza<sup>44</sup>,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2020 intitolata "Strateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010–2020: Impenn mill-Ġdid għal Ewropa mingħajr Ostakoli" (COM(2010)0636),
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tat-2 ta' Frar 2017 intitolat "Progress Report on the implementation of the European Disability Strategy (2010-2020)" (Rapport ta' Progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità (2010-2020)) (SWD(2017)0029),
- wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-proġett pilota tal-Kummissjoni għall-2016-2018 fi tmien Stati Membri dwar karta tad-diżabilità tal-UE, u l-istudju ta' Mejju 2021 li jivvaluta l-implimentazzjoni tal-azzjoni pilota dwar il-Karta tad-Diżabilità tal-UE u l-benefiċċji assoċjati,
- wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-20 ta' Novembru 2020 intitolat "Evaluation of the European Disability Strategy 2010-2020" (Evalwazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020) (SWD(2020)0289),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2021 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità ("Direttiva dwar l-Ugwaljanza u fl-Impjieġi u Razzjali") u tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieġ u fix-xogħol ("Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieġi") (COM(2021)0139),
- wara li kkunsidra l-policy brief tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) tal-21 ta' Marzu 2022 intitolata "People with disabilities and the COVID-19 pandemic: Findings from the *Living, working and COVID-19* e-survey" (Il-persuni b'diżabilità u l-pandemija tal-COVID-19: riżultati tal-istħarriġ elettroniku dwar il-ħajja, ix-xogħol u l-COVID-19),
- wara li kkunsidra r-rapport ta' riċerka tal-Eurofound tad-19 ta' Apritil 2020 intitolat "Disability and labour market integration: Policy trends and support in EU Member States" (Diżabilità u integrazzjoni fis-suq tax-xogħol: xejriet ta' politika u appoġġ fl-Istati Membri tal-UE),
- wara li kkunsidra l-policy brief tal-Eurofound tat-30 ta' Novembru 2018 intitolata "The social and employment situation of people with disabilities" (Is-sitwazzjoni soċjali u tal-

---

<sup>44</sup> ĠU L 167, 4.7.2018, p. 28.

impjiegi tal-persuni b'diżabilità),

- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal<sup>45</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,
  - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0284/2022),
- A. billi, skont id-data disponibbli, fl-UE hemm madwar 87 miljun ruħ li għandhom xi forma ta' diżabilità, li minnhom aktar minn 24 miljun ruħ b'diżabilità gravi;
- B. billi skont l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, aktar minn miljun tifel u tifla u adult b'diżabilità taħt l-età ta' 65 sena u aktar minn 2 miljun adult li għandhom 65 sena jew aktar jgħixu f'istituti; billi teżisti rabta bejn iż-żieda fl-għadd ta' persuni b'diżabilità u t-tixjiħ tal-popolazzjoni Ewropea, aspett li għandu jitqies fil-politiki tal-UE;
- C. billi skont l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, 50,8 % tal-persuni b'diżabilità għandu impjeg, meta mqabbla ma' 75 % tal-persuni mingħajr diżabilità; billi skont l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, l-evalwazzjoni tal-Istrateġija dwar id-Diżabilità 2010-2020 "identifikat l-impjeg bħala wieħed mill-ewwel ħames prijoritajiet politiċi ewlenin għal azzjonijiet futuri";
- D. billi l-persuni b'diżabilità li jgħixu fl-UE għadhom isibu quddiemhom diskriminazzjoni, inklużi t-tiċħid ta' akkomodazzjoni raġonevoli, fastidju u forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni fl-oqsma kollha ta' ħajjithom, fosthom żvantaġġi soċjoekonomiċi, iżolament soċjali, trattament ħażin u vjolenza, anki abbażi tal-ġeneru, sterilizzazzjoni u abort furzati, nuqqas ta' aċċess għas-servizzi tal-komunità, akkomodazzjoni ta' kwalità baxxa, rikoveri f'istituti, kura tas-saħħa inadegwata u tiċħid tal-opportunità li jikkontribwixxu u jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà<sup>46</sup>;
- E. billi 22 Stat Membru biss minn 27 iffirmaw u rratifikaw il-Protokoll Fakultattiv għas-CRPD<sup>47</sup>; billi f'diversi riżoluzzjonijiet, il-Parlament immonitorja, ippromwova u talab l-implimentazzjoni sħiħa tas-CRPD, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet li jinsabu fiha; billi l-Parlament saħaq ukoll fuq il-ħtieġa, kemm għall-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan kif ukoll għall-UE, li jiġi ratifikat il-Protokoll Fakultattiv

<sup>45</sup> ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14.

<sup>46</sup> Briefing konġunt għall-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità fir-rigward tar-rieżami tal-implimentazzjoni tas-CRPD min-naħa tal-UE, disponibbli fl-indirizz <https://equineteurope.org/wp-content/uploads/2022/02/02-14-Joint-Briefing-CRPD-Equality-and-intersectional-issues-faced-by-persons-with-disabilities-in-the-European-Union.pdf>

<sup>47</sup> <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=mt&catId=1138>

għas-CRPD, peress li din hija triq li toffri l-opportunità biex jiġu eżaminati każijiet individwali jew sistemiċi ta' diskriminazzjoni;

- F. billi Ewropa aċċessibbli u inklużiva għad-diżabilità tissejjes fuq Unjoni li fiha l-Istati Membri kollha jirrikonoxxu l-istatus ta' diżabilità ta' persuna u jippermettu lill-persuni b'diżabilità jgawdu bis-sħiħ il-libertà ta' moviment tagħhom; billi l-persuni b'diżabilità, fid-diversità kollha tagħhom, għandhom id-dritt li jgawdu d-drittijiet fundamentali tagħhom fuq bażi ugwali; billi l-parteciġazzjoni sħiħa u effettiva tal-persuni b'diżabilità fl-oqsma kollha tal-ħajja u tas-soċjetà hija kruċjali għat-tgawdija tad-drittijiet fundamentali tagħhom;
- G. billi l-Kummissjoni ma ħaditx inizzjattivi effikaċi biex tiżgura l-armonizzazzjoni ġuridika mas-CRPD; billi sa issa la kien hemm rieżami tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki eżistenti u lanqas reviżjoni tal-linji gwida f'dik li hi valutazzjoni tal-impatt qabel proposta għal-leġiżlazzjoni;
- H. billi n-nuqqas ta' definizzjoni komuni ta' diżabilità fl-UE jikkostitwixxi ostaklu kbir għall-kodifikazzjoni tal-valutazzjoni tad-diżabilità u għar-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet nazzjonali dwar kwistjonijiet ta' diżabilità, b'mod partikolari l-eliġibbiltà għall-aċċess għal faċilitajiet u servizzi speċifiċi fil-qasam tas-sigurtà soċjali;
- I. billi fil-livell tal-UE hemm disponibbli data affidabbli u diżaggregata limitata ħafna dwar il-persuni b'diżabilità;
- J. billi l-Kummissjoni ppreżentat aġenda ambizzjuża fil-qafas tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030;
- K. billi, skont l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità mhijiex implimentata u infurzata b'mod effikaċi; billi l-liġijiet tal-UE ma jkoprox forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni u billi għad hemm lakuni fil-monitoraġġ tal-każijiet ta' diskriminazzjoni;
- L. billi l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom isaħħu l-proċess strutturat ta' konsultazzjoni tal-persuni b'diżabilità u tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom billi jiżguraw id-dritt għall-informazzjoni u l-aċċessibbiltà ta' tali proċessi, kemm f'termini ta' aċċessibbiltà diġitali tal-pjattaformi online kif ukoll f'termini ta' żmien biex jingħata feedback, u billi jiżguraw li l-kontribut jintalab fil-fażijiet tal-proċess leġiżlattivi li fih għadu jista' jagħmel differenza; billi għadha nieqsa t-trasparenza dwar kif dan il-kontribut jiġi pproċessat u rifless fil-proposti finali; billi anki l-Istati Membri u l-pajjiż barra mill-UE, b'mod partikolari l-pajjiżi kandidati, għandhom jagħmlu aktar f'dan ir-rigward;
- M. billi l-persuni b'diżabilità li l-kapaċità ġuridika tagħhom ġiet miċħuda jew limitata jafu ma jkunux jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom, inklużi d-dritt għall-aċċess għall-ġustizzja, id-dritt tal-vot u ta' eliġibbiltà jew id-dritt li jiddeċiedu fejn jgħixu u li jiffirmaw kwalunkwe tip ta' kuntratt;
- N. billi l-aċċess għall-ġustizzja huwa aspett essenzjali tal-istat tad-dritt, dritt fundamentali u prerekwiżit għat-tgawdija ta' drittijiet tal-bniedem oħra bħall-ugwaljanza quddiem il-liġi u r-rispett tad-dritt għal proċess ġust; billi l-Artikolu 13 tas-CRPD jipprevedi li l-

Istati parti jiżguraw li l-persuni b'diżabilita jkollhom "aċċess effettiv għall-ġustizzja ... fuq bażi ugwali mal-oħrajn ... billi jkun hemm modifiki proċedurali", li jiġi promoss taħriġ xieraq lil dawk li jaħdmu fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja;

- O. billi l-eżistenza ta' diżabilita fiha nnifisha ma tiġġustifikax it-tiċħid tal-kapaċita ġuridika tal-persuni b'diżabilita; billi kwalunkwe miżura ta' restrizzjoni tal-kapaċita ġuridika tagħhom trid tiġi adattata għaċ-ċirkostanzi tagħhom u tkun proporzjonata għall-ħtiġijiet tagħhom, u għandha tiġi applikata biss f'ċerti kundizzjonijiet u b'ċerti garanziji;
- P. billi, skont ir-rapport tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-2019 intitolat "Id-drittijiet reali ta' persuni b'diżabilita li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew", madwar 800 000 ċittadin tal-UE ġew imċaħħda mid-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew minħabba diżabilita jew problemi ta' saħħa mentali u miljuni ta' ċittadini tal-UE ma għandhomx il-possibilita li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew minħabba ostakli tekniċi jew in-nuqqas ta' arranġamenti organizzattivi adegwati li ma jqsux il-bżonnijiet marbuta ma' diżabilita waħda jew aktar;
- Q. billi f'14-il Stat Membru d-dritt tal-vot ġie mċaħħad lill-persuni b'diżabilita taħt tutela totali jew parzjali<sup>48</sup>; billi l-persuni b'diżabilita jistgħu jeżerċitaw id-dritt ta' eliġibilita tagħhom fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew f'seba' Stati Membri biss; billi dan jikkostitwixxi ksur ċar tal-Artikoli 39 u 40 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; billi ħafna ostakli għall-aċċessibilita għadhom jimpedixxu lill-persuni b'diżabilita milli jipparteċipaw fl-elezzjonijiet;
- R. billi l-pandemija kellha impatt serju fuq il-benesseri psikoloġiku tat-tfal u taż-żgħażaġh, b'mod partikolari dawk b'diżabilita; billi l-pandemija tal-COVID-19 affettwat lill-persuni b'diżabilita li jgħixu f'istituti aktar minn oħrajn, minħabba l-prattika komuni ta' projbizzjonijiet ta' żjarat f'tali istituti; billi l-Istati Membri jeħtieġ li jżidu l-isforzi tagħhom biex itejbu l-kundizzjonijiet ta' ħajja tal-persuni b'diżabilita matul il-pandemiji futuri;
- S. billi l-UE għandha tiggarrantixxi aħjar id-drittijiet u l-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilita fil-politiki tas-saħħa tagħha, bħall-politiki relatati mal-COVID-19, l-istrateġiji dwar is-saħħa mentali u l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer;
- T. billi l-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030 jirrifletti aġenda ta' żvilupp sostenibbli bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem li tinkludi l-persuni b'diżabilita u li tkunilhom aċċessibbli, jipprevedi li l-politiki kollha għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri jintegraw perspettiva ta' diżabilita u jippromwovi teħid ta' deċizzjonijiet inklużiv u mgħarraf bir-riskji, ibbażat fuq it-tixrid ta' informazzjoni diżaggregata skont id-diżabilita;
- U. billi t-teknoloġija tal-intelliġenza artifiċjali (IA) għandha l-potenzjal, b'mod partikolari, li tissemplifika l-ħajja ta' kuljum tal-persuni b'diżabilita viżiva, tas-smiġh, fil-moviment u fl-apprendiment, u tippermettilhom li jaċċedu aktar faċilment għall-kultura, għall-arti, għall-isport, għax-xogħol u għall-attivitajiet soċjali u għalhekk tippermettilhom jgħixu b'mod aktar indipendenti;

<sup>48</sup> Rapport tal-Forum Ewropew dwar id-Diżabbiltà tal-2022 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

- V. billi l-persuni b'diżabilità għandhom probabbiltà mill-inqas tliet darbiet aktar li jissfaw vittmi ta' vjolenza fiżika, sesswali u psikoloġika minn persuni mingħajr diżabilità; billi n-nisa u l-bniet b'diżabilità huma aktar esposti għar-riskju ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru; billi l-probabbiltà li jissfaw vittmi ta' vjolenza sesswali hija sa 10 darbiet akbar għan-nisa b'diżabilità<sup>49</sup>, inkluża l-isterilizzazzjoni furzata, u billi l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri ma tqisx bis-sħiħ id-drittijiet u l-bżonnijiet tagħhom;
- W. billi r-rikonoxximent tal-intersezzjoni bejn il-vjolenza, il-ġeneru u d-diżabilità li jiffaċċjaw in-nisa u l-bniet b'diżabilità huwa essenzjali għall-adozzjoni ta' strateġiji ta' rispons inklużivi; billi ħafna persuni b'diżabilità jistgħu wkoll ma jkollhomx aċċess għall-edukazzjoni sesswali, li minflok taf tgħinhom jidentifikaw u jipprevjenu l-abbuż, u billi dawn quddiemhom isibu ostakli akbar biex jaċċedu għall-ġustizzja u jirrapportaw il-vjolenza; billi n-nisa b'diżabilità għandhom probabbiltà akbar li jgħixu f'kundizzjonijiet ta' faqar u iżolament meta mqabbla mal-irġiel b'diżabilità jew ma' persuni mingħajr diżabbiltà;
- X. billi d-detenuți b'diżabilità għadhom qed iħabbtu wiċċhom ma' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom f'diversi Stati Membri; billi d-detenuți b'diżabilità mhux rikonoxxuta jew li ma titqiesx biżżejjed jgħixu f'kundizzjonijiet ta' detenzjoni tal-mistħija; billi l-Istati Membri spiss wisq jiksru d-drittijiet fundamentali tad-detenuți b'diżabilità inkwantu ma jqisux il-bżonnijiet tagħhom;
- Y. billi l-kreaturi kulturali – bħall-awturi, l-artisti tal-ispettaklu u l-artisti – b'diżabilità għandhom aktar diffikultà fl-aċċess għall-attivitajiet artistiċi u kulturali professjonali u mhux professjonali, kif ukoll inqas opportunitajiet biex jiżviluppaw karrieri fit-tul fis-setturi kulturali u kreattivi; billi huma spiss esklużi mill-politika u mill-finanzjamenti fis-setturi kulturali u kreattivi għax il-mobbiltà mnaqqsa, pereżempju, ma titqiesx u l-proċeduri burokratiċi ta' finanzjament jikkostitwixxu sfida;
- Z. billi jeħtieġ li l-Unjoni tagħti lit-tfal b'diżabilità li ħarbu minn gwerra appoġġ addizzjonali biex jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom; billi, skont ir-risoluzzjoni tiegħu dwar il-protezzjoni tal-UE tat-tfal u ż-żgħażaġh li qed jaħarbu minħabba l-gwerra fl-Ukrajna adottata f'April 2022, aktar minn 100 000 tifel u tifla, nofshom għandhom diżabilità, jgħixu f'kura istituzzjonali u f'boarding schools fl-Ukrajna;
- AA. billi riċerka tal-Eurofound turi li bejn l-2011 u l-2016, id-distakk f'termini ta' edukazzjoni terzjarja bejn il-persuni b'diżabilità u daww mingħajr diżabilità kiber, u għadda minn 7 % għal 9 %; billi 29,4 % biss tal-persuni b'diżabilità jiksew diploma ta' edukazzjoni terzjarja meta mqabbel mat-43,8 % ta' daww mingħajr diżabilità; billi l-limitazzjonijiet f'termini ta' aċċess għall-edukazzjoni għall-persuni b'diżabilità jwasslu għal inqas parteċipazzjoni fl-attivitajiet edukattivi u ta' taħriġ u għal riskju ta' esklużjoni soċjali u ekonomika;

<sup>49</sup> Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġenerazzjoni (UNFPA) u Women Enabled International, "Women and Young Persons with Disabilities: Guidelines for Providing Rights-Based, Gender-Responsive Services to Address Gender-Based Violence and Sexual and Reproductive Health and Rights" (Nisa u żgħażaġh b'diżabilità: linji gwida għall-forniment ta' servizzi bbażati fuq id-drittijiet u reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru biex jiġu indirizzati l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati), 2018, [https://www.unfpa.org/sites/default/files/pub-pdf/UNFPA-WEI\\_Guidelines\\_Disability\\_GBV\\_SRHR\\_FINAL\\_19-11-18\\_0.pdf](https://www.unfpa.org/sites/default/files/pub-pdf/UNFPA-WEI_Guidelines_Disability_GBV_SRHR_FINAL_19-11-18_0.pdf)



- AB. billi l-UE, l-istituzzjonijiet tagħha u l-Istati Membri tagħha huma parti tas-CRPD u huma obbligati jimplementaw bis-siġh id-drittijiet fundamentali inklużi fiha, inkluż l-Artikolu 27 dwar ix-xogħol u l-impjiegi; billi d-drittijiet minquxa fis-CRPD huma 'l bogħod milli jsiru realtà għal miljuni ta' persuni b'diżabilità fl-UE, mhux l-inqas minħabba n-nuqqasijiet fid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi;
- AC. billi s-CRPD tirrikonoxxi d-dritt tal-persuni b'diżabilità li jaħdmu fuq bażi ugwali mal-oħrajn, inkluż l-opportunità li jaqilgħu l-għajxien tagħhom permezz ta' xogħol li jagħżlu liberament u f'ambjent tax-xogħol miftuħ, inklużiv u aċċessibbli; billi kull persuna għandha d-dritt għal assistenza f'waqtha u mfassla apposta biex ittejjeb il-prospettivi ta' impjieg jew biex taħdem għal rasha, inkluż id-dritt li tirċievi appoġġ fit-tfittix ta' impjieg, fit-taħriġ u fil-kwalifikazzjoni mill-ġdid, kif stabbilit fil-prinċipju 4 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; billi l-persuni b'diżabilità, fil-biċċa l-kbira tagħhom, huma esklużi mis-suq tax-xogħol miftuħ u mċaħħda mid-dritt tagħhom li jaħdmu fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor jew jiffaċċjaw diffikultajiet kbar biex jiksbu aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol kif ukoll kundizzjonijiet ugwali fih; billi minn riċerka tal-Eurofound jirriżulta li l-ostakli ewlenin għall-impjieg tal-persuni b'diżabilità jinkludu stereotipi relatati mad-diżabilità, diffikultajiet burokratiċi fl-aċċess għas-servizzi disponibbli, nuqqas ta' viżjoni strateġika fil-governanza, monitoraġġ insuffiċjenti tal-implimentazzjoni tal-politiki, riżorsi tat-taħriġ limitati għall-impjegaturi u nuqqas ta' appoġġ speċjalizzat;
- AD. billi l-persuni b'diżabilità għandu jkollhom aċċess għal appoġġ personalizzat u modifiki fil-post tax-xogħol; billi l-persuni b'diżabilità għandhom id-dritt għal appoġġ għall-introjt li jiżguralhom il-possibbiltà li jgħixu haġja dinjituża, servizzi li jippermettulhom jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà, u ambjent tax-xogħol adattat għall-bżonnijiet tagħhom; billi l-iżvantaġġi li jgħaddu minnhom il-persuni b'diżabilità jmorru ferm lil hinn mill-isfera tal-impjieg; billi s-sitwazzjoni soċjali u finanzjarja tal-persuni b'diżabilità fl-UE hija ferm agħar minn dik tal-persuni mingħajr diżabilità u hija sinonimu ta' żvantaġġ strutturali jew edukattiv u ta' diskriminazzjoni; billi l-miżuri ta' appoġġ iċċentrati fuq oqsma differenti mill-impjieg – pereżempju, it-tnaqqis tal-faqar, l-aċċess għall-akkomodazzjoni u l-indukrar tat-tfal, it-trasport pubbliku aċċessibbli u l-assistenza personali – jaqdu wkoll rwol ewleni biex lill-persuni b'diżabilità jingħataw opportunitajiet ta' aċċess u ta' permanenza fil-forza tax-xogħol;
- AE. billi l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 tipproponi li tinholq Karta tad-Diżabilità tal-UE sa tmiem l-2023, bil-ħsieb li tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri kollha;
- AF. billi l-innovazzjonijiet tekniċi, bħas-sistemi ta' intelliġenza artifiċjali etiċi u ċċentrati fuq il-bniedem, għandhom il-potenzjal li jiżviluppaw proċessi ta' reklutaġġ effiċjenti, aċċessibbli u mhux diskriminatorji, iżda billi l-iżviluppi teknoloġiċi mhux inklużivi jistgħu joħolqu riskju li jiżdiedu ostakli u forom ta' diskriminazzjoni ġodda fil-konfront tal-persuni b'diżabilità; billi l-Artikolu 9 tas-CRPD jipprevedi li jiġi żgurat l-aċċess għall-informazzjoni u għat-teknoloġiji u għas-sistemi ta' komunikazzjoni fuq bażi ugwali mal-oħrajn; billi 64,3 % tal-persuni b'diżabilità ta' età ta' 16-il sena jew aktar għandu konnessjoni tal-internet f'daru, meta mqabbel mas-87,9 % tal-persuni mingħajr diżabilità;

- AG. billi riċerka tal-Eurofound uriet li l-appoġġ għall-impreditorija u għall-impjieġ indipendenti fil-forma ta' gwida, taħriġ u għajjnuna finanzjarja jista' joffri lill-persuni b'diżabilità opportunitajiet biex ikunu attivi fis-suq tax-xogħol miftuħ, filwaqt li tiġi diżinċentivata d-dipendenza unika tagħhom mill-benefiċċji għall-invalidità; billi tali appoġġ jeħtieġ li jkun immirat tajjeb u mgħammar b'riżorsi adegwati;
- AH. billi l-pandemija tal-COVID-19 aggravat l-ostakli u l-inugwaljanzi eżistenti għall-persuni b'diżabilità kollha; billi riċerka tal-Eurofound uriet li matul il-pandemija, bħala medja, 71 % tal-intervistati b'diżabilità kien friskju ta' depressjoni u 25 % tal-intervistati b'diżabilità stqarr li ma setax jaċċedi għall-kura tas-saħħa mentali, rata li kienet darbtejn oġġla meta mqabbla ma' dawk mingħajr diżabilità; billi r-riċerka tal-Eurofound uriet li l-lockdowns u r-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija tal-COVID-19 affettwaw b'mod partikolari liż-żgħażaġh b'diżabilità ta' età bejn it-18 u d-29 sena, peress li 51 % tal-intervistati rrapporta li jħossu waħdu, 19 % aktar miż-żgħażaġh mingħajr diżabilità; billi l-pjanijiet ta' ritorn għax-xogħol huma fundamentali għall-ħaddiema li jbatu minn problemi ta' saħħa mentali;
- AI. billi għaxar snin wara li l-UE saret parti tas-CRPD, il-livell ta' istituzzjonalizzazzjoni baqa' l-istess; billi fl-Ewropa kollha mill-inqas 1,4 miljun ruħ għadhom magħluqin f'istitut, numru li baqa' ma nbidilx mill-adozzjoni tal-konvenzjoni; billi, skont l-istħarriġ tal-2020 dwar l-għajxien indipendenti tan-Network Ewropew għal Għajxien Indipendenti, 24 pajjiż mit-43 irrappreżentati fil-Kunsill tal-Ewropa ma għandhomx strateġija għad-deistituzzjonalizzazzjoni u, għat-18-il pajjiż li għandhom waħda, 88 % tal-intervistati ddeskriviha bħala inadegwata jew li tirrikjedi titjib;
- AJ. billi 33 pajjiż fil-Kunsill tal-Ewropa jagħtu xi tip ta' assistenza personali, filwaqt li 97 % tal-intervistati indikaw li l-aċċess huwa inadegwat jew jirrikjedi titjib;
- AK. billi l-qafas leġislativ attwali ma jstabilixxi l-ebda obbligu għall-Istati Membri biex jaħtru korp tal-ugwaljanza ħalli jipproteġi lill-vittmi tad-diskriminazzjoni abbażi tad-diżabilità;
- AL. billi fl-2008 il-Kummissjoni ppreżentat proposta biex testendi l-protezzjoni mid-diskriminazzjoni lil hinn mill-impjieġi, kif stabbilit fid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieġi, li ttiprobixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabilità, l-età, l-orjentazzjoni sesswali u r-reliġjon jew t-twemmin fl-oqsma tal-impjieġi u tal-okkupazzjoni; billi d-direttiva l-għdida tkun tagħmel il-prinċipju tal-ugwaljanza applikabbli għall-edukazzjoni, l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi u l-protezzjoni soċjali, inklużi s-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; billi din il-proposta għadha ma ġietx adottata u ilha 14-il sena mblukkata fil-Kunsill, fejn għall-adozzjoni tagħha hija meħtieġa l-unanimità;
- AM. billi l-Istati Membri tal-UE kollha rratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, biex saret vinkolanti għalihom, u billi l-Artikoli 3(3) tat-TUE jstabilixxi l-oġġettiv li l-UE tippromwovi l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal; billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tiggarrantixxi li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jeħtiġilhom jipproteġu d-drittijiet tat-tfal meta jimplementaw id-dritt tal-UE; billi l-Parlament adotta r-risoluzzjoni tiegħu dwar Garanzija Ewropea għat-Tfal b'maġġoranza wiesgħa, u talab bil-qawwa li għat-tfal kollha jiġi żgurat l-aċċess għall-



edukazzjoni inklużiva mit-tfulija bikrija sal-adolessenza, inkluż għat-tfal Rom, għat-tfal b'diżabilità, għat-tfal apolidi u migranti u għal dawk li jgħixu f'ambjenti ta' emerġenza umanitarja;

- AN. billi l-aċċess għal impjieg ta' kwalità, edukazzjoni u taħriġ, kura tas-saħħa, protezzjoni soċjali, inkluż lil hinn mill-fruntieri, akkomodazzjoni adegwata, appoġġ għal ħajja indipendenti u opportunitajiet indaqs fil-parteċipazzjoni f'attivitajiet rikreattivi u fil-ħajja tal-komunità huma essenzjali għall-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità u biex jitnaqqsu l-faqar u l-vulnerabbiltà u jiġi appoġġjat it-tkabbir inklużiv u sostenibbli; billi l-iskemi nazzjonali ta' introjtu minimu għandhom jiżguraw aċċess ugwali għall-persuni b'diżabilità; billi l-persuni b'diżabilità għandu jkollhom ukoll aċċess għal assistenza mmirata għall-ispejjeż addizzjonali relatati mad-diżabilità li jiffaċċjaw, jiġifieri tali spejjeż ma għandhomx ikunu koperti mill-introjtu biss;

### ***Ħajja indipendenti u inklużjoni fil-komunità***

1. Ifakkar li, kif stabbilit fl-Artikolu 19 tas-CRPD, il-persuni b'diżabilità għandhom id-dritt li jgħixu b'mod indipendenti u jirċievu servizzi xierqa fil-livell tal-komunità; jemmen li tali dritt jista' jiġi garantit b'mod sħiħ jekk jiġu żviluppati, fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, politiki u leġiżlazzjoni li offru alternattivi għall-istituti u li jkunu mmexxija minn standards Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jeliminaw gradwalment, mill-aktar fis possibbli, il-kuntesti ta' kura istituzzjonali għall-persuni b'diżabilità, kif stabbilit fl-Osservazzjoni Ġenerali nru 5 tal-Kumitat dwar is-CRPD, u jippromwovu bidla minn kuntesti istituzzjonali u kuntesti ta' segregazzjoni oħrajn għal sistema li tippermetti l-parteċipazzjoni soċjali, li fiha s-servizzi jiġu furnuti f'komunità aċċessibbli, billi jitqiesu totalment il-bżonnijiet, ir-rieda u l-preferenzi individwali tal-persuni b'diżabilità, inkluża l-assistenza fil-livell tal-komunità, kif issuġġerit mill-Kummissjoni fl-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020; jissottolinja li l-istereotipi, id-diskriminazzjoni abbażi tad-diżabbiltà u l-ideat żbaljati li jimpedixxu lill-persuni b'diżabilità milli jgħixu b'mod indipendenti jridu jiġu eliminati, u li l-kontribut tagħhom fis-soċjetà jrid jiġi promoss; jenfasizza li l-aċċess għas-suq tax-xogħol huwa essenzjali biex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jgħixu ħajja indipendenti u jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà;
2. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw strateġiji ta' deistituzzjonalizzazzjoni u jiżguraw li l-liġijiet, il-politiki u l-programmi tagħhom dwar id-deistituzzjonalizzazzjoni jkunu konformi mal-kunċett ta' ħajja indipendenti stabbilit fis-CRPD; jistieden lill-Kummissjoni tuża parametri ta' riferiment sabiex tkejjel il-progress f'dan ir-rigward; jistieden ukoll lill-Kummissjoni żżomm l-impenn tagħha li ħadet fl-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 biex sal-2023 tipprovdi gwida lill-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mat-titjib tal-ħajja indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità; jistieden lill-Istati Membri jinkludu objettivi speċifiċi b'kalendarju definit fl-istrateġiji ta' deistituzzjonalizzazzjoni tagħhom, jiffinanzjawhom b'mod adegwat u jiżviluppaw mekkaniżmi li jiżguraw koordinament effikaċi bejn l-awtoritajiet kompetenti fid-diversi setturi u livelli amministrattivi; jesprimi dispjaċir għall-fatt li n-nuqqas ta' akkomodazzjoni aċċessibbli u bi prezz raġonevoli huwa ostaklu kbir għall-ħajja indipendenti; jissottolinja jrid jissaħħa u jinkiseb tip ta' ħajja kkaratterizzat mill-inklużjoni fil-komunità u mill-indipendenza bħala alternattiva għall-istituzzjonalizzazzjoni, konformement mal-Osservazzjoni Ġenerali nru 5 tas-CRPD;

3. Iqis li s-servizzi ta' appoġġ u s-sostenn għall-arranġamenti ta' alloġġi fil-livell tal-komunità joffru kwalità tal-ħajja aħjar għall-persuni b'diżabilità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw approċċ iċċentrat fuq il-persuna u appoġġ xieraq meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-inklużjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilità;
4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu biex jiżviluppaw definizzjonijiet reċiproċi tat-termeni ewlenin relatati mal-implimentazzjoni tas-CRPD, bħal "aċċessibbiltà", "parteċipazzjoni" u "ħajja fil-komunità", bħala mezz biex tissaħħaħ il-koeżjoni bejn l-Istati Membri u tittejjeb il-mobbiltà tal-persuni b'diżabilità ġewwa l-UE, kif ukoll biex jirrikonoxxu b'mod reċiproku d-deistituzzjonalizzazzjoni u l-metodi ta' implimentazzjoni tagħha;
5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Eurostat jindirizzaw il-lakuni, inkluża d-differenza fl-impjiegi u fil-paga, fid-disponibbiltà, fl-affidabbiltà u fil-komparabbiltà tad-data relatata mal-kundizzjonijiet ta' ħajja tal-persuni b'diżabilità fl-Ewropa;
6. Jinsisti fuq il-fatt li l-fondi rilevanti tal-UE għandu jkollhom l-għan li jippromwovu ambjenti, servizzi, Prattiki u apparati inklużivi u aċċessibbli, li jseguw approċċ ta' disinn universali u li jiffavorixxu d-deistituzzjonalizzazzjoni, inkluż appoġġ qawwi għall-assistenza personali u għall-ħajja indipendenti;
7. Jilqa' t-tħabbira mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward awditu li jmiss dwar l-effiċjenza tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE biex tiġi żgurata l-ugwaljanza għall-persuni b'diżabilità; ihegġegħ lill-Kummissjoni ttejjeb il-monitoraġġ tagħha dwar l-użu tal-fondi tal-UE f'dan il-qasam ta' politika, inkluż billi tikkunsidra s-sospensjoni, l-irtirar u l-irkupru tal-pagamenti jekk jinkiser l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali; jenfasizza li l-kuntesti ta' segregazzjoni, ikun xi jkun id-daqs tagħhom, ma għandhomx jiġu ffinanzjati minn fondi tal-UE u li tali fondi għandhom ikunu dejjem aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità; ihegġegħ ukoll lill-Kummissjoni tiżgura segwitu xieraq għall-konklużjonijiet u għar-rakkomandazzjonijiet mogħtija mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-rapport speċjali tagħha dwar l-ibbaġitjar skont il-ġeneru; jenfasizza li, skont ir-rapport, l-ibbaġitjar skont il-ġeneru huwa mezz biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-azzjonijiet biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jridu jqisu r-raġunijiet li abbażi tagħhom ikun hemm diskriminazzjoni, inkluża d-diżabilità;
8. Ifakkar li r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027<sup>50</sup> jiddeskrivi li l-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali jridu jintużaw b'mod li jkun konformi mal-politiki tal-UE dwar l-inklużjoni soċjali; jitlob, għalhekk, li jkun hemm dispożizzjonijiet aktar stretti li jipprojbixxu l-investment ta' fondi tal-UE f'ambjenti ta' kura istituzzjonali;
9. Jilqa' l-inkjesta fuq inizzjattiva proprja tal-Ombudsman Ewropew dwar kif il-Kummissjoni timmonitorja l-fondi tal-UE użati biex tippromwovi d-dritt tal-persuni

---

<sup>50</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

b'diżabilità u l-anzjani li jgħixu b'mod indipendenti; jenfasizza li fil-konklużjonijiet, l-Ombudsman Ewropew tistieden lill-Kummissjoni tipprovdi gwida aktar ċara lill-Istati Membri u lill-persunal tagħha dwar il-ħtieġa li tiġi promossa d-deistituzzjonalizzazzjoni u kif dan jista' jinkiseb fil-kuntest tal-użu tal-fondi tal-UE;

***Ugwaljanza u nondiskriminazzjoni: il-ħtieġa urġenti għal direttiva orizzontali kontra d-diskriminazzjoni***

10. Jenfasizza li, skont is-CRPD, l-UE għandha tintegra perspettiva tad-diżabilità fil-politiki, fil-programmi u fl-istrateġiji kollha tagħha; isostni r-rakkomandazzjonijiet tas-CRPD u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi biex jiżguraw li dawn jiġu segwiti kif xieraq; iqis li l-armonizzazzjoni tad-dritt tal-UE mas-CRPD hija fundamentali biex jiġu żgurati l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; jenfasizza r-rwol tal-qafas tas-CRPD tal-UE f'dan il-proċess;
11. Jilqa' l-ħidma rilevanti tal-Ombudsman Ewropew, bħala parti mill-qafas tas-CRPD tal-UE, immirata lejn il-protezzjoni, il-promozzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tas-CRPD min-naħa tal-istituzzjonijiet tal-UE;
12. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE li għadhom ma ffirmawx u ma rratifikawx il-Protokoll Fakultattiv għas-CRPD biex jagħmlu dan;
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom fil-promozzjoni ta' drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità barra mill-UE, b'mod partikolari fil-pajjżi kandidati; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-bżonn li l-Unjoni tqajjem il-kwistjoni tar-riformi maħsuba biex itejbu s-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità waqt in-negozjati ta' adeżjoni;
14. Jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-proposta għal direttiva tal-UE dwar it-trattament ugwali, fid-dawl tal-pożizzjoni tal-Parlament, u billi tindirizza anki d-diskriminazzjoni intersezzjonali u tipprojbixxi espliċitament id-diskriminazzjoni abbażi ta' kwalunkwe kombinazzjoni ta' raġunijiet elenkati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; jistieden lill-Presidenza tal-Kunsill tagħti prijorità lil din id-direttiva u tiddiskutiha fl-ogħla livell politiku; jisħaq fuq il-bżonn ta' miżuri konkreti għall-promozzjoni tal-adozzjoni tad-direttiva u, jekk ma tiġix adottata, ta' miżuri leġislattivi alternattivi biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni;
15. Jilqa' l-adozzjoni tal-Istrateġija ambizzjuża tagħha dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 min-naħa tal-Kummissjoni u jitlob lill-Kummissjoni timmonitorja u tiżgura l-implimentazzjoni tagħha min-naħa tal-Istati Membri; jenfasizza l-bżonn li jingħata rwol ċar lill-Qafas tal-UE relatat mas-CRPD fir-rieżami tal-Istrateġija u li jiġu involuti b'mod sistematiku u attiv il-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali fit-tali rieżami; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa dawk il-miżuri f'koordinament u f'komunikazzjoni mal-persuni b'diżabilità u mal-organizzazzjonijiet kollha involuti, ibda min-network tas-CRPD tal-Parlament Ewropew;
16. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u fir-rispett tal-istandards tal-UE u tal-leġislazzjoni nazzjonali ta' akkumpanjament, tiġbor data u statistika diżaggregati u affidabbli, anki billi tiżgura li l-istatistika fil-livell tal-UE jkun fiha data

diżaggregata skont it-tip ta' diżabilità u tinkludi n-numru ta' persuni li jgħixu f'istituti, bil-għan li tiżviluppa politiki xierqa u effikaċi biex tiżgura soċjetà aċċessibbli, inklużiva u ugwali għall-persuni b'diżabilità kollha fl-UE, tkun fejn tkun iż-żona fejn jgħixu, sew jekk tkun urbana, rurali jew imbiegħda;

17. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu attività ta' sensibilizzazzjoni, b'mod partikolari indirizzata lit-tfal u liż-żgħażaġħ u jwettqu konsultazzjonijiet strutturati b'mod ċar bil-parteċipazzjoni u bl-involviment tal-persuni affettwati direttament u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentawhom, sabiex jinkiseb fehim reali tad-diżabilitajiet fil-livelli kollha tas-soċjetà;
18. Jemmen li hemm bżonn ta' skambji ta' Prattiki tajba fil-livell Ewropew fir-rigward tal-proġetti li rnexxew ta' inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fl-oqsma kollha, kif ukoll kampanji ta' informazzjoni pubblika dwar il-mod kif tinkiseb din l-inklużjoni, konformement mal-Artikolu 27 tas-CRPD;
19. Jistieden lill-Istati Membri jqisu kif xieraq is-sitwazzjoni unika tal-awturi, tal-artisti tal-ispettaklu u tal-artisti b'diżabilità fl-iżvilupp tal-politiki, tal-programmi ta' finanzjament u tal-attivitajiet rilevanti kollha, u jneħħu l-ostakli kollha għall-iżgurar ta' drittijiet ugwali u opportunitajiet indaqs għall-persuni kollha fis-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari billi jdaħħlu miżuri li jippermettu l-aċċess, il-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza ugwali tagħhom fil-kreazzjonijiet kulturali kollha;
20. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-leġislazzjoni futura tal-UE fil-qasam tal-IA tinkludi l-firxa kemm jista' jkun wiesgħa ta' utenti u tagħmel l-aċċess għas-sistemi tal-IA faċli u aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, b'mod konformi mal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità;
21. Ifakkar lill-Istati Membri bl-SDG nru 11.7, li l-għan tiegħu huwa li sal-2030 jipprovdi aċċess universali għal spazji "ħodor" u pubbliċi sikuri, inklużivi u aċċessibbli, b'mod partikolari għat-tfal u n-nisa, il-persuni b'diżabilità u l-persuni akbar fl-età;

### ***Il-persuni b'diżabilità l-aktar f'riskju***

22. Jiddenunzja l-fatt li xi persuni b'diżabilità huma esposti aktar għar-riskju li jkunu vittmi ta' xi tip ta' diskriminazzjoni u vjolenza, bħan-nisa u l-bniet, it-tfal, l-anzjani, il-persuni mingħajr dar, id-detenu, il-migranti u r-rifuġjati, il-persuni vittmi ta' razziżmu u l-persuni li ġejjin minn kulturet etniċi, pereżempju r-Rom, kif ukoll il-persuni LGBTIQ+; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-isfidi, id-drittijiet u l-bżonnijiet speċifiċi ta' dawn il-persuni permezz ta' miżuri mmirati biex jiġi żgurat l-aċċess għall-ġustizzja, għas-servizzi ta' assistenza u ta' appoġġ għall-vittmi u għas-servizzi ta' protezzjoni u biex jitneħħew l-ostakli għar-rappurtar tad-diskriminazzjoni u l-vjolenza;
23. Jissottolinja li l-persuni b'diżabilità, u b'mod partikolari n-nisa b'diżabilità, għadhom jiffaċċjaw diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali abbażi tad-diżabilità tagħhom u tal-ġeneru, ir-razza, l-orijini etnika, l-età, ir-reliġjon jew it-twelmin, l-orjentazzjoni sesswali, l-istatus ta' migrazzjoni jew il-kulturet soċjoekonomiku tagħhom; jisħaq li n-nisa u l-bniet b'diżabilità huma partikolarment suġġetti għall-vjolenza abbażi tal-ġeneru u li l-firxa tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru li jisfaw vittmi tagħha n-nisa u l-bniet

b'diżabilità tista' tinkludi vjolenza fiżika, sesswali, psikoloġika u ekonomika; jinsab imħasseb li n-nisa b'diżabilità spiss ikunu suġġetti għal vjolenza abbażi tal-ġeneru mis-sieħeb tagħhom jew mill-familjari; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-mekkaniżmi għar-rappurtar tal-vjolenza kontra l-persuni b'diżabilità kif ukoll is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, jiġu stabbiliti u jkunu aċċessibbli;

24. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-indoktrari fil-ħajja tal-persuni b'diżabilità u l-ostakli li jħabbtu wiċċhom magħhom meta jagħmlu xogħolhom; jisħaq li d-dipendenza legali, finanzjarja u soċjali li l-persuni b'diżabilità, b'mod partikolari n-nisa, għandhom fuq l-indoktrari tagħhom, tpoġġihom f'sitwazzjoni aktar vulnerabbli; huwa mħasseb dwar każijiet rrappurtati ta' vjolenza fuq persuni b'diżabilità minn dawk li suppost qed jindokrawhom, kemm fid-dar kif ukoll f'kuntasti ta' kura istituzzjonali;
25. Jinnota li, fl-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tagħti attenzjoni partikolari lin-nisa b'diżabilità, li huma darbtejn sa ħames darbiet aktar probabbli li jiffaċċjaw vjolenza minn nisa oħra<sup>51</sup>; jistieden lill-Kummissjoni tintegra u tqis is-sitwazzjoni tan-nisa b'diżabilità fil-politika u l-miżuri tal-UE;
26. Huwa mħasseb ħafna li n-nisa u l-bniet b'diżabilità spiss wisq jiġu miċħuda l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva, b'mod partikolari għas-servizzi ġinekoloġiċi, li jiġu miċħuda wkoll il-kunsens infurmat dwar l-użu tal-kontraċettivi u li saħansitra jiffaċċjaw ir-riskju ta' sterilizzazzjoni furzata<sup>52</sup>; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri leġiżlattivi li jissalvagwardjaw l-integrità fiżika, il-libertà ta' għażla u l-awtodeterminazzjoni fir-rigward tal-ħajja sesswali u riproduttiva tal-persuni b'diżabilità;
27. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva biex jiġu miġġielda l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, kif ukoll l-impenn ta' xi Stati Membri u l-passi meħuda minnhom f'dan ir-rigward; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri konkreti addizzjonali biex jiġġieldu l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, li jinkludu l-għoti ta' appoġġ immirat lill-persuni b'diżabilità; iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jorganizzaw korsijiet ta' taħriġ speċifiku u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn sistemi ta' rispons għall-vjolenza abbażi tal-ġeneru, li għandhom jiżguraw il-parteeipazzjoni tan-nisa b'diżabilità u għandhom jipprovduhom informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom; jemmen li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jesploraw l-intersezzjoni unika tal-ġeneru u d-diżabilità aktar fil-fond sabiex jiġi żgurat li l-kumplessitajiet tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru fuq in-nisa u l-bniet b'diżabilità jiġu mifhuma u indirizzati kif xieraq;
28. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jallokaw biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji lill-qafas stabbilit fl-Artikolu 33(2) tas-CRPD sabiex jiżguraw li l-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv u effiċjenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ttiprovdi l-appoġġ meħtieġ għal dan;
29. Jilqa' u jappoġġja l-inizjattiva legali imminenti tal-Kummissjoni għal standards

<sup>51</sup> [Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030](#), p. 16.

<sup>52</sup> [https://www.edf-feph.org/content/uploads/2022/09/Final-Forced-Sterilisation-Report-2022-European-Union-copia\\_compressed.pdf](https://www.edf-feph.org/content/uploads/2022/09/Final-Forced-Sterilisation-Report-2022-European-Union-copia_compressed.pdf)

vinkolanti għall-korpi tal-ugwaljanza, li tneġġeg lill-Istati Membri jstendu l-mandati tal-korpi tal-ugwaljanza biex jipproteġu lill-vittmi tad-diskriminazzjoni abbażi tad-diżabilità; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva mingħajr dewmien;

30. Iħeġġeġ lill-Kunsill jikkonkludi l-proċess ta' ratifika tal-Konvenzjoni ta' Istanbul min-naħa tal-UE abbażi ta' adeżjoni wiesgħa mingħajr ebda limitazzjoni, u jippromwovi r-ratifika tagħha min-naħa tal-Istati Membri kollha, peress li hija għodda essenzjali biex tiġi indirizzata l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet b'diżabilità;
31. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprevjenu l-iżolament tan-nisa b'diżabilità fid-diversità kollha tagħhom permezz ta' miżuri trażversali u strutturali bħal attivitajiet edukattivi u ta' sensibilizzazzjoni fost in-nisa b'diżabilità kif ukoll fost il-familji u l-indoktraturi tagħhom;
32. Huwa mħasseb dwar is-sitwazzjoni tad-detenuti b'diżabilità fl-Istati Membri, irrispettivament mit-tip ta' diżabilità tagħhom; jiddeplora l-fatt li s-sitwazzjoni vulnerabbli tad-detenuti b'diżabilità mhijiex ikkunsidrata bis-sħiħ f'xi Stati Membri; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li d-detenuti b'diżabilità jingħataw l-infrastruttura meħtieġa, inkluż ippjanar adegwat għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, filwaqt li jiżguraw aċċessibbiltà u akkomodazzjoni raġonevoli; jitlob lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE, barra minn hekk, jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw ir-rispett u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-ħabsin, b'mod partikolari ta' dawk li jinsabu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħall-persuni b'mard mentali u l-persuni b'diżabilità, inkluża l-adozzjoni ta' standards u regoli Ewropej komuni ta' detenzjoni fl-Istati Membri kollha;
33. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu d-dritt għall-edukazzjoni tat-tfal kollha b'diżabilità, filwaqt li jiżguraw li jkollhom aċċess ugwali għal tagħlim inklużiv u ta' kwalità għolja, mit-tfulija bikrija sal-adolessenza, b'mod partikolari bl-istabbiliment ta' infrastrutturi mfassla apposta u taħriġ speċjalizzat għall-għalliema u l-assistenti tagħhom; jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-aċċessibbiltà tas-servizzi skolastiċi għat-tfal b'diżabilità; jenfasizza li t-tfal b'diżabilità għadhom irrappreżentati b'mod sproporzjonat fil-kura istituzzjonali, jibqgħu f'istituti fuq bażi fit-tul jew permanenti, u jiffaċċjaw livelli għoljin ta' diskriminazzjoni u negliġenza;
34. Jenfasizza li l-persuni b'diżabilità huma friskju oġhla li jkunu vittmi ta' diskors ta' mibegħda u reati ta' mibegħda; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex il-lista ta' reati tal-UE tiġi estiża biex tikludi d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda;

### ***Rikonoxximent ugwali quddiem il-liġi***

35. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri urġenti biex jabolixxu r-restrizzjonijiet fuq il-kapaċità ġuridika li jxekklu d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità mnaqqxa fit-Trattati, inkluż it-teħid ta' azzjoni biex it-teħid ta' deċiżjonijiet sostituttivi jinbidel b'teħid ta' deċiżjonijiet appoġġjat fl-UE kollha, filwaqt li jiġu rrispettati l-awtonomija, ix-xewqat u l-preferenzi tal-persuna;
36. Jistieden lill-Istati Membri jimplementaw programmi ddedikati li jippermettu bidla mit-teħid tal-persuni b'diżabilità intellettuali mill-kapaċità ġuridika tagħhom għal skemi ta' teħid ta' deċiżjonijiet appoġġjat;



37. Jilqa' l-fatt li, fl-2022, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-ewwel darba qieset il-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilità fir-rigward tal-aċċess għall-ġustizzja;
38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri adegwati biex jeliminaw l-ostakli kollha, inklużi dawk kulturali, li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni b'diżabilità fl-aċċess għall-ġustizzja billi jindirizzaw in-nuqqas ta' għarfien dwar id-diżabilità u s-CRPD fost is-servizzi ġudizzjarji, inkluż bl-allokkazzjoni ta' finanzjament adegwat għat-taħriġ tal-persunal ġudizzjarju sabiex tittejjeb l-aċċessibilità tal-informazzjoni u jiġi pprovdut appoġġ professjonali lill-vittmi b'diżabilità, b'mod partikolari meta l-vittma tiddependi legalment, finanzjarjament jew soċjalment minn min jabbużaha; jinnota li l-mekkaniżmi tal-ilmenti, kemm ġudizzjarji kif ukoll mhux ġudizzjarji, għandhom isiru aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, barra minn hekk, jinkludu s-sensibilizzazzjoni dwar id-diżabilità u d-diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali fost il-kriterji ta' reklutaġġ għall-persunal, b'mod partikolari l-persunal ġudizzjarju u tal-ħabs, li jaħdmu mal-persuni b'diżabilità;
39. Jissottolinja li l-faċilitajiet u s-servizzi jridu jkunu aċċessibbli biex jiġu żgurati aċċess ugwali għall-ġustizzja u assistenza xierqa għal dawk li jesperjenzaw diffikultajiet biex jeżerċitaw il-kapaċità ġuridika tagħhom; ifakkar li d-diffikultajiet ta' komunikazzjoni jista' jkollhom konsegwenzi serji f'termini ta' aċċess mid-detenu b'diżabilità għall-informazzjoni f'formati aċċessibbli u għal attivitajiet adatti għad-diżabilità tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex jiggwarantixxu aċċess bi prezz raġonevoli, sikur u effettiv għall-ġustizzja għall-persuni b'diżabilità u jiżguraw li assistenza u komunikazzjoni u informazzjoni aċċessibbli jiġu pprovduti fl-istadji kollha tal-proċess;
40. Ifakkar li trasferimenti ripetuti u nuqqas ta' kontinwità tal-kura, kif ukoll in-nuqqas ta' persunal ġudizzjarju u tal-ħabs, inkluż persunal mediku, b'taħriġ adegwat biex jassistu lid-detenu b'diżabilità, jaggravaw il-vulnerabbiltà u l-iżolament ta' dawn id-detenu;
41. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi programm għal finanzjament li jkopri l-proċedimenti ġudizzjarji relatati ma' proċessi fil-qorti fejn il-gvernijiet tal-Istati Membri jiġu akkużati b'diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità; jissuġġerixxi li dan il-finanzjament jista' jittieħed mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+);
42. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Eurofound jiġbru data robusta u riċerka komprensiva dwar l-impatt tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità ġuridika fuq il-ħajja tal-persuni b'diżabilità, inklużi l-persuni b'diżabilità psikosoċjali;

***Parteċipazzjoni fil-ħajja politika u pubblika: "Xejn Dwarna Mingħajrna"***

43. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jemendaw il-Liġi Elettorali Ewropea kif ukoll kwalunkwe liġi nazzjonali rilevanti biex jiżguraw li l-persuni kollha b'diżabilità jkunu jistgħu jivvutaw u joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor; jisħaq li deċiżjonijiet dwar iċ-ċaħda tal-kapaċità ġuridika minħabba diżabilità meħuda mill-Istat Membru ta' orijini ma għandhomx jagħmlu liċ-ċittadini tal-Unjoni ineliġibbli fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom jekk il-liġi ta' dak l-Istat Membru tiddefendi dak id-dritt għall-persuni kollha b'diżabilità mingħajr restrizzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-elezzjonijiet

Ewropej li jmiss fl-2024, taħdem mal-Istati Membri biex tiggarrantixxi d-dritt tal-vot b'mod indipendenti u sigriet u tiżgura li l-persuni b'diżabilità jkollhom opportunitajiet indaqs li jhorgu bħala kandidati fl-elezzjonijiet; jisħaq li f'ħafna każijiet m'hemm ebda infrastruttura għall-persuni b'diżabilità biex jeżerċitaw id-dritt demokratiku tagħhom li jivvutaw; jistieden lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, jiżguraw li l-postijiet tal-votazzjoni jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità; itenni, għal dan l-għan, id-dispożizzjonijiet fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament tat-3 ta' Mejju 2022 dwar id-drittijiet politiċi tal-persuni b'diżabilità;

44. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvolvu lill-persuni b'diżabilità fid-diversità kollha tagħhom u indipendentement mill-orijini tagħhom fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; iqis li t-tmexxija minn persuni b'diżabilità għandha tiġi promossa aktar permezz ta' investiment akbar f'organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabilità (OPDs/DPOs) sabiex tiġi ffaċilitata l-parteciġazzjoni sinifikanti tagħhom u tiżdied l-influenza tagħhom fit-teħid ta' deċiżjonijiet;
45. Jistieden lill-partiti politiċi Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jkunu rappreżentati aħjar fir-reġistri elettorali; jistieden lill-awtoritajiet elettorali maħtura tal-Istati Membri jiġbru data dwar l-aċċessibilità tal-postijiet tal-votazzjoni, inklużi indikazzjonijiet dwar jekk humiex adattati biex jakkomodaw il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità u jirrapportaw dwar dan lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew mhux aktar tard minn sena wara li tkun saret elezzjoni għall-Parlament Ewropew;
46. Jemmen bis-sħiħ li t-tneħħija tal-ostakli permezz tal-promozzjoni u l-adozzjoni ta' miżuri ta' aċċessibilità u formati speċifiċi ta' komunikazzjoni, bħal-lingwa li tinqara faċilment, il-Braille u l-lingwa tas-sinjali, tkun pass kbir biex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod ġenwin fil-ħajja politika u pubblika; jisħaq fuq il-ħtieġa li s-servizzi diġitali jsiru aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità;
47. Jirrikonoxxi l-evoluzzjoni ta' teknoloġiji ġodda u l-potenzjal tagħhom għall-persuni b'diżabilità; ihegġegħ lill-Kummissjoni tinvesti fl-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) li jippermettu l-komunikazzjoni bil-lingwa tas-sinjali u bil-Braille u t-traduzzjoni tagħhom;
48. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli ssaħħaħ u tippromwovi l-aspetti tal-programm Ewropa Kreattiva li jippromwovu l-inklużjoni sabiex iżżid il-parteciġazzjoni kulturali madwar l-Unjoni bħala parti mill-progress lejn soċjetà aktar inklużiva, b'mod partikolari għall-persuni b'diżabilità, filwaqt li tinkoraġġixxi l-parteciġazzjoni attiva tagħhom fil-proċessi kreattivi kif ukoll l-iżvilupp tal-udjenza;

***Il-ħtieġa ta' pjan ta' implimentazzjoni għall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri li tinkludi d-diżabilità fil-livell tal-UE***

49. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-parteciġazzjoni tal-persuni b'diżabilità u tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet għat-tfassil, il-ġestjoni, ir-riżorsi u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-programmi dwar it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri; jitlob l-integrazzjoni tal-perspettivi tal-persuni b'diżabilità fir-risponsi tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-kriżijiet;



50. Iqis li dawn il-programmi għandhom jinkludu l-integrazzjoni f'setturi u livelli differenti ta' gvern u jistabbilixxu miri u skedi ta' żmien speċifiċi biex jinkiseb l-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri li jinkludi d-diżabilità sabiex jinkiseb il-Qafas ta' Sendai;
51. Jissottolinja li l-politiki u l-programmi tal-UE jridu jiġu appoġġjati b'data diżaggregata bbażata fuq l-evidenza; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ u finanzjament tar-riċerka sabiex jiġu mifhuma aħjar l-effetti tad-diżastri fuq il-persuni b'diżabilità u l-kapaċità tagħhom li jaffrontawhom;
52. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jtejbu l-komunikazzjoni tagħhom f'każ ta' kriżi u jiżguraw l-użu ta' formati li jippermettu lill-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess għall-informazzjoni rilevanti; jinnota bi tħassib il-konklużjonijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali dwar in-nuqqasijiet sostanzjali f'dan il-qasam matul il-pandemija tal-COVID-19;
53. Jinnota li l-persuni b'diżabilità huma fost l-aktar popolazzjonijiet emarġinati u friskju fi kwalunkwe komunità affettwata minn kriżi; jisħaq ukoll li, b'konsegwenza tal-gwerra, il-persuni b'diżabilità f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat jiffaċċjaw attakki vjolenti, spostament furzat u negliġenza kontinwa fir-rispons umanitarju għall-persuni ċivili maqbuda fil-ġlied, u li spiss jiġu abbandunati fi djarhom jew f'villaġġi mitluqa għal jiem jew ġimgħat sħaħ, bi ftit aċċess għall-ikel jew l-ilma; ifakkar fl-importanza, f'dan ir-rigward, tal-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, il-Garanzija għat-Tfal, l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, kif ukoll tal-istrumenti ġuridiċi eżistenti kollha tal-UE biex jappoġġjaw lill-Istati Membri ħalli jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi, il-protezzjoni u l-kura tar-rifuġjati b'diżabilità, inkluża d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja<sup>53</sup>;

***Il-libertà tal-moviment u r-rikonoxximent reċiproku: il-ħtieġa li jiġu estiżi l-benefiċċji tal-Karta tad-Diżabilità tal-UE***

54. Jisħaq fuq il-ħtieġa indispensabbli tad-definizzjoni, id-dijanjożi u r-rikonoxximent reċiproċi tal-istatus ta' diżabilità fl-oqsma kollha fl-UE kollha u jhegġegħ lill-Kummissjoni tħaffef il-ħidma tagħha f'dan ir-rigward sabiex tiżgura r-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità meta wieħed jiċċaqlaq madwar l-UE u tassigura l-libertà tal-moviment għall-persuni b'diżabilità fl-Istati Membri kollha;
55. Jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni fl-ittra ta' intenzjoni tagħha tal-2022 lill-Parlament li tgħid li se tippreżenta proposta leġiżlattiva dwar Karta tad-Diżabilità tal-UE fl-2023, li hija inkluża wkoll fil-programm ta' ħidma 2023 tal-Kummissjoni;
56. Jemmen bis-sħiħ li l-Karta tad-Diżabilità tal-UE għandha tkun ibbażata fuq att leġiżlattiv tal-UE li għandu jkopri firxa ta' oqsma differenti lil hinn mill-kultura, id-divertiment u l-isport; jisħaq li l-Karta tad-Diżabilità għandha wkoll, b'mod awtomatiku, tkun tista' tintuża għas-servizzi pubbliċi nazzjonali, reġjonali u lokali, bħat-trasport, u

<sup>53</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

għandu jkollha sit web tal-UE ddedikat u bażi tad-data aċċessibbli online disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE, inklużi formati ta' komunikazzjoni speċifiċi, bħal-lingwa li tinqara faċilment, il-Braille u l-lingwa tas-sinjali; jitlob lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tikkunsidra li l-ġestjoni tal-implimentazzjoni tal-Karta tad-Diżabilità tal-UE tiġi ffinanzjata fl-ambitu tal-FSE+;

57. Jemmen bis-sħiħ li l-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom għandhom ikunu involuti mill-qrib fl-implimentazzjoni tal-Karta tad-Diżabilità tal-UE u l-komunikazzjoni dwarha; iqis li dan l-ewwel nett jirrikjedi rieżami tal-leġislazzjoni u l-politiki attwali, irid ikun appoġġjat minn proċess ta' sensibilizzazzjoni robust, jiġi segwit minn analiżijiet tal-impatt speċifiċi bbażati fuq data diżaggregata, u jwassal għal miżuri konkreti ta' implimentazzjoni;

***Il-promozzjoni ta' ambjenti edukattivi inklużivi ġenerali u l-iżguraw ta' kura tas-saħħa aċċessibbli u ta' kwalità***

58. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiffaċilitaw l-aċċess għal u t-tgawdija ta' edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità għall-istudenti kollha b'diżabilità, inkluż l-apprendiment elettroniku u l-apprendiment tul il-ħajja, b'konformità mas-CRPD u jinkludu indikaturi speċifiċi għad-diżabilità mill-istrateġija Ewropa 2020 fl-ilħuq tal-mira tal-edukazzjoni; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat aċċess ugwali għall-edukazzjoni fil-klassijiet għat-tfal tal-iskola u għall-istudenti, inkluża l-edukazzjoni bikrija tat-tfal, irrispettivament minn jekk għandhomx diżabilità; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-investment fil-programm Erasmus+ u jużaw l-opportunitajiet ta' finanzjament li joffri;
59. Jiddeplora n-nuqqas ta' investment minn xi Stati Membri ffaċilitajiet għall-persuni b'diżabilità li jeħtieġu trattament speċifiku minn speċjalisti, li f'xi każijiet iġiegħlu lil dawn il-persuni, speċjalment iż-żgħażaġh tal-età tal-iskola, jitolqu mill-familji tagħhom sabiex ikollhom aċċess għal faċilitajiet xierqa fi Stati Membri oħra;
60. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-ambjenti diġitali jkunu aċċessibbli għal kulħadd; jinnota li s-sottotitolar simultanju, l-informazzjoni li tinqara faċilment, l-interpretazzjoni tal-lingwa tas-sinjali u s-siti web aċċessibbli huma essenzjali biex jipprovdu edukazzjoni u informazzjoni lill-persuni b'diżabilità;
61. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni rapida biex jiżguraw li l-persuni b'diżabilità, inkluża d-diżabilità psikosoċjali, jingħataw l-istess firxa, kwalità u standards ta' kura tas-saħħa u programmi b'xejn jew bi prezz raġonevoli li jingħataw lil persuni oħra, inkluż l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttivi u inizjattivi fl-ambitu tal-Pjan tal-UE biex Jingħeleb il-Kanċer;
62. Jirrakkomanda bil-qawwa li l-fondi tal-UE jappoġġjaw l-iżvilupp ta' servizzi tal-mard li jinkludu d-diżabilità fl-Istati Membri; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-iżvilupp ta' standards ta' aċċessibbiltà għat-tagħmir tal-iskrinjar;
63. Iqis li kampanji tas-saħħa pubblika aċċessibbli u komunikazzjoni dwar il-prevenzjoni, l-iskrinjar u t-trattament tal-mard iridu jinkludu lill-persuni b'diżabilità u jiġu mxerrda f'diversi formati aċċessibbli, bħal-lingwa tas-sinjali, il-Braille u formati li jinqraw faċilment;

64. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu l-kontinwità tal-kura u l-appoġġ, li ħafna drabi jieqfu wara l-iskola, u dan joħloq diffikultajiet fit-tranżizzjoni lejn is-suq tax-xogħol, waqfiet fl-opportunitajiet ta' aċċess għall-appoġġ għall-impjieg u fil-kapaċità li wieħed jgħix b'mod indipendenti;
65. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jkollhom opportunitajiet indaqs fis-suq tax-xogħol, aċċess għal edukazzjoni inklużiva u ġenerali u għas-servizzi tas-saħħa, kif ukoll aċċess ugwali għat-trasport billi jeliminaw l-ostakli bażiċi għall-ħajja soċjali u l-inkorporazzjoni ta' prinċipji ta' disinn universali f'investimenti infrastrutturali u diġitali madwar l-UE;
66. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija komprensiva u trażversali Ewropea għas-saħħa mentali bħala segwitu xieraq għall-Qafas Ewropew għal Azzjoni dwar is-Saħħa u l-Benessri Mentali u ttejjeb il-Kumpass tal-UE għal Azzjoni dwar is-Saħħa u l-Benessri Mentali; jinnota li din l-istrateġija għandu jkollha l-għan li tirrikjedi lill-Istati Membri jintegraw il-kura tas-saħħa mentali mal-kura fiżika fid-dawl tal-korrelazzjoni mill-qrib bejn it-tnejn, inkluża enfasi partikolari fuq il-persuni b'diżabilità, biex jipprovdu kura effettiva abbażi tal-evidenza u d-drittijiet tal-bniedem u biex jespandu l-għadd ta' servizzi offruti biex jippermettu lil aktar persuni jkollhom aċċess għat-trattament; jistieden lill-Istati Membri b'mod partikolari jinkludu fil-fondi rilevanti tal-UE tagħhom it-titjib tas-servizzi newropsikjatriċi għat-tfal u ż-żgħażaġh, li baww l-aktar bħala riżultat tal-miżuri adottati matul il-pandemija, li wasslu għal aktar tbatija soċjali, faqar u tbatija psikoloġika, b'konsegwenzi drammatiċi;
67. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi d-Direttiva dwar il-Kura tas-Saħħa Transfruntiera biex tinġieb f'konformità mas-CRPD u tiggarrantixxi l-aċċess effettiv għal kura tas-saħħa transfruntiera ta' kwalità għall-persuni b'diżabilità;

### ***Il-promozzjoni tal-impjieg inklużiv***

68. Jenfasizza li l-eżerċizzju tad-dritt għax-xogħol mill-persuni b'diżabilità<sup>54</sup> huwa marbut mill-qrib ma' miżuri biex jiġu indirizzati d-diskriminazzjoni, il-faqar u l-ostakli diretti u indiretti fis-saħħa, l-edukazzjoni, it-taħriġ, l-akkomodazzjoni, il-kura, l-appoġġ, il-mobbiltà personali, l-aċċessibbiltà fl-ambjent mibni, is-segregazzjoni u r-rikoveru f'istitut; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri effettivi u konkreti biex jippromwovu l-ugwaljanza, id-diversità u l-inklużjoni orizzontali għall-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom fil-partijiet kollha tas-soċjetà, fost l-oħrajn, permezz ta' assistenza personali, għajxein indipendenti, protezzjoni soċjali, sensibilizzazzjoni u ambjent mingħajr ostakli; ifakkar li l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol mhijiex biss essenzjali għall-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet indaqs, iżda toffri wkoll opportunitajiet ekonomiċi sinifikanti għall-indipendenza finanzjarja tal-persuni b'diżabilità u hija ta' benefiċċju għall-ekonomija usa';
69. Jitlob lill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol taħdem mal-ispettorati nazzjonali tax-xogħol biex timplimenta l-leġiżlazzjoni eżistenti; jirrakkomanda li l-ispettorati tax-xogħol jimmonitorjaw lill-impjegaturi pubbliċi u privati biex jiżguraw konformità mad-drittijiet

<sup>54</sup> L-Artikolu 27 tas-CRPD.

tax-xogħol għall-persuni b'diżabilità;

70. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw approċċ olistiku rigward il-politika bażata fuq iċ-ċiklu tal-ħajja biex jappoġġjaw il-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni u jiżguraw iż-żamma u l-inklużjoni effettivi tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplementaw u jintegraw bis-sħiħ is-CRPD fost il-miżuri leġiżlattivi, ta' politika u ta' finanzjament kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-inklużjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol tal-persuni b'diżabilità; jistieden lill-UE u l-Istati Membri kollha jirratifikaw il-Protokoll Fakultattiv tas-CRPD;
71. Jilqa' d-dibattitu politiku tas-16 ta' Ġunju 2022 bejn il-ministri għall-impjegi u l-affarijiet soċjali dwar l-impjieg tal-persuni b'diżabilità, kif għandhom jitneħħew id-diżinċentivi biex jiġu rreklutati l-persuni b'diżabilità u dwar azzjonijiet li jippromwovu l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol; jistenna bil-ħerqa li l-Istati Membri jieħdu azzjonijiet ta' segwitu konkreti;
72. Jissottolinja l-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tal-impjieg tal-persuni b'diżabilità li jappartjenu għal minoranzi etniċi bħall-migranti, ir-rifuġjati, ir-Rom u l-persuni ta' dixxendenza Afrikana;
73. Jenfasizza li jeħtieġ li jiġi stabbilit approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem bħala l-qafas li fl-ambitu tiegħu s-soċjetà tiddiskuti d-diżabilità u li l-appoġġ għad-diżabilità jeħtieġ li jiġi adattat kif xieraq; jenfasizza l-importanza ta' definizzjoni u applikazzjoni olistiċi tal-aċċessibbiltà u jisħaq fuq il-valur tagħha bħala bażi indispensabbli għall-persuni b'diżabilità li jkollhom opportunitajiet indaqs, kif rikonoxxut fis-CRPD u f'konformità mal-Osservazzjoni Ġenerali Nru 2 tas-CRPD, filwaqt li titqies id-diversità tal-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità, u l-promozzjoni ta' disinn universali bħala prinċipju tal-UE<sup>55</sup>;
74. Jistieden lill-Kummissjoni tibda r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjegi malajr kemm jista' jkun, b'mod partikolari fir-rigward tal-istandards minimi armonizzati għall-akkomodazzjoni raġonevoli għall-persuni b'diżabilità, bil-ħsieb li tiġi armonizzata b'mod sħiħ mad-dispożizzjonijiet tas-CRPD u jiġi implimentat proċess parteċipatorju mmirat lejn l-iżgurar tal-involviment dirett u sħiħ tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità;
75. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu involuti b'mod attiv il-persuni b'diżabilità, il-familji u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha li jaffettwawhom; jisħaq fuq l-importanza li l-kunsiderazzjonijiet relatati mad-diżabilità jiġu integrati fil-post tax-xogħol u r-rwol tad-djalogu soċjali u tat-taħriġ għall-impjegaturi f'dan ir-rigward; jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri attivi biex jiżguraw in-nondiskriminazzjoni għal kulħadd u li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tax-xogħol u tat-trade unions tagħhom fuq termini ugwali mal-

---

<sup>55</sup> Fl-Artikolu 2 tas-CRPD, "Disinn universali" huwa ddefinit bħala d-"disinn ta' prodotti, ambjenti, programmi u servizzi għall-użu ta' kulħadd, bl-aktar mod possibbli, mingħajr il-bżonn ta' tibdil jew disinn speċjalizzat. "Disinn universali" m'għandux jeskludi apparat assistiv għal gruppi partikolari ta' persuni b'diżabilità fejn dan ikun meħtieġ."

oħrajn;

76. Jenfasizza li l-fastidju fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-fastidju sesswali u r-ritaljazzjoni talli wieħed jesprimi l-opinjoni tiegħu b'mod ċar, ixekkel l-aċċess għax-xogħol u l-impjieg, iż-żamma fl-impjieg u perkorsi ugwali tal-karriera, b'mod partikolari għan-nisa b'diżabilità<sup>56</sup>, u li huma meħtieġa azzjonijiet speċifiċi fl-Istati Membri biex jiġi pprevenut, miġġieled u ssanzjonat il-fastidju fil-konfront ta' persuni b'diżabilità;
77. Jemmen li l-iskemi tal-appoġġ għall-introjtu, l-assistenza relatata mad-diżabilità u l-appoġġ għall-impjieg attiv jikkomplementaw lil xulxin fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol, peress li s-salarji ma jissostitwux il-kopertura tal-ispejjeż addizzjonali relatati mad-diżabilità; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jisseparaw l-appoġġ għall-introjtu u l-impjieg attiv mill-assistenza relatata mad-diżabilità<sup>57</sup> sabiex jiżguraw li r-regoli ta' eliġibbiltà jkunu inklużivi kemm jista' jkun, u jkopru spejjeż addizzjonali relatati mad-diżabilità, jiġġieldu l-faqar fost dawk li jaħdmu u jiżguraw l-ugwaljanza, id-dinjità u l-awtonomija għall-persuni b'diżabilità; iħeġġeġ lill-Istati Membri jstabbilixxu soluzzjonijiet simili għall-indoktrari tal-persuni b'diżabilità biex jaqilgħu introjtu minbarra l-benefiċċji relatati mal-kura tagħhom;
78. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipju ta' trattament ugwali u paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali għall-ħaddiema kollha; jinsisti, barra minn hekk, li l-ħaddiema b'diżabilità f'workshops protetti għandhom jiġu ggarantiti mill-inqas id-drittijiet u l-istatus ekwivalenti għad-drittijiet tax-xogħol tal-persuni li jaħdmu fis-suq tax-xogħol miftuħ; jemmen li dawn il-workshops għandhom jieħdu approċċ personalizzat u, sa fejn ikun prattikabbli, jintużaw biss bħala għażla temporanja għall-persuni b'diżabilità matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom; jemmen, barra minn hekk, li dawn il-workshops għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-iżvilupp tal-ħiliet u jappoġġjaw it-tranżizzjonijiet lejn is-suq tax-xogħol miftuħ; jinsisti li l-persuni b'diżabilità li jaħdmu f'ambjenti bħal dawn għandhom ikunu protetti mill-oqfsa legali eżistenti li jkopru l-protezzjoni soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluża l-protezzjoni tal-paga minima fuq bażi ugwali mal-oħrajn, f'konformità mal-Artikolu 27 tas-CRPD; jistieden lill-Istati Membri jfasslu mudelli inklużivi ta' impjieg protett u assistit, filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, li jservu bħala miżuri għal inklużjoni effettiva u tranżizzjoni eventwali lejn is-suq tax-xogħol miftuħ; jišhaq li huwa importanti għall-persuni b'diżabilità li jsibu impjieg ta' kwalità li jaqbel mal-ħiliet u l-ambizzjonijiet tagħhom u li t-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-persuni b'diżabilità għandhom jipprovdu ħiliet u kapaċitajiet reali; jistieden lill-Istati Membri jivvalutaw l-effikaċja tal-workshops protetti eżistenti fl-għoti ta' ħiliet lill-persuni b'diżabilità biex jiksbu impjieg fis-suq tax-xogħol miftuħ; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja dan il-proċess;
79. Jinnota li l-kriżi tal-COVID-19 wasslet għal żieda fix-xogħol remot u li t-telexogħol

<sup>56</sup> "[Europe 2020 data & People with disabilities - tables \(EU SILC 2017\)](#)" (Data ta' Ewropa 2020 għal Persuni b'Diżabilità – tabelli) (EU SILC 2017), imħejjija minn Stefanos Grammenos, Ċentru għall-Politika Soċjali u Ekonomika Ewropea, 27 ta' Diċembru 2019.

<sup>57</sup> Ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, "Rapport tar-Rapporteur Speċjali dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità", ippreżentat fis-70 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, 7 ta' Awwissu 2015.



jista' jgħin biex tingħata spinta lill-impjeg ta' persuni b'diżabilità bħala forma ta' akkomodazzjoni għad-diżabilità u jservi ta' għodda biex jinkiseb bilanċ akbar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u jitnaqqsu l-ostakli għas-suq tax-xogħol relatati mal-uġiġħ u mal-għeja; iwissi, madankollu, li l-impjegaturi ma għandhomx jużaw it-telexogħol biex jevitaw li jakkomodaw b'mod raġonevoli lill-ħaddiema b'diżabilità jew li joħolqu kulturi inklużivi għalihom fuq il-post tax-xogħol<sup>58</sup>, minħabba li dan jista' jiżolahom u jkollu impatt fuq is-saħħa mentali tagħhom; jisħaq li l-politiki futuri dwar it-telexogħol għandhom jiġu żviluppatti b'perspettiva tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u jinvolvu lill-persuni b'diżabilità waqt it-tfassil tagħhom, meta jiġu nnegozjati ftehimiet kollettivi ġodda dwar it-telexogħol, u meta l-kumpaniji jirrevedu l-politiki tagħhom dwar it-telexogħol biex jiżguraw li jkunu favorevoli għall-persuni b'diżabilità; ifakkar li l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni u t-taħriġ għall-persuni b'diżabilità, kif ukoll il-ksib ta' ħiliet diġitali u infrastruttura diġitali relatata aċċessibbli, kemm f'żoni urbani kif ukoll f'żoni rurali u remoti, huma meħtieġa biex in-nies ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-opportunitajiet ġodda ta' impjeg maħluqa mid-diġitalizzazzjoni; jenfasizza li akkomodazzjoni raġonevoli hija dritt għall-ħaddiema b'diżabilità u jemmen li l-azzjonijiet u l-programmi ta' sensibilizzazzjoni għall-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-persuni b'diżabilità u l-litteriżmu fl-akkomodazzjoni raġonevoli għall-impjegaturi privati u pubbliċi għandhom jiġu promossi mill-awtoritajiet pubbliċi biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni kontra l-persuni b'diżabilità u jiżguraw li daww li jgħorru d-dmirijiet ikollhom l-għodod biex jimpjegaw, jappoġġjaw u jżommu l-ħaddiema b'diżabilità;

80. Jinnota li l-promozzjoni tad-drittijiet tal-persuni akbar fl-età hija marbuta mill-qrib mal-ksiba ta' drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità, peress li l-persuni akbar fl-età huma aktar probabbli li jkollhom diżabilità u aktar minn 46 % tal-persuni li għandhom 60 sena u aktar għandhom diżabilità; jisħaq, fid-dawl tal-bidliet demografiċi u b'mod partikolari t-tixjiħ tal-popolazzjoni, fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati sfidi ġodda relatati mal-prevalenza oġħla tad-diżabilitajiet marbuta mat-tixjiħ tal-forza tax-xogħol u l-prevalenza oġħla ta' impjegati b'mard kroniku; jisħaq fuq l-importanza li jiġu żviluppatti politiki, inklużi skedi tax-xogħol flessibbli, biex jgħinu lill-ħaddiema b'diżabilità jintegraw aħjar fis-suq tax-xogħol, kif ukoll servizzi ta' kura għall-persuni b'diżabilità, inklużi standards dwar it-taħriġ għall-persunal u standards għall-assistenza personali;
81. Jistieden lill-Istati Membri jimmonitorjaw ir-rispett għall-prinċipji 2 u 3 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jipprevedu trattament u opportunitajiet ugwali fir-rigward tal-parteciġazzjoni fis-suq tax-xogħol, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjegati u l-progressjoni fil-karriera bejn l-irġiel u n-nisa, irrispettivament mill-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali; jappella għall-monitoraġġ tal-adozzjoni tal-miżuri fl-ambitu tas-CRPD;
82. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ imfassal apposta għall-persuni b'diżabilità fir-rigward tal-aċċess għall-iżvilupp tal-ħiliet, għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u għall-impjeg biex jiżguraw politiki attivi u inklużivi dwar is-suq tax-xogħol; iħeġġeġ lis-servizzi tal-impjegati u lis-setturi pubbliċi u privati jintroduċu miżuri personalizzati biex itejbu l-impjegabbiltà u ż-żamma tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol bl-għan li jikkonformaw mas-CRPD, u jiskambjaw l-aħjar Prattiki dwar l-impjeg ta' persuni

<sup>58</sup> Schur, L.A., Ameri, M. and Kruse, D., "[Telework After COVID: A "Silver Lining" for Workers with Disabilities?](#)" (It-telexogħol wara l-COVID: Aspett Pożittiv għall-ħaddiema b'Dizabilità?), *Journal of Occupational Rehabilitation*, Vol. 30, Nru 4, 2020, pp. 521–536.

b'diżabilità permezz tan-Network Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu gwida, taħriġ u għajjnuna finanzjarja biex jappoġġjaw il-ħolqien tal-impjiegi, ir-reklutaġġ, l-intraprenditorija u l-impjeg indipendenti għall-persuni b'diżabilità, inkluż permezz tal-FSE+; jissottolinja r-rwol pożittiv li jista' jkollha l-ekonomija soċjali fl-impjeg tal-persuni b'diżabilità; jistieden lill-Istati Membri joħolqu inċentivi biex iħeġġu lill-persuni b'diżabilità joħolqu entitajiet tal-ekonomija soċjali u jibdeu attivitajiet li jiġġeneraw l-introjt;

83. Jemmen li l-miżuri ta' appoġġ fis-suq tax-xogħol iridu jqisu d-diżabilità u r-risponsi ta' politika mfassla apposta biex jappoġġjaw l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fl-impjiegi; jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw it-tqabbil tal-impjiegi, it-tfassil ta' profili vokazzjonali, l-impjiegi u t-taħriġ simultanji, l-introduzzjoni għax-xogħol il-ġdid, it-taħriġ fuq il-post tax-xogħol, l-iżvilupp tal-karriera u l-mentoraġġ, u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inklużivi u aċċessibbli biex jappoġġjaw l-integrazzjoni u ż-żamma meħtieġa tal-persuni b'diżabilità fuq il-post tax-xogħol; jisħaq li l-miżuri li jtejbju l-inklużjoni u l-impjeg tal-persuni b'diżabilità mhux se jkunu verament effettivi mingħajr ma jiġu indirizzati wkoll l-istereotipi u l-istigma relatati mad-diżabilità fuq il-post tax-xogħol u s-soċjetà usa'; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza tas-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ għall-edukaturi, l-impjegaturi u l-impjegati, kif ukoll għall-pubbliku ġenerali biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni kontra l-persuni b'diżabilità, jinbidlu l-attitudnijiet u jiġu żgurati soċjetajiet tassew inklużivi;
84. Jisħaq li r-rata ta' attività baxxa tal-persuni b'diżabilità xxekkel l-inklużjoni soċjoekonomika, li trid tittejjeb permezz tal-programmi Ewropej u nazzjonali bl-għan tal-attivazzjoni u t-taħriġ tal-persuni li jitħallew barra mis-suq tax-xogħol; jisħaq li, filwaqt li l-appoġġ u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-persuni b'diżabilità huma kruċjali, jeħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll mekkaniżmi ta' protezzjoni soċjali adegwati u inklużivi biex jiġi żgurat li l-appoġġ ikun disponibbli għall-persuni kollha b'diżabilità;
85. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jivvalutaw ix-xejriet ewlenin għall-futur tax-xogħol minn perspettiva tal-persuni b'diżabilità sabiex jiġu identifikati u jitnedew azzjonijiet speċifiċi ħalli jagħmlu s-suq tax-xogħol aktar inklużiv u jitnaqqas id-distakk diġitali; jissottolinja l-importanza li jsir użu aħjar mit-teknoloġiji innovattivi biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi u jitneħħew l-ostakli għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjiegi, b'mod partikolari fis-suq tax-xogħol diġitali, u li l-persuni b'diżabilità jiġu meġġuna jiksbu aċċess għall-għodod diġitali u s-software li huma indispensabbli biex jgħixu b'mod indipendenti; jenfasizza l-ħtieġa li l-persuni b'diżabilità jiġu protetti mid-diskriminazzjoni bbażata fuq l-użu tal-IA fid-deċiżjonijiet dwar ir-reklutaġġ, l-għażla, il-promozzjoni u t-terminazzjoni fl-impjeg; jistieden lill-Istati Membri jtejbju l-firxa tal-korsijiet ta' taħriġ dwar il-ħiliet diġitali għal gruppi ta' persuni li huma friskju ta' esklużjoni, fost l-oħrajn, il-persuni b'diżabilità u l-persuni akbar fl-età, sabiex jiġu integrati aħjar fil-ħajja soċjali u fis-suq tax-xogħol u jipprovdu aċċess aħjar għas-servizzi elettroniċi u l-amministrazzjoni;
86. Jappoġġja bil-qawwa r-riċerka, l-investment soċjali u l-inizjattivi mmirati fil-livell tal-UE għall-programmi u s-servizzi li ġie ppruvat li huma effettivi fl-appoġġ tal-integrazzjoni fit-tul fis-suq tax-xogħol tal-persuni b'diżabilità, b'attenzjoni partikolari għall-persuni fuq l-ispettru tal-awtiżmu; jissuġġerixxi li l-Istati Membri

jikkummissjonaw riċerka dwar il-mudelli u l-programmi fejn s'issa għadha ma teżistix bażi tal-evidenza, kif ukoll jiffinanzjaw l-innovazzjoni fl-għoti tas-servizzi, bħall-IA applikata għal teknoloġiji assistivi<sup>59</sup>;

87. Jistieden lill-Istati Membri, b'mod partikolari lill-koordinaturi nazzjonali fl-istrategġiji nazzjonali pluriennali tagħhom fl-ambitu tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, jagħtu attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet tat-tfal b'diżabilità u jiżguraw aċċess effettiv u liberu għal servizzi ta' kwalità, b'mod partikolari l-edukazzjoni inklużiva; jistedinhom jipprovdu aċċess effettiv għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa u akkomodazzjoni adegwata għat-tfal rifuġjati kollha b'diżabilità fuq livell ugwali mat-tfal fil-pajjiżi ospitanti f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 sabiex jiġi żgurat li l-miżuri integrati nazzjonali jqisu l-iżvantaġġi intersezzjonali; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, għalhekk, iżidu b'mod urġenti l-finanzjament għall-Garanzija Ewropea għat-Tfal permezz ta' baġit iddedikat ta' mill-inqas EUR 20 biljun; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha, f'dan ir-rigward, jallokaw aktar mill-minimu tar-riżorsi tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża biex jappoġġjaw attivitajiet fl-ambitu tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal; itenni l-appell tiegħu lill-Istati Membri biex jimplimentaw il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imtejba biex jiżguraw offerti ta' kwalità għolja, inkluż l-għoti ta' remunerazzjoni ġusta, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, u ambjenti tax-xogħol li jkunu adattati għall-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità;
88. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw id-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u l-indokraturi, li tintroduċi allowance ta' liv tal-indokraturi ta' ħamest ijiem tax-xogħol kull sena; jinsisti li għandhom jiġu kkunsidrati arranġamenti speċjali għal-liv tal-indokraturi, il-liv tal-paternità, il-liv tal-ġenituri u sigħat tax-xogħol flessibbli għall-ġenituri f'sitwazzjonijiet partikolarment żvantaġġati, bħal dawk li għandhom diżabilità jew li huma ġenituri ta' tfal b'diżabilità jew mard fit-tul, mingħajr ebda riperkussjoni mill-impjegatur;
89. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien aħjar, inkluż permezz ta' pagi minimi adegwati u miżuri ta' trasparenza fil-pagi, inaqqsu d-differenza fil-pagi tal-persuni b'diżabilità u jiksbu tkabbir inklużiv u sostenibbli fis-suq tax-xogħol; jisħaq fuq l-importanza li d-direttiva dwar il-pagi minimi u dik dwar it-trasparenza fil-pagi jiġu adottati malajr, direttivi li jrid japplikaw bis-sħiħ għall-persuni b'diżabilità;
90. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa u tippromwovi qafas legali Ewropew għal intrapriżi inklużivi bl-għan li jinħoloq impjeg permanenti għall-persuni b'diżabilità;

o

o o

91. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-

---

<sup>59</sup> European Platform for Rehabilitation, "[Artificial intelligence and service provision for people with disabilities – An analytical paper](#)" (L-Intelligenza Artifiċjali u l-provvista ta' servizzi għall-persuni b'dizabilità – Dokument analitiku), 2022.



Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

Fil-proċess tal-abbozzar ta' dan ir-rapport, ir-Rapporteur eżaminat l-implimentazzjoni ta' kull artikolu tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (minn hawn 'il quddiem is-CRPD) flimkien mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-persuni b'diżabilità nfushom.

Is-CRPD hija l-ewwel trattat internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem li ġie ratifikat mill-UE u l-Istati Membri kollha tagħha, u dan jagħmilha legalment vinkolanti fuq l-istituzzjonijiet tal-UE u s-27 pajjiż. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtiġilhom jimplementaw bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u jiżguraw li l-leġiżlazzjoni futura kollha taderixxi bis-sħiħ għas-CRPD. Il-Parlament Ewropew saħaq fuq il-ħtieġa li l-Protokoll Fakultattiv għas-CRPD jiġi ratifikat kemm mill-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan kif ukoll mill-UE, peress li din hija triq li toffri opportunità biex jiġu rieżaminati każijiet individwali jew sistemiċi ta' diskriminazzjoni.

Madankollu, il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità ma għandhiex implimentazzjoni u infurzar effettivi. Sittax-il sena wara l-adozzjoni tas-CRPD, il-ħajja ta' kuljum tal-persuni b'diżabilità għadha mimilija ostakli: mill-bżonnijiet fiżiċi u soċjali, għall-integrazzjoni fl-iskola jew fl-impjieg, għall-aspetti essenzjali kollha tal-ħajja ta' kuljum.

### ***In-nuqqas ta' implimentazzjoni tas-CRPD***

In-nuqqas ta' adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar in-nondiskriminazzjoni fil-livell tal-UE huwa wieħed mill-akbar ostakli biex tinkiseb it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità. Mingħajr leġiżlazzjoni orizzontali dwar in-nondiskriminazzjoni, il-persuni b'diżabilità huma esposti għal firxa wiesgħa ta' forom oħra ta' diskriminazzjoni fl-aċċess għall-akkomodazzjoni, l-oġġetti u s-servizzi, li mhumiex koperti fl-ambitu tal-liġi Ewropea dwar in-nondiskriminazzjoni. Minkejja l-appelli ripetuti mill-Parlament Ewropew li jħeġġu lill-Kunsill biex jiżblokka n-negozjati rigward id-direttiva dwar l-ugwaljanza orizzontali, ma sar ebda progress mill-2008 'l hawn u l-Kummissjoni ma ħarġitx b'miżuri speċifiċi fil-każ li d-direttiva ma tiġix adottata mill-Kunsill.

Minkejja li sar ħafna progress mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tas-CRPD u fil-konformità mal-istandards tagħha, għall-kuntrarju tal-Konvenzjoni, l-UE, pereżempju, kompliet tappoġġja l-investimenti f'istituti kbar u zġhar. Barra minn hekk, l-illmenti u l-evidenza dwar il-prattika tat-tortura u forom oħra ta' restrizzjonijiet fiżiċi u kimiċi fl-istituti jindikaw li din hija kwistjoni sistemika fl-UE u għandna nappellaw għall-projbizzjoni assoluta tagħha u għall-obbligu ta' rendikont ta' dawk involuti f'tali Prattiki.

Ir-Rapporteur tilqa' l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 u l-impenn tal-Kummissjoni li ttejjem il-prattika ta' rikoveru f'istitut fl-Istati Membri kollha. Madankollu, hija temmen li huwa essenzjali li tiġi rikonoxxuta b'mod espliċitu n-natura segreganti tad-djar tal-kura u l-ħtieġa li nitbiegħdu minn tali ambjenti – li ma għandhomx ikunu "alternattiva" għal istituti – filwaqt li jiġu inkoraġġiti l-appoġġ u s-servizzi komunitarji, bħall-assistenza personali, u filwaqt li jinħolqu mogħdijiet lejn akkomodazzjoni aċċessibbli u bi prezz raġonevoli. Għalkemm ammont sinifikanti ta' flus tal-UE ġie allokat biex jappoġġja l-iżvilupp ta' servizzi bbażati fil-komunità, l-investment parallel f'ambjenti residenzjali zġhar u kbar kien ta' xkiel għall-iżvilupp ta' akkomodazzjoni alternattiva u għażliet ta' appoġġ. L-

aċċess għal servizzi ta' għajxien indipendenti huwa kruċjali. Il-persuni b'diżabilità għandhom jiddeċiedu fejn iridu jgħixu u l-appoġġ li jridu jirċievu.

### ***L-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni***

Xi persuni b'diżabilità, inklużi persuni b'diżabilità psikosoċjali, għandhom ma jistgħux igawdu bis-sħiġ id-dritt tagħhom għall-parteciġazzjoni politika fl-UE kollha. Fl-aħħar elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2019, 18-il Stat Membru tal-UE kellhom leġiżlazzjoni fis-seħħ li eskudiet mijiet ta' eluf ta' ċittadini mill-possibbiltà li jivvutaw minħabba diżabilità (jiġifieri minħabba li jitqiegħdu taħt tutela plenarja jew parzjali). Barra minn hekk, dan ma jinkludix dawk il-persuni li, anki jekk ma jkunux imċaħħda mill-kapaċità ġuridika tagħhom, ma setgħux jivvutaw minħabba li kienu istituzzjonalizzati.

Il-persuni b'diżabilità għandhom f'riskju oġġla ta' vjolenza u abbuż minn persuni oħra. It-tfal u l-adolesxenti b'diżabilità huma minn tlieta sa erba' darbiet aktar probabbli li jesperjenzaw vjolenza fiżika u sesswali u negliġenza minn tfal oħra. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal mingħajr diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip.

In-nisa u l-bniet b'diżabilità jiffaċċjaw diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali fl-oqasma kollha tal-ħajja, u huma aktar f'riskju ta' vjolenza, sfruttament u abbuż meta mqabbla ma' nisa oħra. Tali vjolenza tista' tieħu forom differenti inkluż fastidju, vjolenza sesswali, u abort, sterilizzazzjoni u kontraċezzjoni sfurzati. Il-kumitat dwar is-CRPD esprima tħassib dwar il-fatt li bosta Stati Membri għandhom jawtorizzaw l-sterilizzazzjoni sfurzata fil-leġiżlazzjoni tagħhom, u li anke f'pajjiżi fejn il-liġi ma tawtorizzax l-sterilizzazzjoni sfurzata, tali ksur xorta jista' jsir meta jitwettaq mingħajr il-fehim u l-kunsens tat-tfajla jew tal-mara b'diżabilità. Għalhekk, l-UE ma tistax tistenna aktar u għandha tirratifika u timplimenta malajr il-Konvenzjoni ta' Istanbul, tiġbor data diżaggregata biex tinforma dwar is-sitwazzjoni speċifika tagħhom, tiffinanzja u tippromwovi t-taħriġ u l-bini tal-kapaċitajiet tal-professjonisti, u l-edukazzjoni emozzjonali u sesswali fl-Istati Membri, inkluż permezz tal-finanzjament ta' proġetti.

### ***Il-libertà tal-moviment u r-rikonoxximent reċiproku: il-ħtieġa li jiġu estiżi l-benefiċċji tal-Karta tad-Diżabilità tal-UE***

Il-ħtieġa li jiġu estiżi l-benefiċċji tal-Karta tad-Diżabilità tal-UE hija tal-akbar importanza għar-Rapporteur. Fil-fatt, peress li l-qsim tal-fruntiera ma jbiddux l-istatus ta' diżabilità ta' persuna, ir-rikonoxximent reċiproku, ibbażat fuq l-armonizzazzjoni tas-sistemi ta' valutazzjoni tal-grad ta' diżabilità, jippermetti lill-persuni b'diżabilità jibbenefikaw mid-drittijiet kollha tagħhom fl-UE kollha, mingħajr ma jiffaċċjaw ostakli. Għaliex huwa importanti dan?

Impjeg: in-nuqqas ta' korrelazzjoni bejn is-sistemi ta' valutazzjoni tal-grad ta' diżabilità fl-Istati Membri jillimita b'mod sinifikanti l-possibbiltà ta' persuni b'diżabilità li jiċċaqilqu bejn il-pajjiżi tal-UE biex jaħdmu. Iċ-ċertifikat ta' diżabilità jintitola wkoll li wieħed jibbenefika mis-servizzi tal-aġenziji tal-impjegi, taħriġ speċjalizzat u korsijiet vokazzjonali. Bidla fil-pajjiż ta' residenza teħtieġ il-kwalifika tal-grad rilevanti ta' diżabilità biex wieħed jibbenefika minn tali drittijiet.

Kura tas-saħħa u Riabilitazzjoni: il-possibbiltà li jintużaw servizzi ta' riabilitazzjoni, il-livell ta' sussidji għal dawn is-servizzi, is-sussidji għax-xiri ta' tagħmir meħtieġ għall-ħajja ta' kuljum ta' persuna b'diżabilità jeħtieġu ċertifikat tal-grad ta' diżabilità. Fin-nuqqas ta' korrelazzjoni tas-

sistemi ta' valutazzjoni tad-diżabilità, il-possibbiltà li jitkomplew il-proċessi ta' riabilitazzjoni li għaddejnin meta jinbidel il-pajjiż ta' residenza hija limitata ħafna.

Trasport: biex jibbenefika minn tariffi mnaqqsa tat-trasport, il-passiġġier irid ikun ikkwalifikat bħala persuna bi grad rilevanti ta' diżabilità, li jikkorrispondi għall-ammont tat-tnaqqis. F'ħafna postijiet, l-użu ta' servizzi speċjalizzati tat-trasport bit-triq jiddependi mill-fatt li l-benefiċjarju jkollu grad għoli rilevanti ta' diżabilità. Għalhekk, is-servizzi speċjalizzati tat-trasport u l-użu tat-tnaqqis fit-tariffi tat-trasport bħalissa, fin-nuqqas ta' korrelazzjoni bejn il-grad ta' diżabilità, mhumiex disponibbli għaċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE li jivvjaġġaw fl-Ewropa.

Edukazzjoni: kwistjoni separata hija d-diskrepanzi bejn is-sistemi ta' valutazzjoni tal-grad ta' diżabilità tat-tfal u ż-żgħażaġh fl-Istati Membri tal-UE, li jirriżultaw f'diffikultajiet fl-aċċess għal edukazzjoni speċjalizzata meta jinbidel il-pajjiż ta' residenza.

### ***Il-ħtieġa li jiġi promoss servizz tas-saħħa aċċessibbli u ta' kwalità għolja***

L-UE bħalissa ma tirrikonoxxi diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabilità fir-rigward tal-kura tas-saħħa. Dan ifisser li persuni b'diżabilità mhumiex protetti biex jirċievu l-istess firxa, kwalità u standard ta' kura tas-saħħa u programmi b'xejn jew bi prezz raġonevoli kif ipprovduti lil persuni oħra.

Għal persuni b'diżabilità psikosoċjali l-isfida ma tiġix biss minn diskriminazzjoni u stigma possibbli, iżda wkoll mir-riskju li ma jirċevux informazzjoni adegwata u li jagħtu kunsens infurmat jekk ikunu taħt tutela jew taħt xi tipi ta' skemi ta' teħid ta' deċiżjonijiet sostituttiv. Min-naħa l-oħra, it-teħid ta' deċiżjonijiet appoġġjat huwa prattika li jista' jkollha impatt sostanzjali fuq id-dritt għas-saħħa tal-persuni b'diżabilità psikosoċjali, iżda prattikament l-Istati Membri kollha tal-UE għadhom jinkludu xi tip ta' skemi ta' teħid ta' deċiżjonijiet sostituttiv bħala l-aħħar għażla. Dan ifisser li, f'ħafna każijiet, fejn hemm għażla bejn it-tnejn, it-teħid ta' deċiżjonijiet sostituttiv jipprevali fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet appoġġjat.

Fl-aħħar nett, l-UE bħalissa ma għandha l-ebda azzjoni ddedikata għas-saħħa mentali. Din hija kwistjoni partikolarment problematika peress li l-ostakli li jiffaċċjaw il-persuni b'diżabilità għandhom impatt fuq il-benessri ġenerali u s-saħħa mentali tagħhom u għaliex, anke għall-persuni mingħajr diżabilità, xi forom ta' problemi ta' saħħa mentali – jekk ma jkunux adegwament prevenuti u indirizzati – jistgħu jwasslu għall-iżvilupp ta' diżabilità psikosoċjali. Minkejja l-fatt li l-Kunsill u l-Parlament Ewropew kienu qed jappellaw għall-ħtieġa ta' Strateġija Ewropea għas-Saħħa Mentali, bħalissa ma hija prevista l-ebda azzjoni jew qed tiġi żviluppata.

### ***Il-ħtieġa ta' pjan ta' implimentazzjoni tal-UE għal tnaqqis tar-riskju ta' diżastri li jinkludi d-diżabilità***

Ir-Rapporteur riedet ukoll tenfasizza li l-impatti tat-tibdil fil-klima – minn diżastri li jseħħu malajr bħat-tifuni u n-nirien mhux ikkontrollati għal bidliet aktar gradwali bħan-nixfiet, iż-żieda fit-temperatura, u ż-żieda fil-livell tal-baħar – għandhom effetti sproporzjonati fuq il-ħajja, il-benessri, u l-għajxien tal-persuni b'diżabilità madwar id-dinja kollha. In-nuqqas ta' inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fl-isforzi tad-dinja biex tiġġieled il-kriżi klimatika u tnaqqas ir-riskji ta' diżastri għandu konsegwenzi drammatiċi. Minħabba pjanijiet ta' tħejjija għad-diżastri inaċċessibbli, diskriminazzjoni sistematika u faqar mifruq, il-persuni b'diżabilità spiss jitħallew lura fl-isforzi ta' għajjnuna u rispons.

Il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030 jirrifletti aġenda ta' żvilupp sostenibbli bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem li tinkludi l-persuni b'diżabilità u tkun aċċessibbli għalihom. Teħtieġ ukoll li l-politiki kollha tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri jintegraw perspettiva ta' diżabilità u jippromwovu teħid ta' deċiżjonijiet inklużiv u infurmat dwar ir-riskju bbażat fuq it-tixrid ta' informazzjoni diżaggregata skont id-diżabilità.

Jista' jsir aktar biex tissaħħaħ il-parteciżazzjoni tal-persuni b'diżabilità u tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fit-teħid ta' deċiżjonijiet għat-tfassil, il-ġestjoni, ir-riżorsi u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-programmi għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri. Dan għandu jinkludi l-integrazzjoni bejn is-setturi u l-livelli tal-gvern, inkluż billi jiġu stabbiliti miri u skedi ta' żmien speċifiċi biex jintlaħaq bilanċ għall-persuni b'diżabilità, u l-iżvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni għat-Tnaqqis tar-Riskju tad-Diżastri li jinkludi d-Diżabilità biex jinkiseb il-Qafas ta' Sendai. Il-politiki u l-programmi jridu jkunu appoġġjati wkoll b'bażi ta' evidenza u data aktar diżaggregata, u hemm bżonn li tiġi appoġġjata u ffinanzjata r-riċerka u li jinftiehem aħjar l-impatti tad-diżastri fuq il-persuni b'diżabilità u l-kapaċità tagħhom li jaffrontawhom.

### ***Dikjarazzjoni ta' konklużjoni***

L-implimentazzjoni sħiħa u effettiva ta' kull artikolu tas-CRPD kienet l-għan u l-forza li tmexxi dan ir-rapport mill-bidu nett u r-Rapporteur temmen li l-Parlament Ewropew għandu jkun minn ta' quddiem fl-ilħuq ta' dan l-għan.

L-ugwaljanza vera tista' tinkiseb biss permezz ta' riżultati konkreti u li jstgħu jitkejlu. Is-CRPD hija l-istrument ewlieni biex jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni, l-esklużjoni u l-koerċizzjoni iżda rridu ngħaddu mill-kliem għall-fatti. L-Istati Membri għandhom jagħmlu bidliet prattiċi fil-leġiżlazzjoni tagħhom biex l-ugwaljanza ssir realtà quddiem il-liġi għall-persuni b'diżabilità fl-UE. Mhumiex il-persuni b'diżabilità li għandhom jagħmlu spazju għalihom infushom biex jgħixu bħal kulħadd, iżda huwa f'idejn dawk li għandhom il-poter li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom, billi l-ewwel nett jagħtuhom post ewlieni madwar il-mejda fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet.

Id-demokrazija għandha tkun għal kulħadd u jekk id-demokrazija ma tkunx għal kulħadd, ma tistax tinkiseb l-ugwaljanza.

24.10.2022

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Lejn drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità  
(2022/2026(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jordi Cañas

### SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 2, 9, 10, u 19 u l-Artikolu 216(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta), b'mod partikolari l-Artikoli 3, 15, 20, 21, 23, 25, 26 u 47 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 15 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari l-prinċipji 1, 2, 3, 4, 5, 6, 11, 14 u 17 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, b'mod partikolari l-SDGs 1, 8 u 10,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD), il-Protokoll Fakultattiv tagħha, u d-dħul fis-seħħ tagħha fl-UE fil-21 ta' Jannar 2011, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità,<sup>1</sup>
- wara li kkunsidra l-kummenti ġenerali tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (il-Kumitat CRPD) dwar l-implimentazzjoni tas-CRPD, b'mod partikolari l-kumment ġenerali Nru 2 tat-22 ta' Mejju 2014 dwar l-aċċessibbiltà, Nru 3 tal-

---

<sup>1</sup> ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35.

25 ta' Novembru 2016 dwar in-nisa u l-bniet b'diżabilità, Nru 4 tal-  
25 ta' Novembru 2016 dwar id-dritt għal edukazzjoni inklużiva, Nru 5 tas-  
27 ta' Ottubru 2017 dwar l-għajxien indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità, Nru 6 tas-  
26 ta' April 2018 dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, u Nru 7 tad-  
9 ta' Novembru 2018 dwar il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità, inklużi t-tfal  
b'diżabilità, permezz tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom,

- wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat CRPD tat-  
2 ta' Ottubru 2015 dwar ir-rapport inizjali tal-Unjoni Ewropea, u l-lista ta' kwistjonijiet  
sottomessa mill-Kumitat CRPD tal-20 ta' April 2022, qabel is-sottomissjoni tat-tieni u t-  
t-tielet rapport perijodiku tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta'  
Diskriminazzjoni kontra n-Nisa,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda  
kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u  
tal-Libertajiet Fundamentali (il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem),
- wara li kkunsidra l-mira tal-faqar ta' Ewropa 2020, id-dikjarazzjoni ta' Porto, il-  
komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-  
Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" (COM(2021)0102) u l-mira tiegħu għall-2030  
relatata mal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li  
timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini  
tar-razza jew etniċità<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra r-regolamenti li jstabbilixxu r-regoli dwar il-programmi ta'  
finanzjament tal-UE fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali, speċjalment il-Fond  
Soċjali Ewropew, l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ, il-Fond Ewropew għall-  
Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-programm  
Erasmus, u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, li kollha kemm huma jipprovdu assistenza  
finanzjarja tal-UE għat-titjib tas-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li  
tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol<sup>3</sup> (id-  
Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg),
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/951 tat-  
22 ta' Ġunju 2018 dwar standards għall-korpi għall-ugwaljanza<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-

<sup>2</sup> ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.

<sup>3</sup> ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.

<sup>4</sup> ĠU L 167, 4.7.2018, p. 28.



17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi<sup>5</sup> (l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà),

- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku<sup>6</sup> (id-Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà għall-Web),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2008 għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426) u l-pożizzjoni tal-Parlament dwarha tat-2 ta' April 2009<sup>7</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2018 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa b'diżabilità<sup>8</sup>,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2030" (COM(2021)0101), b'mod partikolari s-sitt inizjattivi emblematiċi fiha,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Strateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010–2020: Impenn mill-Ġdid għal Ewropa mingħajr Ostakoli" (COM(2010)0636),
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tat-2 ta' Frar 2017 bit-titolu "Rapport ta' Progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità (2010-2020)" (SWD(2017)0029),
- wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-proġett pilota tal-Kummissjoni għall-2016-2018 fi tmien Stati Membri dwar karta tad-diżabilità tal-UE, u l-istudju tal-2021 li jivvaluta l-implimentazzjoni tal-azzjoni pilota dwar il-Karta tad-Diżabilità tal-UE u l-benefiċċji assoċjati,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "It-tiswir tal-aġenda tal-UE għal drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2020-2030: kontribut mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew"<sup>9</sup>,
- wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-20 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Evaluation of the European Disability Strategy 2010-2020" (Evalwazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020) (SWD(2020)0289),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Impjeggi u l-Ugwaljanza Razzjali (COM(2021)0139),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-Istrateġija Ewropea

---

<sup>5</sup> ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70.

<sup>6</sup> ĠU L 327, 2.12.2016, p. 1.

<sup>7</sup> ĠU C 137E, 27.5.2010, p. 68.

<sup>8</sup> ĠU C 363, 28.10.2020, p. 16.

<sup>9</sup> ĠU C 97, 24.3.2020, p. 41.



tad-Diżabilità għal wara l-2020<sup>10</sup>,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2021 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol fid-dawl tas-CRPD<sup>11</sup>,
- wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-Eurofound tal-2020 bit-titolu "Disability and labour market integration: Policy trends and support in EU Member States" (Diżabilità u integrazzjoni fis-suq tax-xogħol: xejriet ta' politika u appoġġ fl-Istati Membri tal-UE),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-UE tat-tfal u ż-żgħażaġh li qed jaħarbu minħabba l-gwerra fl-Ukrajna<sup>12</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2022 bit-titolu "Il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna għall-UE – it-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li taġixxi"<sup>13</sup>,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies: pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali" (COM(2021)0778),
- wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-Eurofound tal-2020 bit-titolu "People with disabilities and the COVID-19 pandemic: Findings from the Living, working and COVID-19 e-survey" (Il-persuni b'diżabilità u l-pandemija tal-COVID-19: Sejbiet mill-istħarriġ elettroniku dwar l-Għajxien, il-ħidma u l-COVID-19),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal,
- wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU, b'mod partikolari l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 8 "Il-promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku sostnut, inklużiv u sostenibbli, impjieg sħiħ u produttiv u xogħol deċenti għal kulħadd",
- wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-Eurofound tal-2018 bit-titolu "The social and employment situation of people with disabilities" (Is-sitwazzjoni soċjali u tal-impjiegi tal-persuni b'diżabilità),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2021 dwar il-Garanzija Ewropea għat-Tfal<sup>14</sup>,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal<sup>15</sup>,
- wara li kkunsidra l-istudju tad-Dipartiment Tematiku C tal-Parlament Ewropew ta' Settembru 2017 bit-titolu "Inclusive education for learners with disabilities"

---

<sup>10</sup> ĠU C 362, 8.9.2021, p. 8.

<sup>11</sup> ĠU C 474, 24.11.2021, p. 48.

<sup>12</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0120.

<sup>13</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0219.

<sup>14</sup> ĠU C 506, 15.12.2021, p. 94.

<sup>15</sup> ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14.

(Edukazzjoni inklużiva għall-istudenti b'diżabilità)<sup>16</sup>,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2021 bit-titolu "Il-protezzjoni tal-persuni b'diżabilità permezz tal-petizzjonijiet: it-tagħlimiet meħuda"<sup>17</sup> u tat-8 ta' Lulju 2020 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità intellettuali u tal-familji tagħhom fil-kriżi tal-COVID-19<sup>18</sup>,
- A. billi, id-diżabilità tirriżulta mill-interazzjoni bejn il-persuni li għandhom indebolimenti fiżiċi, mentali, intellettuali jew fis-sensi fuq perjodu twil u ostakoli ta' attitudni u ambjentali li jxekklu l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor; billi s-CRPD tirrifjuta l-mudell mediku tad-diżabilità u minflok tapprova l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-mudell soċjali u kuntestwali tad-diżabilità; billi s-CRPD titlob ugwaljanza inklużiva għall-persuni b'diżabilità; billi l-persuni b'diżabilità jikkontribwixxu għad-diversità tal-umanità u tas-soċjetà;
- B. billi hemm madwar 87 miljun persuna b'diżabilità fl-Ewropa<sup>19</sup>; billi madwar wieħed minn kull sitt persuni fl-UE jgħixu b'xi tip ta' diżabilità; billi 50,6 % tal-persuni b'diżabilità huma impjegati u 28,4 % huma friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, meta mqabbla ma' 74,8 %<sup>20</sup> u 18,4 % rispettivament tal-persuni mingħajr diżabilità<sup>21</sup>; billi l-aktar data reċenti mill-istatistika tal-UE dwar l-introjt u l-kundizzjonijiet tal-għajxien turi li fl-2020 id-differenza fl-impjiegi fost il-persuni b'diżabilità kienet ta' 24,5 %; billi fl-UE, ir-rata ta' attività fl-impjiegi għall-persuni b'diżabilità hija biss 61,0 % meta mqabbla ma' 82,3 % għall-persuni mingħajr diżabilità; billi l-mard rewmatiku u muskuloskeletalni huwa assoċjat ma' livelli għoljin ta' diżabilità, jikkostitwixxi l-akbar kawża ta' diżabilità fiżika fl-UE, u jammonta għal aktar minn 50 % tas-snin ta' għajxien b'diżabilità fl-Ewropa<sup>22</sup>; billi xi persuni b'diżabilità, speċjalment il-persuni b'diżabilitajiet intellettuali jew psikosoċjali u dawk fuq l-ispettru tal-awtiżmu, huma affettwati b'mod sproporzjonat minn rati ta' qgħad ogħla; billi bejn 70 % u 90 % tal-adulti bl-awtiżmu huma qiegħda<sup>23</sup>;
- C. billi l-persuni b'diżabilità jkomplu jiffaċċjaw diskriminazzjoni u żvantaġġi multipli u intersezzjonali fil-ħajja ta' kuljum u ma jgawdux bis-sħiħ il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet kif stabbiliti fl-oqfsa normattivi u legali applikabbli tal-UE u tan-NU, bħar-rikonoxximent reċiproku tal-istatus tad-diżabilità bejn l-Istati Membri, l-aċċess ugwali għat-trasport pubbliku, l-aċċessibilità tal-ambjent mibni, l-użu tal-lingwi tas-sinjali, il-finanzjament tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-aċċess għalihom, l-aċċess għall-

<sup>16</sup> <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/434b691e-a8b2-11e7-837e-01aa75ed71a1>

<sup>17</sup> ĠU C 132, 24.3.2022, p. 129.

<sup>18</sup> ĠU C 371, 15.9.2021, p. 6.

<sup>19</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, "[Opening remarks by Commissioner Dalli on the Strategy for the Rights of Persons with Disabilities 2021-2030](#)" (Kummenti tal-ftuh mill-Kummissarju Dalli dwar l-Istrateġija għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2030), 3 ta' Marzu 2021.

<sup>20</sup> Lecerf, M., Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, "Employment and disability in the European Union" [https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2021/653644/EXPO\\_BRI\(2020\)651932\\_EN.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2021/653644/EXPO_BRI(2020)651932_EN.pdf) (L-impjiegi u d-diżabilità fl-Unjoni Ewropea), Mejju 2020.

<sup>21</sup> Eurostat, "[Disability statistics – poverty and income inequalities](#)" (Statistika dwar il-persuni b'diżabilità – il-faqar u l-inugwaljanzi fl-introjt), Jannar 2021.

<sup>22</sup> Skont id-data mill-[World Health Organization Rehabilitation Need Estimator](#), aċċessat fl-4 ta' April 2022.

<sup>23</sup> Autism-Europe, "[State of play of employment of people on the autism spectrum in Europe: barriers, good practices and trends](#)", (Is-sitwazzjoni attwali tal-impjiegi tal-persuni fuq l-ispettru tal-awtiżmu fl-Ewropa: ostakoli, prattiki tajba u xejriet), 5 ta' Novembru 2019.

assistenza personali u l-inklużjoni fil-komunità, u l-opportunitajiet indaqs u t-trattament indaqs fix-xogħol u l-impjieg; billi dawn l-isfidi jvarjaw bejn l-Istati Membri;

- D. billi n-nisa b'diżabilità jikkostitwixxu 16 % tal-popolazzjoni totali tan-nisa fl-UE u 60 % tal-popolazzjoni ġenerali tal-persuni b'diżabilità fl-Ewropa; billi n-nisa b'diżabilità huma f'riskju akbar ta' qgħad, faqar u esklużjoni soċjali meta mqabbla mal-irġiel b'diżabilità u man-nisa mingħajr diżabilità, filwaqt li 20 % biss tan-nisa b'diżabilità għandhom impjieg full-time, meta mqabbla ma' 29 % tal-irġiel b'diżabilità u 48 % tan-nisa mingħajr diżabilità<sup>24</sup>; billi l-faqar u l-forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni jżidu r-riskji tal-esklużjoni soċjali u l-vjolenza kontra n-nisa; billi n-nisa b'diżabilità huma minn darbtejn sa ħames darbiet aktar probabbli li jkunu vittmi ta' vjolenza minn nisa oħra<sup>25</sup>;
- E. billi r-riċerka tal-Eurofound turi li bejn l-2011 u l-2016, id-differenza fil-livell tal-edukazzjoni għolja bejn il-persuni b'diżabilità u dawk mingħajr diżabilità kibret minn 7 % għal 9 %; billi 29,4 % biss tal-persuni b'diżabilità jiksbu lawrja terzjarja meta mqabbla mat-43,8 % ta' dawk mingħajr diżabilità<sup>26</sup>; billi l-limitazzjonijiet f'termini ta' aċċess għall-edukazzjoni għall-persuni b'diżabilità jwasslu għal inqas parteċipazzjoni fl-attivitajiet edukattivi u ta' taħriġ u għal riskju ta' esklużjoni soċjali u ekonomika;
- F. billi l-UE, l-istituzzjonijiet tagħha u l-Istati Membri tagħha huma parti għas-CRPD u huma obbligati jimplimentaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali inklużi fiha, inkluż l-Artikolu 27 dwar ix-xogħol u l-impjieg; billi d-drittijiet minquxa fis-CRPD huma 'l bogħod milli jsiru realtà għal miljuni ta' persuni b'diżabilità fl-UE, mhux l-inqas minħabba n-nuqqasijiet fid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg;
- G. billi s-CRPD tirrikonoxxi d-dritt tal-persuni b'diżabilità li jaħdmu fuq bażi ugwali mal-oħrajn, inkluż l-opportunità għal qligħ ta' għajxien permezz ta' xogħol magħżul b'mod liberu u f'ambjent tax-xogħol li hu miftuħ, inklużiv u aċċessibbli; billi kulħadd għandu d-dritt għal assistenza f'waqtha u mfassla apposta biex itejjeb il-prospetti ta' impjieg jew impjieg indipendenti, inkluż id-dritt li jirċievi appoġġ għat-tfittix ta' impjieg, għat-taħriġ u għall-kwalifikazzjoni mill-ġdid, kif stabbilit fil-prinċipju 4 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; billi l-persuni b'diżabilità huma esklużi bil-qawwa mis-suq tax-xogħol miftuħ u mċaħħda mid-dritt tagħhom li jaħdmu fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor jew jiffaċċjaw diffikultajiet kbar biex jiksbu aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol kif ukoll kundizzjonijiet ugwali fiha; billi r-riċerka tal-Eurofound tiżvela li l-ostakoli ewlenin għall-impjieg tal-persuni b'diżabilità jinkludu stereotipi relatati mad-diżabilità, diffikultajiet burokratiċi biex jiġu aċċessati s-servizzi disponibbli, nuqqas ta' viżjoni strateġika fil-governanza, monitoraġġ insuffiċjenti tal-implimentazzjoni tal-politika,

<sup>24</sup> L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, "Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2021".

<sup>25</sup> Forum Ewropew dwar id-Diżabilità, "[EDF joins World Day for the Elimination of Violence against Women. Orange the World: Fund, Respond, Prevent, Collect!](#)" (EDF jingħaqad mal-Jum Dinji għall-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa. Ikkuluraw lid-dinja bl-orangjo: Iffinanzjaw, Irrispondu, Ipprevenu, Igbru!), 25 ta' Novembru 2021.

<sup>26</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, "[Union Of Equality: Strategy For The Rights Of Persons With Disabilities 2021-2030 – Building a Union without barriers](#)" (Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030), 3 ta' Marzu 2021. Ara wkoll: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030" (COM(2021)0101).

riżorsi tat-taħriġ limitati għall-impjegaturi u nuqqas ta' appoġġ speċjalizzat<sup>27</sup>;

- H. billi l-persuni b'diżabilità għandu jkollhom aċċess għal appoġġ u akkomodazzjoni individwalizzati fil-post tax-xogħol; billi l-persuni b'diżabilità għandhom id-dritt għal appoġġ għall-introjtu li jiżgura l-kapaċità tagħhom li jgħixu b'dinjità, servizzi li jippermettulhom jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà, u ambjent tax-xogħol adattat għall-bżonnijiet tagħhom; billi l-iżvantaġġi esperjenzati minn persuni b'diżabilità jestendu ferm lil hinn mill-isfera tal-impjieg; billi s-sitwazzjoni soċjali u finanzjarja tal-persuni b'diżabilità fl-UE hija ferm agħar minn dik tal-persuni mingħajr diżabilità<sup>28</sup> u hija sinonima ma' żvantaġġ strutturali jew edukattiv u ma' diskriminazzjoni; billi l-miżuri ta' appoġġ li jagħmlu enfasi fuq oqsma oħra għajr l-impjieg – pereżempju, it-tnaqqis tal-faqar, l-aċċess għall-akkomodazzjoni u l-indukrar tat-tfal, trasport pubbliku aċċessibbli u assistenza personali – jaqdu wkoll rwol ewlieni biex il-persuni b'diżabilità jingħataw opportunitajiet ħalli jaċċessaw u jibqgħu fil-forza tax-xogħol;
- I. billi l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2021-2030 tipproponi l-ħolqien ta' Karta tad-Diżabilità tal-UE sa tmiem l-2023, bil-ħsieb li tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri kollha;
- J. billi l-innovazzjonijiet tekniċi, bħal sistemi ta' intelliġenza artifiċjali etiċi u ċċentrati fuq il-bniedem, għandhom il-potenzjal li jiżviluppaw proċessi ta' reklutaġġ effiċjenti, aċċessibbli u mhux diskriminatorji, iżda billi żviluppi teknoloġiċi li mhumiex inklużivi jistgħu joħlqu riskju li jiżdiedu ostakli u forum ta' diskriminazzjoni ġodda kontra persuni b'diżabilità; billi l-Artikolu 9 tas-CRPD jirrikjedi informazzjoni aċċessibbli u aċċess għat-teknoloġiji u s-sistemi ta' komunikazzjoni fuq bażi ugwali ma' oħrajn; billi 64,3 % tal-persuni b'diżabilità li għandhom 16-il sena u aktar għandhom konnessjoni tal-internet f'darhom, meta mqabbla mas-87,9 % tal-persuni mingħajr diżabilità<sup>29</sup>;
- K. billi r-riċerka tal-Eurofound turi li l-appoġġ għall-intraprenditorija u l-impjieg indipendenti fil-forma ta' gwida, taħriġ u għajjnuna finanzjarja jista' jipprovdi opportunitajiet għall-persuni b'diżabilità biex ikunu attivi fis-suq tax-xogħol miftuħ, filwaqt li tiġi diżinċentivata d-dipendenza unika tagħhom fuq il-benefiċċji għad-diżabilità; billi tali appoġġ jeħtieġ li jkun immirat tajjeb u jkollu riżorsi adegwati<sup>30</sup>;
- L. billi l-pandemija tal-COVID-19 aggravat l-ostakoli u l-inugwaljanzi eżistenti għall-persuni kollha b'diżabilità; billi r-riċerka tal-Eurofound turi li matul il-pandemija, bħala medja, 71 % tar-rispondenti b'diżabilità kienu f'riskju ta' dipressjoni, u 25 % tar-rispondenti b'diżabilità indikaw li ma setgħux jaċċessaw il-kura tas-saħħa mentali, li kienet rata darbtejn ogħla meta mqabbla ma' dawk mingħajr diżabilità<sup>31</sup>; billi r-riċerka

<sup>27</sup> Eurofound, "[Disability and labour market integration: Policy trends and support in EU Member States](#)"

(Diżabilità u integrazzjoni fis-suq tax-xogħol: xejriet ta' politika u appoġġ fl-Istati Membri tal-UE), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021.

<sup>28</sup> Eurofound, "The social and employment situation of people with disabilities" (Is-sitwazzjoni soċjali u tal-impjieg tal-persuni b'diżabilità), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2018.

<sup>29</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2030" (COM(2021)0101).

<sup>30</sup> Eurofound, "[Disability and labour market integration: Policy trends and support in EU Member States](#)"

(Diżabilità u integrazzjoni fis-suq tax-xogħol: xejriet ta' politika u appoġġ fl-Istati Membri tal-UE), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021, p. 25.

<sup>31</sup> Eurofound, "[People with disabilities and the COVID-19 pandemic: Findings from the Living, working and](#)

tal-Eurofound turi li l-lockdowns u r-restrizzjonijiet tal-pandemija tal-COVID-19 affettwaw b'mod partikolari lill-persuni żgħażagħ b'diżabilita ta' bejn it-18 u d-29 sena, peress li 51 % tar-rispondenti rrappurtaw li jħossuhom waħedhom, 19 % aktar mill-persuni żgħażagħ mingħajr diżabilita<sup>32</sup>; billi l-pjanijiet ta' ritorn għax-xogħol huma kritiċi għall-ħaddiema li jbatu minn problemi ta' saħħa mentali;

- M. billi l-parteċipazzjoni politika ma taffettwax lill-persuni kollha b'diżabilita bl-istess mod; billi dawk b'indebolimenti aktar severi, kif ukoll il-persuni b'tipi partikolari ta' indebolimenti – pereżempju, il-persuni b'diżabilitajiet intellettuali – jiffaċċjaw b'mod sproporzjonat ostakoli għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja politika; billi dawn l-individwi ta' spiss huma wħud mill-aktar iżolati u esklużi;
- N. billi għaxar snin wara li l-UE saret parti għas-CRPD, il-livell ta' istituzzjonalizzazzjoni baqa' l-istess; billi madwar l-Ewropa, mill-inqas 1,4 miljun persuna għadhom limitati għall-istituzzjonijiet – numru li baqa' ma nbidilx mill-adozzjoni tal-konvenzjoni<sup>33</sup>; billi skont l-istħarriġ tal-2020 dwar l-għajxien indipendenti tan-Network Ewropew għal Għajxien Indipendenti, 24 minn 43 pajjiż rappreżentant fil-Kunsill tal-Ewropa ma għandhomx strateġija għad-destituzzjonalizzazzjoni, u għat-18-il pajjiż li għandhom tali strateġija, 88 % tar-rispondenti jiddeskrivu l-istrateġija jew bħala inadegwata jew li tirrikjedi titjib;
- O. billi 33 pajjiż fil-Kunsill tal-Ewropa jipprovdu xi tip ta' assistenza personali, filwaqt li 97 % tar-rispondenti jindikaw li l-aċċess jew huwa inadegwat jew jirrikjedi titjib;
- P. billi l-qafas leġiżlattiv attwali ma jistabbilixxi l-ebda obbligu għall-Istati Membri biex jaħtru korp tal-ugwaljanza ħalli jiproteġi lill-vittmi ta' diskriminazzjoni abbażi tad-diżabilita;
- Q. billi fl-2008 il-Kummissjoni ppreżentat proposta biex testendi l-protezzjoni mid-diskriminazzjoni lil hinn mill-impjeggi, kif stabbilit fid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjeggi, li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabilita, l-eta, l-orjentazzjoni sesswali u r-reliġjon jew t-twemmin fl-oqsma tal-impjeggi u l-okkupazzjoni; billi d-direttiva l-ġdida tagħmel il-prinċipju tal-ugwaljanza applikabbli għall-edukazzjoni, l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi u l-protezzjoni soċjali, inklużi s-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; billi din il-proposta għadha ma ġietx adottata u ilha mblukkata fil-Kunsill għal 13-il sena, fejn hija meħtieġa unanimita għall-adozzjoni tagħha;
- R. billi l-Istati Membri tal-UE kollha rratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet

---

[COVID-19 e-survey](#)" (Persuni b'diżabilita u l-pandemija tal-COVID-19: Sejbiet mill-istħarriġ elettroniku Għajxien, xogħol u COVID-19), serje COVID-19, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022, pp. 8 u 10.

<sup>32</sup> Eurofound, "[People with disabilities and the COVID-19 pandemic: Findings from the Living, working and COVID-19 e-survey](#)" (Persuni b'diżabilita u l-pandemija tal-COVID-19: Sejbiet mill-istħarriġ elettroniku Għajxien, xogħol u COVID-19), serje COVID-19, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022, p. 11.

<sup>33</sup> Angelova-Mladenova, L. u Brennan, C., "[Shadow report on the implementation of the UN Convention on the Rights of Persons with Disabilities in the European Union](#)" (Rapport parallel dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Dizabilita fl-Unjoni Ewropea), Network Ewropew dwar l-Ghajxien Indipendenti, Frar 2022. p. 5.



tat-Tfal, biex saret vinkolanti għalihom, u billi l-Artikoli 3(3) tat-TUE jistabbilixxi l-objettiv li l-UE tippromwovi l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal; billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE tiggarrantixxi li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jeħtiġilhom jiproteġu d-drittijiet tat-tfal meta jimplimentaw id-dritt tal-UE; billi l-Parlament adotta r-risoluzzjoni tiegħu dwar Garanzija Ewropea għat-Tfal b'maġġoranza qawwiya, filwaqt li jitlob bil-qawwa li jiġi żgurat l-aċċess għall-edukazzjoni inklużiva għat-tfal kollha mit-tfulija bikrija sal-adolessenza, inkluż għat-tfal Rom, għat-tfal b'diżabilità, għat-tfal apolidi u migranti u għal dawk li jgħixu f'ambjenti ta' emerġenza umanitarja;

- S. billi l-aċċess għal impjieġ ta' kwalità, l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, inkluż lil hinn mill-fruntieri, l-akkomodazzjoni adegwata, l-appoġġ għal għajxien indipendenti u l-opportunitajiet indaqs għall-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' divertiment u fil-ħajja tal-komunità huma essenzjali għall-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità u biex jitnaqqsu l-faqar u l-vulnerabbiltà u jiġu appoġġati l-inklużività u tkabbir sostenibbli; billi l-iskemi nazzjonali ta' introjtu minimu għandhom jiżguraw aċċess ugwali għall-persuni b'diżabilità; billi l-persuni b'diżabilità għandu jkollhom ukoll aċċess għal assistenza mmirata għal spejjeż addizzjonali relatati mad-diżabilità li jiffaċċjaw, jiġifieri tali spejjeż ma għandhomx ikunu koperti mill-introjtu biss;
1. Jenfasizza li l-eżerċizzju tad-dritt għax-xogħol<sup>34</sup> mill-persuni b'diżabilità huwa marbut mill-qrib ma' miżuri biex jiġu indirizzati d-diskriminazzjoni, il-faqar u l-ostakli diretti u indiretti fis-saħħa, l-edukazzjoni, it-taħriġ, l-akkomodazzjoni, il-kura, l-appoġġ, il-mobilità personali, l-aċċessibbiltà fl-ambjent mibni, is-segregazzjoni u l-istituzzjonalizzazzjoni; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri effettivi u konkreti biex jippromwovu l-ugwaljanza, id-diversità u l-inklużjoni orizzontali għall-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom fil-partijiet kollha tas-soċjetà, fost l-oħrajn, permezz ta' assistenza personali, għajxien indipendenti, protezzjoni soċjali, sensibilizzazzjoni u ambjent mingħajr ostakli; ifakkar li l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol mhijiex biss essenzjali għall-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet indaqs, iżda toffri wkoll opportunitajiet ekonomiċi sinifikanti għall-indipendenza finanzjarja tal-persuni b'diżabilità u hija ta' benefiċċju għall-ekonomija usa';
  2. Jitlob lill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol taħdem mal-ispettorati nazzjonali tax-xogħol biex timplimenta l-leġiżlazzjoni eżistenti; jirrakkomanda li l-ispettorati tax-xogħol jimmonitorjaw lill-impjegaturi pubbliċi u privati biex jiżguraw konformità mad-drittijiet tax-xogħol għall-persuni b'diżabilità;
  3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw approċċ olistiku ta' politika taċ-ċiklu tal-ħajja biex jappoġġaw il-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni u jiżguraw żamma u inklużjoni effettivi tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw u jintegraw bis-sħiħ is-CRPD fost il-miżuri leġiżlattivi, ta' politika u ta' finanzjament kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-inklużjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol tal-persuni b'diżabilità; jistieden lill-UE u l-Istati Membri kollha jirratifikaw il-Protokoll Fakultattiv tas-CRPD;

---

<sup>34</sup> L-Artikolu 27 tas-CRPD.



4. Jilqa' d-dibattitu ta' orjentazzjoni reċenti li sar fis-16 ta' Ġunju 2022 bejn il-ministri għall-impjiegi u l-affarijiet soċjali dwar l-impjiegi tal-persuni b'diżabilità, kif għandhom jitneħħew id-diżinċentivi biex jiġu rreklutati l-persuni b'diżabilità u dwar azzjonijiet li jippromwovu l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol; jistenna bil-ħerqa li l-Istati Membri jieħdu azzjonijiet ta' segwitu konkreti;
5. Jissottolinja l-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tal-impjieg tal-persuni b'diżabilità li jappartjenu għal minoranzi etniċi bħall-migranti, ir-rifuġjati, ir-Rom u l-persuni ta' dixxendenza Afrikana;
6. Jenfasizza li jeħtieġ li jiġi stabbilit approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem bħala l-qafas li taħtu s-soċjetà tiddiskuti d-diżabilità u li l-appoġġ għad-diżabilità jeħtieġ li jiġi adattat kif xieraq; jenfasizza l-importanza ta' definizzjoni olistika u l-applikazzjoni tal-aċċessibbiltà, flimkien mal-valur tagħha bħala bażi indispensabbli għall-persuni b'diżabilità li jkollhom opportunitajiet indaqs, kif rikonoxxut fis-CRPD u f'konformità mal-kumment ġenerali Nru 2 tas-CRPD, filwaqt li titqies id-diversità tal-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità, u l-promozzjoni ta' disinn universali<sup>35</sup> bħala prinċipju tal-UE;
7. Jenfasizza li l-persuni b'diżabilità għandhom igawdu d-dritt tagħhom għall-moviment liberu fl-UE fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq proposta għal definizzjoni armonizzata ta' diżabilità fil-livell tal-UE, kif ukoll rikonoxximent reċiproku tal-istatus ta' diżabilità u l-benefiċċji assoċjati u d-drittijiet tal-protezzjoni soċjali biex ikun permess l-aċċess tagħhom għas-saħħa, għall-kura u għal servizzi oħra li jiffaċilitaw l-għajxien indipendenti u l-opportunitajiet ta' edukazzjoni, taħriġ u impjieg tagħhom lil hinn mill-fruntieri; jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw it-trasferibbiltà tal-benefiċċji u l-intitolamenti tad-diżabilità tal-persuni b'diżabilità, inklużi s-servizzi ta' appoġġ fejn rilevanti, biex ikompli jitravwem id-dritt ta' moviment liberu; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissodisfaw l-impenji tagħhom fl-ambitu tal-istrateġija tal-UE dwar id-diżabilità, b'mod partikolari l-espansjoni mwiegħda tal-Karta tad-Diżabilità tal-UE biex jiġi żgurat li l-istatus tad-diżabilità jiġi rikonoxxut fl-Istati Membri kollha, malajr kemm jista' jkun;
8. Jistieden lill-Kunsill, b'mod partikolari lill-Presidenzi li jmiss tiegħu, jiżblokkaw in-negożjati dwar id-direttiva orizzontali proposta kontra d-diskriminazzjoni, mingħajr aktar dewmien u biex jersqu lejn ftehim, peress li dan huwa prerekwiżit biex tinkiseb l-ugwaljanza fl-UE u tiġi estiża l-protezzjoni lill-persuni b'diżabilità fl-isferi kollha;
9. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq rieżami trażversali, komprensiv, u fejn meħtieġ reviżjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti kollha tal-UE bil-għan li tiżgura l-konformità sħiħa tagħha mas-CRPD, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċessibbiltà tal-ambjent mibni u diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tibda r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi malajr kemm jista' jkun, b'mod partikolari fir-rigward tal-istandards minimi armonizzati għall-akkomodazzjoni raġonevoli għall-persuni b'diżabilità, bil-ħsieb li tiġi armonizzata b'mod sħiħ mad-dispożizzjonijiet tas-CRPD u jiġi implimentat proċess parteċipatorju mmirat lejn l-iżgurar tal-involviment dirett u sħiħ tal-organizzazzjonijiet

---

<sup>35</sup> Skont l-Artikolu 2 tas-CRPD, "Disinn universali" huwa ddefinit bħala "d-disinn ta' prodotti, ambjenti, programmi u servizzi li jistgħu jintużaw mill-persuni kollha, kemm jista' jkun, mingħajr il-ħtieġa ta' adattament jew disinn speċjalizzat. 'Disinn universali' ma għandux jeskludi apparat ta' assistenza għal gruppi partikolari ta' persuni b'diżabilità fejn dan ikun meħtieġ."

li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi d-Direttiva dwar il-Kura tas-Saħħa Transfruntiera<sup>36</sup> biex tinġieb f'konformità mas-CRPD u tiggarrantixxi l-aċċess effettiv għal kura tas-saħħa transfruntiera ta' kwalità għall-persuni b'diżabilitajiet;

10. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu involuti b'mod attiv il-persuni b'diżabilità, il-familji u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha li jaffettwawhom; jisħaq fuq l-importanza li l-kunsiderazzjonijiet relatati mad-diżabilità jiġu integrati fil-post tax-xogħol u r-rwol tad-djalogu soċjali u tat-taħriġ għall-impjegaturi f'dan ir-rigward; jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri attivi biex jissalvagwardjaw in-nondiskriminazzjoni għal kulħadd, u jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tax-xogħol u tat-trade unions tagħhom fuq termini ugwali mal-oħrajn;
11. Jenfasizza li l-fastidju fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-fastidju sesswali u r-ritaljazżjoni għaliex wieħed jesprimi l-opinjoni tiegħu b'mod ċar, ixekkel l-aċċess għax-xogħol u l-impjieg, iż-żamma fl-impjieg u perkorsi ugwali tal-karriera, b'mod partikolari għan-nisa b'diżabilità<sup>37</sup>, u li huma meħtieġa azzjonijiet speċifiċi fl-Istati Membri biex jiġi pprevenut, miġġieled u ssanzjonat il-fastidju fil-konfront ta' persuni b'diżabilità; jilqa', f'dan il-kuntest, il-proposta għal direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika<sup>38</sup>; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri kollha jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul li jkollha impatt orizzontali fuq il-leġiżlazzjoni rilevanti kollha tal-UE b'enfasi speċifika fuq in-nisa b'diżabilità, li jiffaċċjaw diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali;
12. Jemmen li l-iskemi tal-appoġġ għall-introjtu, l-assistenza relatata mad-diżabilità u l-appoġġ għall-impjieg attiv huma komplementari għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol, peress li s-salarji mhumiex sostituzzjoni biex ikopru l-ispejjeż addizzjonali relatati mad-diżabilitajiet; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jisseparaw l-appoġġ għall-introjtu u l-impjieg attiv mill-assistenza relatata mad-diżabilità<sup>39</sup> sabiex jiżguraw li r-regoli ta' eliġibbiltà jkunu inklużivi kemm jista' jkun, u jkopru spejjeż addizzjonali relatati mad-diżabilità, jiġġieldu l-faqar fost dawk li jaħdmu u jiżguraw l-ugwaljanza, id-dinjità u l-awtonomija għall-persuni b'diżabilità; iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu soluzzjonijiet simili għall-persuni li jindukraw lill-persuni b'diżabilità biex jaqilgħu introjtu flimkien mal-benefiċċji relatati mal-kura tagħhom;
13. Ifakkar li l-Artikolu 19 tas-CRPD jipprevedi d-dritt ugwali tal-persuni b'diżabilità li jgħixu b'mod indipendenti u jiġu inklużi fil-komunità; iħeġġeġ lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jaċċelleraw il-proċess tad-deistituzzjonalizzazzjoni u jrawmu

<sup>36</sup> Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45).

<sup>37</sup> "[Europe 2020 data & People with disabilities - tables \(EU SILC 2017\)](#)" (Data ta' Ewropa 2020 għal Persuni b'Diżabilità – tabelli) (EU SILC 2017), imħejjija minn Stefanos Grammenos, Ċentru għall-Politika Soċjali u Ekonomika Ewropea, 27 ta' Diċembru 2019.

<sup>38</sup> Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (COM(2022)0105).

<sup>39</sup> Ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, "Rapport tar-Rapporteur Speċjali dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità", ippreżentat fis-70 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, 7 ta' Awwissu 2015.

t-tranżizzjoni lejn kura u appoġġ ibbażati fil-komunità; jenfasizza li l-fondi tal-UE għandhom jintużaw biex jippromwovu l-inklużività u l-aċċessibilità; jistieden lill-Istati Membri jinkludu miri speċifiċi bi skeda ta' żmien definita fl-istrategġija tagħhom ta' deistituzzjonalizzazzjoni, jiffinanzjawhom b'mod adegwat u jiżviluppaw mekkaniżmi li jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet rilevanti f'setturi u fl-ivelli amministrattivi differenti; jesprimi dispjaċir għall-fatt li n-nuqqas ta' akkomodazzjoni aċċessibbli u bi prezz raġonevoli huwa ostakolu kbir għall-għajxien indipendenti; jissottolinja li l-għajxien indipendenti u bbażat fil-komunità jrid jissaħħa u jinkiseb bħala alternattiva għall-oqfsa istituzzjonali f'konformità mal-kumment ġenerali Nru 5 tas-CRPD;

14. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipju ta' trattament ugwali u paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali għall-ħaddiema kollha; jinsisti wkoll li l-ħaddiema b'diżabilità f'workshops protetti għandhom jiġu ggarantiti mill-inqas id-drittijiet u l-istatus ekwivalenti għad-drittijiet tax-xogħol tal-persuni li jaħdmu fis-suq tax-xogħol miftuħ; jemmen li tali workshops għandhom jieħdu approċċ individwalizzat u sa fejn ikun prattikabbli jkunu limitati bħala għażla għal perjodu temporanju għall-persuni b'diżabilità fiċ-ċiklu tal-ħajja tax-xogħol tagħhom; jemmen ukoll li tali workshops għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-iżvilupp tal-ħiliet u jappoġġaw it-tranżizzjonijiet lejn is-suq tax-xogħol miftuħ; jinsisti li l-persuni b'diżabilità li jaħdmu f'tali ambjenti għandhom ikunu protetti mill-oqfsa legali eżistenti li jkopru l-protezzjoni soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluża l-protezzjoni tal-paga minima fuq bażi ugwali mal-oħrajn, f'konformità mal-Artikolu 27 tas-CRPD; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw mudelli inklużivi ta' impjieġ protett u appoġġat, filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, li jservu bħala miżuri għal inklużjoni effettiva u tranżizzjoni eventwali lejn is-suq tax-xogħol miftuħ; jenfasizza li huwa importanti għall-persuni b'diżabilità li jsibu impjieġ ta' kwalità li jaqbel mal-ħiliet u l-ambizzjonijiet tagħhom u li t-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-persuni b'diżabilità għandhom jipprovdu ħiliet u kapaċitajiet reali; jistieden lill-Istati Membri jivvalutaw l-effikaċja tal-workshops protetti eżistenti fl-għoti ta' ħiliet lill-persuni b'diżabilità biex jiksibu impjieġ fis-suq tax-xogħol miftuħ u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja dan il-proċess;
15. Jinnota li l-kriżi tal-COVID-19 rawmet ix-xogħol remot u li t-telexogħol jista' jgħin fit-tkattir tal-impjieġ ta' persuni b'diżabilità bħala forma ta' akkomodazzjoni għad-diżabilità u jservi ta' għodda biex jinkiseb bilanċ akbar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u jitnaqqsu l-ostakli relatati mal-uġiġ u mal-għeja għas-suq tax-xogħol; iwissi, madankollu, li l-impjegaturi ma għadhomx jużaw it-telexogħol biex jevitaw li jakkomodaw b'mod raġonevoli lill-ħaddiema b'diżabilità jew li joħolqu kulturi inklużivi fuq il-post tax-xogħol għalihom<sup>40</sup>, minħabba li dan jista' jiżolahom u jkollu impatt fuq is-saħħa mentali tagħhom; jenfasizza li l-politiki futuri dwar it-telexogħol għandhom jiġu żviluppati b'perspettiva tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u jinvolvu lill-persuni b'diżabilità waqt it-tfassil tagħhom, meta jiġu nnegożjati ftehimiet kollettivi ġodda dwar it-telexogħol, u meta l-kumpaniji jirrevedu l-politiki tagħhom dwar it-telexogħol biex jiżguraw li jkunu favorevoli għall-persuni b'diżabilità; ifakkar li l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni u t-

---

<sup>40</sup> Schur, L.A., Ameri, M. and Kruse, D., "[Telework After COVID: A 'Silver Lining' for Workers with Disabilities?](#)" (It-telexogħol wara l-COVID: Aspett Pożittiv għall-ħaddiema b'Dizabilità?), *Journal of Occupational Rehabilitation*, Vol. 30, Nru 4, 2020, pp. 521–536.

taħriġ għall-persuni b'diżabilità u l-akkwist ta' ħiliet diġitali u l-aċċessibbiltà tal-infrastruttura diġitali relatata, kemm f'żoni urbani kif ukoll f'żoni rurali u remoti, huma meħtieġa biex in-nies ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-opportunitajiet ġodda ta' impjieg maħluqa mid-diġitalizzazzjoni; jenfasizza li akkomodazzjoni raġonevoli hija dritt għall-ħaddiema b'diżabilità u jemmen li l-azzjonijiet u l-programmi ta' sensibilizzazzjoni għall-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-persuni b'diżabilità u l-litteriżmu fl-akkomodazzjoni raġonevoli għall-impjegaturi privati u pubbliċi għandhom jiżdiedu mill-awtoritajiet pubbliċi biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni kontra l-persuni b'diżabilità u jiżguraw li daww li għandhom dmir ikollhom l-għodod biex jimpjegaw, jappoġġaw u jżommu ħaddiema b'diżabilità;

16. Jinnota li l-promozzjoni tad-drittijiet tal-persuni akbar fl-età hija marbuta mill-qrib mal-kisba ta' drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità, peress li l-persuni akbar fl-età huma aktar probabbli li jkollhom diżabilità u aktar minn 46 fil-mija tal-persuni li għandhom 60 sena u aktar għandhom diżabilità; jenfasizza, fil-kuntest tal-bidliet demografiki, b'mod partikolari tat-tixjiħ tal-popolazzjoni, il-ħtieġa li jiġu indirizzati sfidi ġodda relatati mal-prevalenza oġġla tad-diżabilitajiet marbuta mat-tixjiħ tal-forza tax-xoġġol u l-prevalenza oġġla ta' impjegati b'mard kroniku; jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati politiki, inklużi skedi tax-xoġġol flessibbli, biex jgħinu lill-ħaddiema b'diżabilità jintegraw aħjar fis-suq tax-xoġġol, kif ukoll servizzi ta' kura għall-persuni b'diżabilità, inklużi standards dwar it-taħriġ għall-persunal u standards għall-assistenza personali;
17. Jistieden lill-Istati Membri jimmonitorjaw ir-rispett għall-prinċipji 2 u 3 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, filwaqt li jipprevedu trattament ugwali u opportunitajiet rigward il-parteciġazzjoni fis-suq tax-xoġġol, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjegi u l-progressjoni fil-karriera bejn l-irġiel u n-nisa, irrispettivament mill-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali; jitlob li jsir monitoraġġ tal-adozzjoni tal-miżuri stabbiliti mis-CRPD;
18. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ imfassal apposta għall-persuni b'diżabilità fir-rigward tal-aċċess għall-iżvilupp tal-ħiliet, għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u għall-impjieg biex jiżguraw politiki attivi u inklużivi dwar is-suq tax-xoġġol; iħeġġeġ lis-servizzi tal-impjegi u lis-setturi pubbliċi u privati jintroduċu miżuri personalizzati biex itejbu l-impjegabbiltà u ż-żamma tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xoġġol bl-għan li jikkonformaw mas-CRPD, u jiskambjaw l-aħjar Prattiki dwar l-impjieg ta' persuni b'diżabilità permezz tan-Network Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-impjegi; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu gwida, taħriġ u għajnuna finanzjarja biex jappoġġaw il-ħolqien tal-impjegi, ir-reklutaġġ, l-intraprenditorija u l-impjieg indipendenti għall-persuni b'diżabilità, inkluż permezz tal-Fond Soċjali Ewropew Plus; jissottolinja r-rwol pożittiv li jista' jkollha l-ekonomija soċjali fl-impjieg tal-persuni b'diżabilità; jistieden lill-Istati Membri jstabbilixxu inċentivi biex iħeġġu lill-persuni b'diżabilità joħolqu entitajiet tal-ekonomija soċjali u jniedu attivitajiet li jiġġeneraw l-introjt;
19. Jemmen li l-miżuri ta' appoġġ fis-suq tax-xoġġol jridu jqisu d-diżabilità u r-risponsi ta' politika mfassla apposta biex jappoġġaw l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fl-impjegi; jistieden lill-Istati Membri jappoġġaw it-tqabbil tal-impjegi, il-profil vokazzjonali, l-impjegi u t-taħriġ simultanji, l-induzzjoni fix-xoġġol, it-taħriġ fuq il-post tax-xoġġol, l-iżvilupp tal-karriera u l-mentoraġġ u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inklużivi u

aċċessibbli biex jappoġġaw l-integrazzjoni u ż-żamma meħtieġa tal-persuni b'diżabilità fuq il-post tax-xogħol; jisħaq li l-miżuri li jtejbu l-inklużjoni u l-impjieġ tal-persuni b'diżabilità mhux se jkunu verament effettivi mingħajr ma jiġu indirizzati wkoll l-istereotipi u l-istigma relatati mad-diżabilità fuq il-post tax-xogħol u s-soċjetà usa'; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza tas-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ għall-edukaturi, l-impjegaturi u l-impjegati, kif ukoll għall-pubbliku ġenerali biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni kontra l-persuni b'diżabilità, jinbidlu l-attitudnijiet u jiġu żgurati soċjetajiet tassew inklużivi;

20. Jisħaq li r-rata ta' attività baxxa tal-persuni b'diżabilità xxekkel l-inklużjoni soċjoekonomika, li trid tittejjeb mill-programmi Ewropej u nazzjonali mmirati lejn l-attivazzjoni u t-taħriġ tal-persuni li jitħallew barra mis-suq tax-xogħol; jisħaq li, filwaqt li l-appoġġ u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-persuni b'diżabilità huma kruċjali, jeħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll mekkaniżmi tal-protezzjoni soċjali adegwati u inklużivi biex jiġi żgurat li l-appoġġ ikun disponibbli għall-persuni kollha b'diżabilità;
21. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa r-rata ta' differenza bejn l-impjieġi u l-paġi tal-persuni b'diżabilità f'tipi differenti ta' impjieġi, inkluż l-impjieġ protett, billi tipprovdi data diżaggregata skont il-ġeneru u t-tip ta' diżabilità, u tiżgura analiżi kwalitattiva;
22. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jivvalutaw ix-xejriet ewlenin għall-futur tax-xogħol minn perspettiva tal-persuni b'diżabilità sabiex jiġu identifikati u jitnedew azzjonijiet speċifiċi ħalli jagħmlu s-suq tax-xogħol aktar inklużiv u jitnaqqas id-distakk diġitali; jissottolinja l-importanza li jsir użu aħjar mit-teknoloġiji innovattivi biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi u jitneħħew l-ostakoli għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjieġi, b'mod partikolari fis-suq tax-xogħol diġitali, u li l-persuni b'diżabilità jiġu meħjuna jiksbu aċċess għall-għodod diġitali u s-software li huma indispensabbli għall-għajxien indipendenti tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw il-programmi ta' riċerka ffukati fuq l-iżvilupp ta' teknoloġiji assistivi, inklużi r-robotika, it-teknoloġiji diġitali u l-intelliġenza artifiċjali etika, li jippermettu l-integrazzjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilità fl-aspetti kollha tal-ħajja, inkluż fis-suq tax-xogħol; jenfasizza l-ħtieġa li l-persuni b'diżabilità jiġu protetti mid-diskriminazzjoni fl-użu tal-intelliġenza artifiċjali fid-deċiżjonijiet dwar ir-reklutaġġ, l-għażla, il-promozzjoni u it-terminazzjoni fl-impjieġ; jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-firxa tal-korsijiet ta' taħriġ fil-qasam tal-ħiliet diġitali għal gruppi ta' persuni li huma f'riskju ta' esklużjoni, fost l-oħrajn, il-persuni b'diżabilità u l-persuni akbar fl-età, sabiex jiġu integrati aħjar fil-ħajja soċjali u fis-suq tax-xogħol, u jipprovdu aċċess aħjar għas-servizzi elettroniċi u l-amministrazzjoni;
23. Jilqa' u jappoġġa l-inizjattiva legali tal-Kummissjoni għal standards vinkolanti għall-korpi tal-ugwaljanza, li għandha tiġi ppubblikata f'Settembru 2022, u li thegġegħ lill-Istati Membri jestendu l-mandati tal-korpi tal-ugwaljanza biex jipproteġu lill-vittmi tad-diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabilità;
24. Jappoġġa bil-qawwa r-riċerka, l-investment soċjali u l-inizjattivi mmirati fil-livell tal-UE għal programmi u servizzi ppruvati li huma effettivi fl-appoġġ tal-integrazzjoni fit-tul fis-suq tax-xogħol ta' persuni b'diżabilità, b'attenzjoni partikolari għall-persuni fuq l-



ispettru tal-awtiżmu; jissuġġerixxi li l-Istati Membri għandhom jikkummissjonaw riċerka dwar il-mudelli u l-programmi fejn s'issa għadha ma teżistix bażi tal-evidenza, kif ukoll tiġi ffinanzjata l-innovazzjoni fl-għoti tas-servizzi, bħall-intelliġenza artifiċjali applikata għal teknoloġiji assistivi<sup>41</sup>;

25. Jinnota li l-persuni b'diżabilità huma fost l-aktar popolazzjonijiet emarġinati u friskju fi kwalunkwe komunità affettwata mill-kriżi; jisħaq ukoll li b'konsegwenza tal-gwerra, il-persuni b'diżabilità f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat jiffaċċjaw attacchi vjolenti, spostament furzat u negliġenza kontinwa fir-rispons umanitarju għall-persuni ċivili maqbuda fil-ġlied, u spiss jiġu abbandunati f'djarhom jew f'villaġġi mitluqa għal jiem jew ġimgħat sħaħ, bi fteit aċċess għall-ikel jew l-ilma; ifakkar fl-importanza tal-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, il-Garanzija għat-Tfal, l-istrateġija tal-UE għad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità 2021-2030, kif ukoll l-istrumenti ġuridiċi eżistenti kollha tal-UE, inkluża d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja<sup>42</sup>, biex jappoġġaw lill-Istati Membri jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi, il-protezzjoni u l-kura tar-rifuġjati b'diżabilità;
26. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fil-proċess elettorali fl-2024 u fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet; jistieden lill-Istati Membri jeliminaw l-ostakoli li jeskludu lill-persuni b'diżabilità mill-opportunità li jinfluwenzaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-liġijiet u l-politiki li jsawru l-ħajja ta' kuljum tagħhom;
27. Ifakkar lill-Istati Membri li l-proġetti kollha ffinanzjati mill-UE jridu jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll is-CRPD; jisħaq li l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għandhom ikomplu jrawmu t-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal kura bbażata fil-komunità u l-familja, billi jiffinanzjaw servizzi ta' appoġġ li jiżguraw id-dritt li wieħed jgħix b'mod indipendenti; jistieden lill-UE tiżgura li l-programmi ta' finanzjament kollha jkunu aċċessibbli u li l-provvista ta' aċċessibilità tkun appoġġata b'riżorsi adegwati u jistieden lill-Istati Membri jinkludu objettivi u miżuri ċari biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-persuni b'diżabilità fil-programmi ta' ħidma u l-programmi operazzjonali nazzjonali tagħhom; jistieden lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri tivvaluta l-prestazzjoni tal-programmi tal-UE fir-rigward tal-inklużjoni u l-appoġġ tal-persuni b'diżabilità, b'enfasi speċjali fuq il-programmi tal-edukazzjoni u l-impjiegi, b'mod komprensiv, peress li dawn jistgħu jonqsu milli jilħqu lill-aktar gruppi fil-bżonn, inklużi l-persuni b'diżabilità;
28. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali jiżguraw li r-rekwiżit li wieħed jirreġistra biex jivvota jew li jkollu akkomodazzjoni raġonevoli ma jirriżultax fl-esklużjoni tal-persuni b'diżabilità mill-elezzjonijiet; jistieden lill-Istati Membri jinkludu miżuri li jiżguraw li l-proċess ta' reġistrazzjoni jkun aċċessibbli billi jtfasslu mill-ġdid is-siti web

---

<sup>41</sup> European Platform for Rehabilitation, "[Artificial intelligence and service provision for people with disabilities – An analytical paper](#)" (L-Intelligenza Artifiċjali u l-provvista ta' servizzi għall-persuni b'diżabilità – Dokument analitiku), 2022.

<sup>42</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).



rilevanti f'konformità mal-istandards tal-UE;

29. Jinnota li l-mekkaniżmi tal-ilmenti, kemm għadizzjarji kif ukoll dawk mhux għadizzjarji, għandhom isiru aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità; jistieden lill-Istati Membri jneħħu r-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-persuni li għew miċħuda l-kapaċità ġuridika li jressqu ilmenti indipendentement mill-gwardjan tagħhom u jieħdu miżuri effettivi biex jiżguraw li l-informazzjoni dwar kif u fejn għandhom jressqu l-ilmenti tkun aċċessibbli għall-persuni kollha b'diżabilità billi jfasslu materjali ta' informazzjoni f'formati differenti u aċċessibbli u jqassmuhom permezz ta' organizzazzjonijiet ta' appoġġ u promozzjoni għall-persuni b'diżabilità, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità;
30. Jistieden lill-Istati Membri, b'mod partikolari lill-koordinaturi nazzjonali, fl-istrategġiji nazzjonali pluriennali tagħhom fl-ambitu tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, jagħtu attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet tat-tfal b'diżabilità u jiżguraw aċċess effettiv u liberu għal servizzi ta' kwalità tajba, b'mod partikolari edukazzjoni inklużiva, u jistedinhom jipprovdu aċċess effettiv għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa u akkomodazzjoni adegwata għat-tfal rifuġjati kollha b'diżabilità fuq livell ugwali mat-tfal fil-pajjiżi ospitanti, f'konformità mar-rakkomandazzjoni<sup>43</sup> li jiġi żgurat li l-miżuri integrati nazzjonali jqisu l-iżvantaġġi intersezzjonali; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, għalhekk, iżidu b'mod urġenti l-finanzjament għall-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ta' mill-inqas EUR 20 biljun u jħeġġeġ lill-Istati Membri kollha, f'dan ir-rigward, jallokaw aktar mir-riżorsi minimi tal-Fond Soċjali Ewropew Plus taħt ġestjoni kondiviża biex jappoġġaw attivitajiet fl-ambitu tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal; itenni l-appell tiegħu lill-Istati Membri, biex jimplementaw il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa biex jiżguraw offerti ta' kwalità għolja, inkluż l-għoti ta' remunerazzjoni ġusta, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u ambjenti tax-xogħol li huma adattati għall-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità;
31. Jirrimarka li f'dawn l-aħħar snin hu talab bil-qawwa li l-gruppi żvantaġġati u l-persuni b'diżabilità jiġu inklużi fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż permezz tal-integrazzjoni sħiħa tal-perspettiva tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità fl-aspetti kollha tal-Erasmus+ u f'koordinazzjoni ma' programmi oħra rilevanti tal-UE bħall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ; ifakkar fl-impenji meħuda fis-Summit Soċjali ta' Porto dwar it-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll dwar l-akkwist tal-ħiliet u l-ħolqien tal-impjiegi;
32. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-isfidi u l-ksur tad-drittijiet li esperjenzaw il-persuni b'diżabilità matul il-pandemija tal-COVID-19, u tadotta miżuri mmirati għal appoġġ psikoloġiku u r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol;
33. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa dawk il-miżuri f'koordinazzjoni u f'komunikazzjoni mal-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet kollha involuti, billi tibda min-network tas-CRPD tal-Parlament Ewropew;
34. Jistieden lill-Istati Membri joħolqu entità indipendenti responsabbli biex timmonitorja l-leġiżlazzjoni kollha relatata mal-aċċessibbiltà, inkluż l-Att Ewropew dwar l-

---

<sup>43</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14).

Aċċessibbiltà, id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva<sup>44</sup>, il-Pakkett tat-Telekomunikazzjoni u d-Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà għall-Web;

35. Jistieden lill-Istati Membri jimplementaw id-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u l-persuni li jindukraw<sup>45</sup>, li tintroduċi liv tal-persuni li jindukraw ta' ħamest ijiem xogħol kull sena; jinsisti li għandhom jiġu kkunsidrati arranġamenti speċjali f'termini tal-liv tal-persuni li jindukraw, il-liv tal-paternità, il-liv tal-ġenituri u s'għat tax-xogħol flessibbli għall-ġenituri f'sitwazzjonijiet partikolarment żvantaġġati, bħal dawk li għandhom diżabilità jew li huma ġenituri ta' tfal b'diżabilità jew mard fit-tul, mingħajr l-ebda riperkussjoni mill-impjegatur;
36. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien aħjar, inkluż permezz ta' pagi minimi adegwati u miżuri ta' trasparenza fil-pagi, inaqqsu d-differenza fil-pagi tal-persuni b'diżabilità u jiksbu tkabbir inklużiv u sostenibbli fis-suq tax-xogħol; jisħaq fuq l-importanza li d-direttiva dwar pagi minimi u t-trasparenza fil-pagi tiġi adottata malajr, filwaqt li tapplika bis-sħiħ għall-persuni b'diżabilità;
37. Jenfasizza l-importanza li l-persuni b'diżabilitajiet intellettuali u psikosoċjali jiġu kkunsidrati u ttrattati bl-istess attenzjoni, billi jiġu adottati miżuri għall-futur tagħhom wara li jmutu l-persuni li jindukrawhom;
38. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa u tippromwovi qafas legali Ewropew għal intrapriżi inklużivi, bil-għan li jinħoloq impjieġ permanenti għall-persuni b'diżabilità.

---

<sup>44</sup> Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

<sup>45</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79).

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	10.10.2022
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ :                    41 - :                    0 0 :                    1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	João Albuquerque, Atidzhe Alieva-Veli, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Sylvie Brunet, Jordi Cañas, David Casa, Jarosław Duda, Estrella Durá Ferrandis, Lucia Āuriš Nicholsonová, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Alicia Homs Ginel, Irena Joveva, Radan Kanev, Stelios Kypouropoulos, Katrin Langensiepen, Miriam Lexmann, Elena Lizzi, Jörg Meuthen, Max Orville, Dennis Radtke, Guido Reil, Daniela Rondinelli, Monica Semedo, Eugen Tomac, Maria Walsh, Stefania Zambelli
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Konstantinos Arvanitis, Rosa D'Amato, José Gusmão, Evelyn Regner, Terry Reintke
<b>Substitutes under Rule 209(7) present for the final vote</b>	Attila Ara-Kovács, Franc Bogovič, Mohammed Chahim, Mónica Silvana González, Predrag Fred Matić, Piernicola Pedicini, Sergei Stanishev

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

41	+
ID	Elena Lizzi, Stefania Zambelli
NI	Jörg Meuthen, Daniela Rondinelli
PPE	Franc Bogovič, David Casa, Jarosław Duda, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Radan Kanev, Stelios Kypourouopoulos, Miriam Lexmann, Dennis Radtke, Eugen Tomac, Maria Walsh
RENEW	Atidzhe Alieva-Veli, Sylvie Brunet, Jordi Cañas, Irena Joveva, Max Orville, Monica Semedo, Lucia Āuriš Nicholsonová
S&D	João Albuquerque, Marc Angel, Attila Ara-Kovács, Gabriele Bischoff, Viliija Blinkevičiūtė, Mohammed Chahim, Estrella Durá Ferrandis, Mónica Silvana González, Alicia Homs Ginel, Predrag Fred Matić, Evelyn Regner, Sergei Stanishev
The LEFT	Konstantinos Arvanitis, José Gusmão
VERTS/ALE	Rosa D'Amato, Katrin Langensiepen, Piernicola Pedicini, Terry Reintke

0	-

1	0
ID	Guido Reil

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjonijiet

13.7.2022

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-PETIZZJONIJIET

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

lejn drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità  
(2022/2026(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ulrike Müller

### SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426), jiġifieri "id-Direttiva Kontra d-Diskriminazzjoni", li ttiprovdi protezzjoni akbar kontra d-diskriminazzjoni ta' kull tip iżda li għadha mblukkata fil-Kunsill,
  - wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea riveduta, b'mod partikolari l-Artikolu 15 tagħha, dwar id-dritt tal-persuni b'diżabilità għall-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali, u l-parteċipazzjoni fil-ħajja tal-komunità,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2018 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa b'diżabilità<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari l-prinċipju 17 dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u l-prinċipju 18 dwar id-dritt għall-kura fit-tul,
  - wara li kkunsidra l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 11.7 tan-NU dwar l-għoti ta' aċċess għal spazji ekoloġiċi u pubbliċi sikuri u inklużivi,
- A. billi permezz tar-rwol tiegħu, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu dmir speċjali li jipproteġi d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità fl-UE, peress li l-eżerċitar tal-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tagħhom huwa ggarantit mid-dritt tal-UE u mill-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD);

---

<sup>1</sup> ĠU C 363, 28.10.2020, p. 164.

- B. billi hemm madwar 87 miljun persuna b'diżabilità fl-UE u kważi wieħed minn kull erba' ċittadini tal-UE mistfarrġa rrapporta xi grad ta' limitazzjoni funzjonali minħabba l-kundizzjonijiet tas-saħħa<sup>2</sup>;
- C. billi d-diskriminazzjoni relatata max-xogħol fil-konfront tal-persuni b'diżabilità hija marbuta man-nuqqas ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali inklużivi, is-segregazzjoni u d-diskriminazzjoni preżenti fil-qasam tal-akkomodazzjoni u l-kura tas-saħħa, u n-nuqqas ta' aċċessibbiltà tat-trasport u servizzi u prodotti oħra;
- D. billi huwa bil-wisq aktar probabbli li t-tfal b'diżabilità fl-UE jitqiegħdu f'kura istituzzjonali minn tfal mingħajr diżabilità, u jidher li huwa ferm inqas probabbli li jibbenefikaw minn sforzi li jippermettu tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal waħda bbażata fil-familja;
1. Jisħaq li s-CRPD u r-rakkomandazzjonijiet tal-2015 tal-Kumitat CRPD<sup>3</sup> jobbligaw lill-UE, bħala firmatarja tas-CRPD, ittemm id-diskriminazzjoni għall-persuni kollha b'diżabilità u ssir mudell fl-implimentazzjoni tagħha biex tiżgura t-tgawdija ugwali tagħhom tad-drittijiet kollha tal-bniedem u l-parteciġazzjoni sħiħa tagħhom fl-oqsma kollha tas-soċjetà<sup>4</sup>; jiddispjaċih għall-fatt li l-UE, minkejja xi progress li sar matul dawn l-aħħar snin, għadha ma laħqitx l-għan ġenerali tas-CRPD; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jerġgħu jafferimaw l-impenn tagħhom biex jiksbu l-ugwaljanza u l-inklużjoni għall-persuni b'diżabilità; iqis il-Protokoll Fakultattiv bħala parti indiviżibbli tas-CRPD; jisħaq li l-Protokoll Fakultattiv ma ġiex irratifikat mill-UE u minn xi Stati Membri, u jhegġegħ lil dawk l-Istati Membri li għadhom ma rratifikawhx biex jagħmlu dan; jistieden lill-Kunsill jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura l-adeżjoni tal-UE mal-Protokoll Fakultattiv; jistieden lill-Istati Membri jwettqu kampanji nazzjonali ta' sensibilizzazzjoni dwar id-diżabilità li jippromwovu s-CRPD u l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 u jaħtru awtoritajiet responsabbli biex iservu bħala punti fokali: jisħaq li l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-involviment ta' għadd sinifikanti ta' persuni b'diżabilità fix-xogħol ta' dawn l-awtoritajiet;
  2. Jieħu nota tal-progress li sar mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tas-CRPD u fl-adattament tal-miżuri ta' aċċessibbiltà biex jikkonformaw mal-istandards tas-CRPD; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi ta' koordinazzjoni fil-livelli amministrattivi kollha, f'konformità mal-Artikolu 33 tas-CRPD, għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tagħha;
  3. Jissottolinja li 37 % tal-persuni fl-UE li għandhom 15-il sena jew aktar irrappurtaw li għandhom limitazzjonijiet fiżiċi jew sensorjali (moderati jew serji)<sup>5</sup>; ifakkar li l-firxa u l-livell ta' servizzi pprovduti lill-persuni b'diżabilità mhumiex biżżejjed u għaldaqstant jissottolinja li l-appoġġ għandu jitfassal apposta skont il-ħtiġijiet individwali; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom fl-għoti ta' appoġġ lill-persuni b'diżabilità fl-

<sup>2</sup> Eurostat, "Functional and activity limitations statistics" (Statistika dwar il-limitazzjonijiet funzjonali u tal-attività), aċċessibbli fis-6 ta' Lulju 2021.

<sup>3</sup> <https://digitallibrary.un.org/record/812354?ln=en>

<sup>4</sup> Petizzjonijiet 1077/2017 u 0226/2021.

<sup>5</sup> [https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Functional\\_and\\_activity\\_limitations\\_statistics#Functional\\_and\\_activity\\_limitations](https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Functional_and_activity_limitations_statistics#Functional_and_activity_limitations)



oqsma ta' prijorità li ġejjin: is-saħħa, l-edukazzjoni, l-aċċessibbiltà, l-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-ġhajxien indipendenti, il-koordinazzjoni, il-kundizzjonijiet tal-ġhajxien, il-protezzjoni soċjali u s-sensibilizzazzjoni;

4. Ifakkar li l-obbligi skont is-CRPD u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat CRPD huma vinkolanti wkoll għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE, li huma responsabbli biex jiżguraw l-aċċessibbiltà u n-nondiskriminazzjoni, inkluż għall-persunal tal-UE b'diżabilità u għall-persuni li jindukraw lill-persuni b'diżabilità; jissottolinja, b'mod partikolari, li l-Portal tal-Petizzjonijiet għandu jkun aktar aċċessibbli u l-proċess tal-petizzjonijiet aktar viżibbli għall-individwi u l-organizzazzjonijiet kollha fl-UE, inklużi l-persuni b'diżabilità; jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar pjan ta' azzjoni dwar l-aċċessibbiltà tal-internet għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konformità tas-siti web tal-UE mal-istandards Ewropej għall-aċċessibbiltà; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE jtejbju l-livell u l-kwalità tal-aċċessibbiltà fil-binjiet kollha tagħhom u l-aċċessibbiltà tal-konsultazzjonijiet pubbliċi tagħhom, inkluż l-interpretazzjoni f'lingwi tas-sinjali internazzjonali u nazzjonali użati fl-UE filwaqt li jipproduċu dokumenti miktuba bil-Braille u b'lingwaġġ faċli biex jinqara;
5. Jissottolinja li l-ġhajxien indipendenti jimxi id f'id mal-libertà li wieħed jagħżel il-post ta' residenza tiegħu<sup>6</sup>, l-edukazzjoni inklużiva<sup>7</sup>, il-garanzija tad-drittijiet demokratiċi<sup>8</sup> bħad-dritt tal-vot<sup>9</sup>, l-aċċess għas-suq tax-xogħol miftuħ b'salarju adegwat<sup>10</sup>, benefiċċji soċjali u sistemi ta' appoġġ adegwati, aċċess għall-infrastrutturi, servizzi u beni pubbliċi, partikolarment il-kura tas-saħħa, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, it-trasport u s-servizzi bankarji, sabiex ħadd ma jitħalla jibqa' lura; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw rikonossiment reċiproku ta' deistituzzjonalizzazzjoni u ġhajxien indipendenti fil-komunità, li jippermetti l-parteċipazzjoni soċjali, u fejn is-servizzi jiġu pprovduti fil-komunità skont ir-rieda u l-preferenza individwali; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jkollhom opportunitajiet indaqs biex jaċċessaw appoġġ adegwat irrispettivament miż-żona fejn jgħixu, kemm jekk urbana kif ukoll jekk rurali jew remota;
6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità, bħal dawk espressi fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament tas-7 ta' Ottubru 2021 dwar il-protezzjoni tal-persuni b'diżabilità permezz tal-petizzjonijiet: tagħlimiet meħuda<sup>11</sup>, inkluż b'mod partikolari l-ħtieġa ta' konverġenza gradwali tad-definizzjonijiet ta' aċċessibbiltà, parteċipazzjoni u ġhajxien ibbażat fil-komunità bħala mezz biex tittejjeb il-koeżjoni fost l-Istati Membri, u tat-8 ta' Lulju 2020 dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità intellettuali fil-kriżi tal-COVID-19<sup>12</sup>; jistieden lill-Kummissjoni tuża l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà bħala bażi biex jiġi adottat qafas robust tal-UE għal ambjent aċċessibbli u inklużiv li jippermetti aċċessibbiltà sħiħa għall-ispazji u s-

<sup>6</sup> Petizzjoni 0988/2020.

<sup>7</sup> Petizzjonijiet 1340/2020 u 1529/2020.

<sup>8</sup> Petizzjoni 1132/2016.

<sup>9</sup> Petizzjoni 1135/2021; Ir-rapport tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Marzu 2019 dwar id-drittijiet reali ta' persuni b'diżabilità li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

<sup>10</sup> Petizzjonijiet 0608/2020 u 1280/2021.

<sup>11</sup> ĠU C 132, 24.3.2022, p. 129.

<sup>12</sup> ĠU C 371, 15.9.2021, p. 6.

servizzi pubbliċi, inklużi s-servizzi tat-trasport pubbliku, tal-komunikazzjoni u dawk amministrattivi u finanzjarji, kif ukoll ambjent mibni kompletament aċċessibbli;

7. Jenfasizza li l-persuni b'diżabilità huma spiss esposti għal forom differenti ta' diskriminazzjoni, fl-oqsma kollha tal-ħajja, partikolarment persuni b'diżabilità intellettuali, psikosoċjali u mentali, u nisa u bniet, migranti u membri tal-komunità LGBTIQ b'diżabilità; jiddispjaci li l-UE ma ħaditx biżżejjed miżuri biex tindirizza l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fil-leġiżlazzjoni u l-politiki tagħha; jitlob li l-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni tittejjeb billi jissaħħu l-korpi tal-ugwaljanza biex jiġu protetti d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u li d-Direttiva orizzontali proposta Kontra d-Diskriminazzjoni, li tipprovdi protezzjoni akbar kontra d-diskriminazzjoni ta' kull tip permezz ta' approċċ orizzontali, tiġi żblukkata fil-Kunsill<sup>13</sup>; jitlob ukoll li jiġi żgurati segwitu adegwat tal-Qafas Ewropew għal Azzjoni dwar is-Saħħa u l-Benesseri Mentali u li jittejjeb il-Kumpass tal-UE għal Azzjoni dwar is-Saħħa u l-Benesseri Mentali;
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni twestaq rieżami trasversali u komprensiv tal-leġiżlazzjoni tal-UE sabiex tiżgura l-armonizzazzjoni sħiħa tagħha mad-dispożizzjonijiet tas-CRPD, inkluż billi tadotta, mingħajr aktar dewmien, pjan li jiddeskrivi fid-dettall l-istrateġija ġenerali biex jintlaħaq dan l-għan;
9. Jišhaq fuq l-importanza vitali li jissaħħu l-azzjonijiet immirati lejn ir-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-persuni b'diżabilità, u li jitneħħa kwalunkwe ostaklu li jżommhom milli jkollhom parteċipazzjoni sħiħa u ugwali fis-soċjetà; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-miżuri kollha għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 fil-livelli nazzjonali u tal-UE jkunu f'konformità sħiħa mas-CRPD;
10. Jikkundanna bis-sħiħ il-vjolenza kontra n-nisa filwaqt li jišhaq fuq l-implikazzjonijiet tagħha tul il-ħajja kollha għas-saħħa fiżika u mentali tagħhom; jinsab allarmat immens dwar il-fatt li l-vjolenza kontra n-nisa thedded is-sigurtà ta' aktar minn 250 miljun mara fl-UE, filwaqt li n-nisa b'diżabilità jiffaċċjaw riskji minn darbtejn sa ħames darbiet oġhla li jsiru vittmi ta' vjolenza; jistieden lill-Kunsill jikkonkludi, bħala kwistjoni ta' prijorità, il-ħidma tiegħu dwar ir-ratifika mill-UE tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) sabiex tissaħħaħ l-azzjoni ġenerali għall-ġlieda kontra l-vjolenza li jiffaċċjaw in-nisa kollha u jiġu appoġġati l-vittmi kollha, u b'hekk jingħata kontribut ukoll għall-implimentazzjoni adegwata tas-CRPD u tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa;
11. Jenfasizza li l-persuni b'diżabilità spiss jiffaċċjaw ostakli sproporzjonati fl-eżerċizzju tad-dritt tagħhom għall-moviment liberu għal raġunijiet ta' xogħol; jinnota li ma hemm l-ebda rikonossiment reċiproku tal-istatus ta' diżabilità bejn l-Istati Membri; jitlob li tinholq karta tad-diżabilità tal-UE li għandha tiġi rikonossuta fl-Istati Membri kollha, biex tkopri l-oqsma kollha tal-ħajja, inkluż it-trasport, u jistieden lill-Kummissjoni testendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-karta tad-diżabilità tal-UE biex tiżgura l-libertà tal-moviment għall-persuni b'diżabilità;

---

<sup>13</sup> Petizzjonijiet 0164/2020 u 0226/2021.

12. Jirrimarka li t-tħassib l-aktar komuni tal-petizzjonanti fir-rigward tad-drittijiet ugwali tal-persuni b'diżabilità jirrigwarda l-aċċessibbiltà u l-protezzjoni soċjali, flimkien mad-drittijiet tax-xogħol u d-dritt li wieħed jgħix b'mod indipendenti fil-komunità; jinsab estremament imħasseb li l-persuni b'diżabilità għadhom affettwati b'mod sproporzjonat mill-qgħad; jissottolinja l-ħtieġa urġenti li titwettaq riċerka dwar workshops protetti u li jinkiseb għarfien dwar kemm-il persuna b'diżabilità, inklużi n-nisa b'diżabilità, ikunu impjegati fis-suq tax-xogħol miftuħ; jenfasizza li l-workshops protetti għandu jkollhom l-għan li jirrispettaw id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u jservu bħala pass lejn l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol miftuħ u t-tranżizzjoni għalih; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Istati Membri jintroduċu miżuri proattivi u joffru inċentivi għal negozji li jimpjegaw lil persuni b'diżabilità sabiex jitravwem post tax-xogħol inklużiv; ifakkar li l-kriżi tal-COVID-19 rawmet ix-xogħol remot, li jista' jipprevedi aċċess usa' għall-impjeg għall-persuni b'diżabilità; jisħaq, madankollu, li dan m'għandux inaqqas l-opportunitajiet għall-persuni b'diżabilità biex jaħdmu fil-post tax-xogħol tagħhom, peress li, inkella, iċaħħadhom mil-libertà tal-għażla tagħhom u potenzjalment iwassal għal tnaqqis fl-aċċessibbiltà tal-ambjent mibni u tat-trasport; iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu miżuri serji biex jindirizzaw il-qgħad u d-differenza fil-pagi, b'mod partikolari għan-nisa b'diżabilità<sup>14</sup>;
13. Ifakkar li sabiex jiġu żviluppati politiki xierqa u effettivi u jinstabu soluzzjonijiet imfassla apposta għall-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità fl-UE fid-diversità kollha tagħhom, hemm bżonn ta' data komparabbli u affidabbli tal-UE; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi tagħhom għall-istabbiliment ta' qafas komuni għal statistika Ewropea dwar individwi u unitajiet domestiċi sabiex jiġbru data affidabbli dwar il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità, diżaggregata wkoll skont il-ġeneru, fid-diversi livelli u tipi ta' edukazzjoni u xogħol u fil-ħajja soċjali;
14. Jisħaq li hemm ħtieġa urġenti li jsiru studju u riċerka biex tinġabar data diżaggregata skont tipi differenti ta' diżabilità u ostakli differenti li jiffaċċjaw il-gruppi differenti ta' persuni b'diżabilità, b'mod partikolari meta jippruvaw jaċċessaw is-suq tax-xogħol, li jtejjeb ħafna l-fehim ta' kif il-qgħad jaffettwa lill-persuni b'diżabilità u jgħin lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-għan u fl-isforzi tagħhom biex itejbu l-eżiti tas-suq tax-xogħol għall-persuni b'diżabilità fl-UE;
15. Jisħaq li l-ispiża neċessarja għall-għajxien b'diżabilità hija waħda mill-akbar sfidi li jiffaċċjaw il-persuni b'diżabilità; jissottolinja, f'dan ir-rigward, ħtieġa urġenti li tinġabar data biex tiġi analizzata aktar il-kwistjoni tal-ispejjeż neċessarji għall-għajxien għall-persuni b'diżabilità; jisħaq li din id-data se tgħin biex wieħed jifhem għaliex il-persuni b'diżabilità jiġu tant affettwati b'mod sproporzjonat mill-faqar, u għaliex il-kwistjoni relatata mat-telf tal-benefiċċju tad-diżabilità meta persuna tibda' taqla' paga tista' tkun tant problematika u perikoluża; jissottolinja li t-telf tal-benefiċċju tad-diżabilità wara li wieħed jibda jwettaq xogħol bi ħlas hija waħda mir-raġunijiet ewlenin għaliex il-persuni b'diżabilità ma jistgħux jittrasferixxu ruħhom faċilment fis-suq tax-xogħol, u din togġihom fl-akbar riskju ta' faqar fost dawk li jaħdmu;
16. Ifakkar fl-għadd għoli ta' ċittadini tal-UE li ġew imċaħħda mid-dritt tagħhom li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet, inklużi fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, minħabba

---

<sup>14</sup> Petizzjonijiet 0608/2020, 1139/2021, 0226/21 u 0070/2022.

d-diżabilità tagħhom jew il-problemi ta' saħħa mentali tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, speċjalment fid-dawl tal-elezzjonijiet Ewropej li jmiss fl-2024, biex taħdem mal-Istati Membri fin-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet biex tigarantixxi d-drittijiet demokratiċi tal-persuni b'diżabilità, inklużi l-persuni b'diżabilità intellettuali u psikosoċjali, billi tiżgura li l-proċeduri, il-materjali u l-faċilitajiet ta' votazzjoni jkunu faċli biex jiġu aċċessati u tiġi promossa b'mod attiv il-parteċipazzjoni fil-ħajja pubblika u politika;

17. Jissottolinja li r-riforma tal-liġi elettorali tal-UE tipprovdi rispons inizjali għall-ħtieġa li jiġi garantit id-dritt tal-vot għal persuni b'diżabilità fl-Istati Membri kollha;
18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu kwoti fil-postijiet tax-xogħol tas-settur pubbliku u tas-settur privat għall-persuni b'diżabilità sabiex jitrawwem post tax-xogħol inklużiv;
19. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jtejbu l-aċċessibbiltà tal-bini, it-trasport u l-komunikazzjoni, inkluża l-aċċessibbiltà tal-internet, u jneħħu l-ostakli fiżiċi, diġitali, loġistiċi u soċjali fl-oqsma kollha sabiex jiproteġu bis-siħ id-drittijiet fundamentali kollha tal-persuni b'diżabilità, filwaqt li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni attiva u ugwali tagħhom fis-soċjetà; ifakkar li l-Istati Membri jeħtiġilhom iħaffu t-traspożizzjoni tal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà<sup>15</sup>; jistieden lill-Kummissjoni tuża l-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida biex tippromwovi u tappoġġa soluzzjonijiet għall-akkomodazzjoni, ibbażati fuq approċċ ta' disinn għal kulħadd, li jippermetti lill-persuni b'diżabilità jgħixu d-dar u jibqgħu attivi fis-soċjetà;
20. Jistieden lill-Istati Membri jimplementaw bis-siħ u jimmonitorjaw b'mod kontinwu l-leġislazzjoni kollha relatata mal-aċċessibbiltà, inkluża d-Direttiva (UE) 2019/882 (l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà) sabiex b'mod effettiv u definittiv ineħħu u jipprevjenu l-ostakli għall-ħaddiema b'diżabilità, u jtejbu u jiżguraw id-disponibbiltà ta' servizzi aċċessibbli u l-adeqwatezza tal-kundizzjonijiet li jirregolaw il-provvista ta' dawn is-servizzi; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Istati Membri jikkunsidraw, meta jittrasponu l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà fil-leġislazzjoni nazzjonali, l-interkonnnettività bejn l-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-aċċessibbiltà tal-ambjent mibni;
21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-eliminazzjoni tal-ostakli arkitettoniċi kemm ġewwa kif ukoll barra l-bini, u fl-ispazji pubbliċi u privati kollha; jirrakkomandahom ukoll biex jiżguraw li ma jinħoloq l-ebda ostaklu ġdid għall-aċċessibbiltà tal-persuni b'diżabilità fi kwalunkwe post;
22. Ifakkar lill-Istati Membri li l-ġhajxien indipendenti, is-servizzi soċjali u tal-impjegi ta' kwalità, il-protezzjoni soċjali adegwata u ekonomija soċjali msaħħa huma indispensabbli għall-ġhajxien deċenti għall-persuni kollha b'diżabilità, kif enfasizzat fl-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030;
23. Ifakkar li l-aċċessibbiltà għandha timxi id f'id ma' infrastruttura adegwata; iħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-infiq mill-FSE+, il-FEŻR u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta għall-adattament tal-infrastruttura pubblika, inklużi t-trasport u l-ispazji pubbliċi għal

---

<sup>15</sup> Petizzjonijiet 0954/2019, 1491/2020, 1135/21 u 1213/2021.

kulħadd;

24. Jisħaq li l-leġiżlazzjoni fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE tippromwovi għajxien indipendenti, iżda hemm lakuna serja fl-implimentazzjoni, speċjalment fiż-żoni rurali;
25. Ifakkar li l-petizzjonanti enfasizzaw ripetutament il-limitazzjonijiet f'termini ta' aċċess għall-edukazzjoni għall-persuni b'diżabilità, speċjalment matul kriżijiet bħall-pandemija tal-COVID-19; jissottolinja li t-tfal b'diżabilità, inklużi dawk b'diżabilità intellettuali, għandhom id-dritt għal edukazzjoni inklużiva fuq l-istess livell bħal tfal oħra, inkluż l-possibbiltà li jaċċessaw skejjel ġenerali, kif stipulat fl-Artikolu 24 tas-CRPD, b'mod partikolari fi stabbilimenti tal-edukazzjoni fejn l-istudenti ta' kull ħila jitgħallmu flimkien fl-istess ambjent tal-klassi, f'konformità mal-ħtieġa tas-sistemi edukattivi li jadattaw għall-ħtiġijiet tat-tfal b'diżabilità, u mhux viċi versa; ifakkar, f'dan il-kuntest, fil-ħtieġa li jsiru aġġustamenti raġonevoli u li jiġi pprovdut għadd adegwat ta' għalliema u edukaturi; jistieden lill-Istati Membri jkomplu jżidu l-kapaċità tas-sistemi edukattivi tagħhom biex jipprovdu edukazzjoni aċċessibbli ta' kwalità għolja għall-istudenti kollha billi jippromwovu miżuri speċifiċi u appoġġ personalizzat, bħal kurrikuli aċċessibbli u mfassla apposta, u jiżguraw li, fejn possibbli, jitfasslu u jintużaw l-għodod diġitali aċċessibbli<sup>16</sup>; iħeġġeġ lill-Istati Membri jżommu lura milli jissegregaw lill-istudenti u jipprovdu appoġġ finanzjarju u speċjalizzat suffiċjenti għall-edukazzjoni inklużiva fl-iskejjel, fl-edukazzjoni tat-tielet livell u fil-programmi (inklużi l-Erasmus+, id-DiscoverEU u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà);
26. Jitlob li tinġabar data relatata mad-diżabilità madwar l-UE kollha b'approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u data relatata mal-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq persuni b'diżabilità sabiex tiġi pprovduta l-evidenza meħtieġa biex jiżiedu valutazzjonijiet rapidi u jiġu żviluppati b'mod urġenti strateġiji u jthejjew interventi flimkien mal-Istati Membri biex jindirizzaw ir-reazzjonijiet negattivi f'termini tad-drittijiet u l-iżvilupp osservati minħabba l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konteniment tal-COVID-19;
27. Jenfasizza li t-tfal b'diżabilità għadhom irrappreżentati b'mod sproporzjonat fil-kura istituzzjonali, jibqgħu f'istituzzjonijiet fuq bażi fit-tul jew permanenti, u jiffaċċjaw livelli għoljin ta' diskriminazzjoni u negliġenza;
28. Ifakkar li l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 tippromwovi l-ħolqien ta' Karta tad-Diżabilità tal-UE sa tmiem l-2023, li għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri kollha; jissottolinja l-importanza ta' azzjoni rapida f'termini ta' implimentazzjoni tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità<sup>17</sup>; jinsab konvint li din il-Karta se tkun strument importanti ħafna biex tgħin lill-persuni b'diżabilità jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu f'Ewropa mingħajr ostakli, u li għaldaqstant għandha tkun obbligatorja fl-Istati Membri kollha;
29. Huwa ferm imħasseb dwar ir-rati għolja ta' qgħad fost il-persuni b'diżabilità, speċjalment fost in-nisa, meta mqabbla ma' gruppi oħra fl-UE;
30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvestu fit-taħriġ ta' professjonisti fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità; itenni li l-implimentazzjoni tal-programmi

<sup>16</sup> Petizzjonijiet 0956/2018 u 1340/2020.

<sup>17</sup> Petizzjoni 1249/2014.



ta' finanzjament rilevanti tal-UE u l-allokkazzjoni tal-fondi fil-qafas ta' dawn il-programmi għandhom jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn edukazzjoni inklużiva; jisħaq li l-persuni b'diżabilità għandhom jiġu garantiti l-aċċess għall-edukazzjoni, anki waqt kriżijiet bħall-pandemija tal-COVID-19 u oħrajn, u li l-Istati Membri għandhom jindirizzaw il-forom kollha ta' diskriminazzjoni u esklużjoni f'dan il-qasam;

31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jneħħu kwalunkwe ostaklu fiżiku, legali u pedagoġiku li jimpedixxi l-aċċess ugwali għall-ambjenti tal-apprendiment u tat-tagħlim għall-għalliema u għall-istudenti b'diżabilità u ħtiġijiet speċjali;
32. Itenni li l-persuni b'diżabilità, inklużi dawk b'diżabilità intellettuali u psikosoċjali, għandu jkollhom id-dritt għall-ogħla stat ta' saħħa fiżika kif ukoll mentali u aċċess għall-kura tas-saħħa, mingħajr diskriminazzjoni, tal-istess ambitu u kwalità bħal ċittadini oħra tal-UE<sup>18</sup>; jesprimi dispjaċir għall-inġustizzja fl-aċċess għall-valutazzjoni għal diżabilitajiet moħbija, bħal diżabilitajiet speċifiċi ta' tagħlim bħad-dislessija u d-dyscalculia; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw linji gwida komuni dwar id-diżabilità fl-apprendiment u jimplimentaw politiki edukattivi inklużivi li jiżguraw aċċess ugwali għall-istudenti b'diżabilità; jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw li jaqilbu għal skemi ta' teħid ta' deċiżjonijiet appoġġati pjuttost milli jċaħħdu persuni b'insuffiċjenza intellettuali mill-kapaċità ġuridika tagħhom li jieħdu deċiżjonijiet;
33. Jisħaq li matul il-pandemija tal-COVID-19, haġġu lakuni serji fil-kapaċità u fit-tnejn tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura soċjali ta' diversi Stati Membri biex jappoġġaw b'mod adegwat lill-persuni b'diżabilità, inklużi dawk b'diżabilità mentali, minħabba nuqqas ta' riżorsi, governanza dgħajfa u involviment inadegwat tal-persuni b'diżabilità fl-ippjanar ta' miżuri biex jiġi miġġieled it-tixrid tal-virus u tiġi pprovduta l-assistenza meħtieġa; jemmen bis-sħiħ li l-Istati Membri jeħtiġilhom itejbu ħafna s-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura soċjali tagħhom billi jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti kollha sabiex jiżguraw li, anke matul kriżi, jingħata appoġġ sħiħ lil kulħadd, u b'mod partikolari lil dawk l-aktar vulnerabbli, u b'hekk jiġu protetti b'mod adegwat id-drittijiet tas-saħħa u soċjali ta' kulħadd;
34. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti ta' leġiżlazzjoni tal-UE mmirata lejn il-protezzjoni ta' ċittadini kontra kull forma ta' diskriminazzjoni fl-UE u jqis li dan huwa indispensabbli għal implimentazzjoni korretta tal-politiki tas-CRPD; jappella għall-adozzjoni tad-Direttiva orizzontali tal-UE Kontra d-Diskriminazzjoni mressqa mill-Kummissjoni fl-2008; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta soluzzjoni alternattiva sabiex nimxu 'l quddiem fl-indirizzar tad-diskriminazzjoni madwar l-UE, fl-oqsma kollha tal-ħajja, kemm jista' jkun malajr;
35. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi s-sett ta' miżuri rakkomandati mill-Ombudsman Ewropew fl-inkjesta tagħha fil-każ OI/2/2021/MHZ<sup>19</sup> li għandu l-għan li jiżgura li l-użu mill-Istati Membri tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment tal-UE kif ukoll tal-fondi taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jkunu konformi mal-obbligi tal-UE, skont is-CRPD, biex jiġi promoss id-dritt tal-persuni b'diżabilità għal għajxien indipendenti;

<sup>18</sup> Petizzjonijiet 0687/2020 u 0470/2020.

<sup>19</sup> <https://www.ombudsman.europa.eu/mt/decision/mt/155353>



36. Jisħaq li l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex isaħħu l-protezzjoni tal-persuni b'diżabilità kontra d-diskriminazzjoni;
37. Jenfasizza l-importanza tal-proċessi leġiżlattivi li għaddejjin biex jiġu rregolati l-pjattaformi u s-servizzi diġitali u l-intelliġenza artifiċjali peress li dawn jirrigwardaw id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità; jissottolinja l-importanza kbira biex jiġi żgurat aħjar li din il-leġiżlazzjoni tikkonforma mas-CRPD u ttejjeb l-aċċessibilità tat-teknoloġiji diġitali għall-persuni b'diżabilità;
38. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq aġġornament komprensiv tal-istrateġija tal-UE tad-diżabilità u tal-programmi ta' finanzjament bil-għan li jikkonformaw bis-siġħ mas-CRPD billi jiġu involuti b'mod kostruttiv l-organizzazzjonijiet għall-persuni b'diżabilità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvolvu lill-organizzazzjonijiet għall-persuni b'diżabilità fid-djalogu u fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030;
39. Jissottolinja li l-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tad-Diżabilità dan l-aħħar skopra li l-persuni b'diżabilità fl-Ungerija ma għandhomx mekkaniżmu biex jieħdu deċiżjonijiet awtonomi minħabba d-diżabilitajiet tagħhom, u rakkomandaw li l-Ungerija temenda l-leġiżlazzjoni tagħha biex tiżgura li l-mekkaniżmi ta' teħid ta' deċiżjonijiet appoġġati mill-pajjiż jirrispettaw id-dinjità, l-awtonomija, ir-rieda u l-preferenzi tal-persuni b'diżabilità fl-eżerċitar tal-kapaċità legali tagħhom; jenfasizza li l-Kumitat saħaq ukoll fuq l-importanza li jiġi pprovdut appoġġ lill-persuni b'diżabilità biex jgħixu b'mod indipendenti u ugwali ma' oħrajn fil-komunità, irrispettivament mit-tip ta' diżabilità tagħhom, li jissuġġerixxi li l-Ungerija tfassal mill-ġdid il-miżuri tagħha u terġa' tagħti direzzjoni lill-isforz u lill-bagijs tagħha f'servizzi ta' appoġġ ibbażati fil-komunità; huwa konvint bis-siġħ li l-awtoritajiet Ungeriżi jeħtiġilhom jimplimentaw bis-siġħ, b'mod konsistenti u rapidu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat;
40. Ifakkar lill-Istati Membri dwar l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 11.7 tan-NU, li l-għan tiegħu huwa li sal-2030 jipprovi aċċess universali għal spazji ekoloġiċi u pubbliċi sikuri, inklużivi u aċċessibbli, b'mod partikolari għat-tfal u n-nisa, il-persuni b'diżabilità u l-persuni akbar fl-età;
41. Ihegġegħ lill-Istati Membri jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jkunu involuti fil-proċess tat-tfassil tal-politika mingħajr ebda restrizzjoni; jinnota li s-CRPD tirrikjedi l-involviment siġħ fit-tfassil tal-politika, li jfisser li l-persuni b'diżabilità jitħallew jipparteċipaw u jkunu rappreżentati fil-formulazzjoni tal-politika u fit-teħid ta' deċiżjonijiet fl-oqsma kollha fil-livell tal-UE, nazzjonali u lokali, f'konformità mal-prinċipju tal-integrazzjoni tad-diżabilità;
42. Ihegġegħ reviżjoni rapida tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi bil-ħsieb li din tiġi armonizzata bis-siġħ mad-dispożizzjonijiet tas-CRPD u li jiġi implimentat proċess parteċipattiv immirat biex jiżgura l-involviment dirett u siġħ tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi, u rappreżentanza siġħa tas-soċjetà ċivili fil-forma ta' organizzazzjonijiet għal persuni b'diżabilità fil-proċess ġenerali tat-teħid ta' deċiżjonijiet;
43. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu r-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tat-teknoloġija aċċessibbli sabiex tissaħħaħ l-inklużività għall-persuni b'diżabilità;

44. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvestu fl-infrastrutturi edukattivi pubbliċi kif ukoll fit-taħriġ u l-apprendiment professjonali għall-forza tax-xogħol fis-settur tal-edukazzjoni sabiex jiżguraw li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-apprendiment u tal-iżvilupp tat-tfal u tal-istudenti b'diżabilità;
45. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw u jippromwovu, skont l-Artikolu 30 tas-CRPD, id-dritt tal-persuni b'diżabilità li jipparteċipaw fil-ħajja kulturali, inkluż billi jkollhom aċċess għal materjali kulturali f'formati aċċessibbli u għal programmi tat-televiżjoni, films, teatru u attivitajiet kulturali oħra f'formati aċċessibbli; jenfasizza l-importanza li tittejjeb l-aċċessibbiltà għal siti ta' wirt kulturali għall-persuni b'diżabilità;
46. Ifakkar li t-tagħlimiet meħuda mill-pandemija dwar kif il-kultura kienet ta' benefiċċju għall-persuni b'diżabilità, kif ukoll għas-soċjetà ġenerali, għandhom iwasslu għal appoġġ ulterjuri għall-aċċess għall-kultura mill-persuni b'diżabilità billi jiġu żgurati fondi rilevanti speċifiċi u jiġi estiż l-aċċess għall-finanzjament għall-attivitajiet kulturali mill-persuni b'diżabilità orizzontalment, f'kemm jista' jkun programmi ta' finanzjament tal-UE possibbli, filwaqt li jiġi żgurat li fi kriżijiet futuri possibbli diġà se jkun hemm stabbilti mekkaniżmi biex jiġi żgurat aċċess adegwat għall-kultura għall-persuni b'diżabilità, kif meħtieġ.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	13.7.2022
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ :                    21 - :                    0 0 :                    3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alex Agius Saliba, Andris Ameriks, Alexander Bernhuber, Eleonora Evi, Agnès Evren, Gheorghe Falcă, Ibán García Del Blanco, Vlad Gheorghe, Peter Jahr, Radan Kanev, Stelios Kypouropoulos, Cristina Maestre Martín De Almagro, Dolors Montserrat, Ulrike Müller, Frédérique Ries, Loránt Vincze, Michal Wiezik, Tatjana Ždanoka
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mara Bizzotto, Jarosław Duda, Angel Dzhambazki, Maite Pagazaurtundúa
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mazaly Aguilar, Francisco Guerreiro

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

21	+
NI	Tatjana Ždanoka
PPE	Alexander Bernhuber, Jarosław Duda, Agnès Evren, Gheorghe Falcă, Peter Jahr, Radan Kanev, Stelios Kympouropoulos, Dolors Montserrat, Loránt Vincze
Renew	Vlad Gheorghe, Ulrike Müller, Maite Pagazaurtundúa, Frédérique Ries, Michal Wiezik
S&D	Alex Agius Saliba, Andris Ameriks, Ibán García Del Blanco, Cristina Maestre Martín De Almagro
Verts/ALE	Eleonora Evi, Francisco Guerreiro

0	-

3	0
ECR	Mazaly Aguilar, Angel Dzhambazki
ID	Mara Bizzotto

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

17.5.2022

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI

Is-Sur Juan Fernando López Aguilar  
President  
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern  
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar "Lejn drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità" (2022/2026(INI))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Jannar 2022, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Huwa eżamina l-kwistjoni waqt il-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Ottubru 2021 u adotta l-opinjoni matul din l-istess laqgħa<sup>1</sup>.

Dejjem tiegħek,

Sabine Verheyen

---

<sup>1</sup> Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Sabine Verheyen (President u rapporteur għal opinjoni), Dace Melbārde (Viċi President), Victor Negrescu (Viċi President), Michaela Šojdrová (Viċi President), Asim Ademov, Christine Anderson, Andrea Bocskor, Ilana Cicurel, Gianantonio Da Re, Laurence Farreng, Tomasz Frankowski, Alexis Georgoulis, Catherine Griset, Sylvie Guillaume, Hannes Heide, Irena Joveva, Petra Kammerevert, Niyazi Kizilyürek, Elżbieta Kruk, Peter Pollák, Diana Riba i Giner, Marcos Ros Sempere, Domènec Ruiz Devesa, Monica Semedo, Andrey Slabakov, Massimiliano Smeriglio, Sabine Verheyen, Viola Von Cramon-Taubadel, Maria Walsh, Theodoros Zagorakis, Milan Zver.

## SUĠĠERIMENTI

- A. Jissottolinja r-rwol fundamentali li għandhom l-edukazzjoni, il-kultura u l-isport fl-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità u bħala għodda biex jitravmu s-sodisfazzjon personali sħiħ u l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-soċjetà;
- B. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-investimenti u jużaw l-opportunitajiet ta' finanzjament ipprovduti mill-Erasmus+ u l-azzjonijiet ewlenin tiegħu bħall-Akkademji tal-Għalliema, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-programmi Ewropa Kreattiva biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn il-persuni b'diżabilità u dawk mingħajr diżabilità; ifakkar fid-dimensjoni inklużiva qawwija ta' dawn it-tliet programmi u l-effett multiplikatur tagħhom għall-politiki Ewropej u nazzjonali dwar id-diżabilità;
- C. Huwa mħasseb li l-pandemija tal-COVID-19 żiedet id-diffikultajiet għall-istudenti b'diżabilità fir-rigward tal-aċċess għall-edukazzjoni u wriet li l-kunċett ta' edukazzjoni inklużiva għadu mhuwiex realtà f'hafta Stati Membri; jistieden lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċifika lill-ħtiġijiet tal-istudenti b'diżabilità fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-edukazzjoni tagħhom; ifakkar, f'dan il-kuntest, li enfasi wieħed tal-Qafas Strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (ŻEE) (2021-2030) huwa fuq l-edukazzjoni inklużiva u t-tagħlim tul il-ħajja;
- D. Jinsisti mal-Istati Membri li għandhom jagħtu prijorità lill-miżuri ta' prevenzjoni, identifikazzjoni bikrija u riabilitazzjoni fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li jippromwovu approċċ imfassal apposta u komunitarju għall-integrazzjoni u r-rikonossiment ta' persuni bi kwalunkwe tip ta' diżabilità jew differenzi fit-tagħlim;
- E. Jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati politiki biex ikun żgurat li l-persuni b'diżabilità jkollhom l-istess opportunitajiet u aċċess għal edukazzjoni diġitali ta' kwalità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji speċifiċi ta' inklużjoni għall-istudenti b'diżabilità u jżidu l-isforzi tagħhom fil-preżentazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar kif l-istudenti b'diżabilità jistgħu jiġu integrati aħjar fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ;
- F. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw fl-oqsma tal-ICT li jistgħu jgħibu benefiċċji reali għall-persuni b'diżabilità u s-servizzi ta' appoġġ u tas-saħħa relatati; jitlob li l-inizjattivi tal-ICT meħuda matul il-COVID-19 jiġu evalwati u użati biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-edukazzjoni għall-persuni b'diżabilità;
- G. Jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu l-ostakli għall-persuni b'diżabilità fir-rigward tal-involviment fid-divertiment, fil-kultura u fl-isport, u jiżviluppaw politiki mfassla apposta biex jippromwovu aċċess aħjar għall-attivitajiet kulturali u fiżiċi u parteċipazzjoni usa' fihom u jippromwovu infrastrutturi sportivi aċċessibbli; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu kondiviżi prattiki tajba b'mod strutturat, pereżempju billi tiġi stabbilita pjattaforma ddedikata;
- H. Jenfasizza l-importanza ta' kampanji edukattivi u ta' sensibilizzazzjoni fost il-popolazzjoni ġenerali u ta' taħriġ speċjalizzat għall-atturi rilevanti dwar id-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità, speċjalment fir-rigward tal-edukazzjoni, it-taħriġ u d-dħul fis-suq tax-xogħol;
- I. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jkunu rappreżentati b'mod ġust fil-media u jfakkar fil-ħtieġa ta' implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva dwar is-



Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tagħha li jikkonċernaw il-persuni b'diżabilità.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	17.11.2022
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 44 -: 1 0: 5
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Vladimír Bilčík, Malin Björk, Vasile Blaga, Ioan-Rareş Bogdan, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Caterina Chinnici, Clare Daly, Lena Düpont, Nicolaus Fest, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Nadine Morano, Javier Moreno Sánchez, Theresa Muigg, Emil Radev, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Yana Toom, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jadwiga Wiśniewska, Javier Zarzalejos
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Anne-Sophie Pelletier, Silvia Sardone, Róża Thun und Hohenstein, Dragoş Tudorache, Miguel Urbán Crespo, Petar Vitanov
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jordi Cañas, Radan Kanev, David Lega, Javier Nart

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

44	+
PPE	Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareș Bogdan, Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Düpont, Radan Kanev, David Lega, Jeroen Lenaers, Nadine Morano, Emil Radev, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Javier Zarzalejos
RENEW	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Jordi Cañas, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Javier Nart, Róża Thun und Hohenstein, Yana Toom, Dragoș Tudorache
S&D	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Caterina Chinnici, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Theresa Muigg, Isabel Santos, Birgit Sippel, Petar Vitanov
THE LEFT	Malin Björk, Clare Daly, Anne-Sophie Pelletier, Miguel Urbán Crespo
VERTS/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

1	-
ID	Nicolaus Fest

5	0
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska
ID	Silvia Sardone

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni